Parlament Ewropew
2019-2024

Dokument ta' sessjoni

A9-0331/2023

3.11.2023

RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteurs: Andreas Schieder, Seán Kelly
Rapporteurs għall-opinjonijiet tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Frances Fitzgerald, Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
Dragoş Pîslaru, Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Pascal Canfin, Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Dan Nica, Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija
Anna Cavazzini, Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur
Martin Hlaváček, Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali
João Albuquerque, Kumitat għas-Sajd
Laurence Farreng, Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
Katarina Barley, Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PR_INI_ImplReport

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET 41

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI...........46

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI.....................56

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA 62

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR 68

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI 74

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI.............79

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD 86

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.............................93

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN 104

ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS 111

ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL 113

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI..............120

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI 121

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni fuq il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[1] (l-"FKK"),

– wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[2] ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") inkluż il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq mehmuż miegħu ("il-Protokoll"),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 524 tal-FKK,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2022 dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq: l-1 ta' Jannar – il-31 ta' Diċembru 2021 (COM(2022)0126),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2023 dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq: l-1 ta' Jannar – il-31 ta' Diċembru 2022 (COM(2023)0118),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020 dwar il-mandat propost għal negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[3] fir-rigward ta' Ġibiltà u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2021 li tawtorizza n-negozjati dwar Ġibiltà,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Jannar 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2022[4] u dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2022[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2023 dwar ir-rapport ta'

[1] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.
[2] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.
[3] ĠU C 294, 23.7.2021, p. 18.
[4] ĠU C 214, 16.6.2023, p. 26.
[5] ĠU C 214, 16.6.2023, p. 54.

implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE[6],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/657 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi r-regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[7],

– wara li kkunsidra l-laqgħat u l-pożizzjonijiet tal-Assemblea Parlamentari ta' Sħubija (PPA) UE-Renju Unit, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni mill-Kopresidenti u r-rakkomandazzjoni lill-Kunsill ta' Sħubija dwar l-isforzi komuni bejn l-UE u r-Renju Unit biex jappoġġja lill-Ukrajna u l-kooperazzjoni effettiva dwar is-sanzjonijiet, it-tnejn adottati matul it-tielet sessjoni tiegħu fi Brussell fit-3 u l-4 ta' Lulju 2023, kif ukoll ir-rakkomandazzjoni adottata fit-8 ta' Novembru 2022 dwar il-kooperazzjoni fl-enerġija bejn l-UE-Renju Unit,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Novembru 2018, ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2020 dwar il-mandat propost għal negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[8], fir-rigward ta' Ġibiltà u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 li tawtorizza n-negozjati dwar Ġibiltà,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet u l-Protokolli tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), b'mod partikolari l-istrumenti fundamentali tal-ILO,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-Kumitat għas-Sajd, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

– wara li kkunsidra l-ittri mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-

[6] Testi adottati, P9_TA(2023)0080.
[7] ĠU L 83, 22.3.2023, p. 1.
[8] ĠU C 294, 23.7.2021, p. 18.

Kummerċ Internazzjonali (A9-0331/2023),

A. billi l-FKK ikopri firxa wiesgħa ta' oqsma inklużi l-enerġija, is-sajd, il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, l-infurzar tal-liġi, il-kummerċ, it-trasport u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, billi jipprovdu bażi komprensiva għar-relazzjoni bejn il-partijiet, jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jżommu standards għoljin f'oqsma bħad-drittijiet tal-ħaddiema, il-kompetizzjoni ġusta, l-għajnuna mill-Istat, il-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet fundamentali;

B. billi s-settur kulturali u kreattivi mhumiex inklużi fl-FKK, li jsemmi t-terminu "edukazzjoni" biss fir-rigward taċ-ċibersigurtà u l-ħtieġa li ċ-ċittadini jiġu edukati dwar sfidi relatati;

C. billi, bħala konsegwenza tal-Brexit, iċ-ċittadini tal-UE li jistudjaw fir-Renju Unit ma jistgħux jibbenefikaw aktar minn "miżati tad-dar", iżda jeħtiġilhom iħallsu miżati għat-tagħlim ogħla bħala studenti internazzjonali, u li dan jagħmilha għalja immens għall-maġġoranza l-kbira tagħhom, u, b'mod partikolari, jippenalizza speċjalment lill-istudenti żgħażagħ bi sfond żvantaġġat soċjalment;

D. billi l-iskambji taż-żgħażagħ u tal-iskejjel ġew affettwati serjament mill-Brexit; billi kien hemm tnaqqis ta' 50 % fiċ-ċittadini tal-UE li daħlu fl-universitajiet tar-Renju Unit bejn l-2020 u l-2022;

E. billi r-Renju Unit iddeċieda li ma jkunx parti mill-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-2021-2027 jew mill-programm Ewropa Kreattiva tal-2021-2027;

F. billi l-libertà tal-moviment kienet ta' benefiċċju għas-segmenti kollha tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż is-settur awdjoviżiv, il-festivals, il-kumpaniji tal-ġiti turistiċi, il-baned, l-orkestri, il-kumpaniji taż-żfin u tat-teatru, kemm mill-UE kif ukoll mir-Renju Unit; Billi l-FKK japplika eċċezzjoni kulturali, minbarra s-servizzi awdjoviżivi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, minkejja li l-UE u r-Renju Unit jikkondividu ħafna mill-istess valuri fl-oqsma tal-kultura u l-edukazzjoni;

G. billi r-Renju Unit għadu parti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Transfruntieri, u xogħlijiet awdjoviżivi li joriġinaw fir-Renju Unit huma meqjusa bħala "xogħlijiet Ewropej" għall-finijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva[9] f'konformità mal-Artikolu 1(1), punt (n) u paragrafu 3; billi r-Renju Unit implimenta l-AVMSD matul il-perjodu ta' tranżizzjoni peress li din il-leġiżlazzjoni kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE miżmum;

H. billi l-FKK jonqos milli jiżviluppa d-dimensjoni territorjali tar-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE; billi l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jvarja fost ir-reġjuni tal-UE u l-impatt tal-FKK fil-livell reġjonali u lokali għadu mhux magħruf; billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE kellu impatt negattiv fuq ir-reġjuni u s-sħab involuti fil-proġetti Interreg u jipperikola l-kooperazzjoni territorjali u transfruntiera u r-relazzjonijiet eżistenti bejn ir-reġjuni u l-bliet differenti tal-UE u tar-Renju Unit inġenerali;

[9] Id-Direttiva dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

I. billi l-FKK ma jkopri l-ebda deċiżjoni dwar l-ekwivalenza għas-servizzi finanzjarji, l-adegwatezza tar-reġim tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit, il-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi, jew ir-reġim sanitarju u fitosanitarju tar-Renju Unit;

J. billi l-fornituri tas-servizzi tar-Renju Unit, inkluż fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, m'għadhomx jibbenefikaw mill-qafas ta' "pajjiż tal-oriġini" jew mill-"passaportar", li jippermetti aċċess awtomatiku għas-suq uniku kollu tal-UE;

K. billi l-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-FKK jikkostitwixxu qafas komuni għar-relazzjoni tar-Renju Unit mal-UE; billi ż-żewġ ftehimiet intlaħaq qbil dwarhom u ġew ratifikati mill-UE u mir-Renju Unit u huma trattati legalment vinkolanti skont id-dritt internazzjonali; billi r-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit trid tkun ibbażata fuq ir-rispett sħiħ għal dawn l-impenji internazzjonali u l-applikazzjoni effettiva tagħhom;

L. billi l-implimentazzjoni tal-FKK hija direttament marbuta mal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq; billi l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu ġiet imdewma filwaqt li l-UE u r-Renju Unit kienu qed isibu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi prattiċi maħluqa fl-implimentazzjoni tal-Protokoll li jirriżultaw mill-Brexit;

M. billi l-Qafas ta' Windsor jindirizza l-isfidi li qamu fl-operat tal-Protokoll dwar ir-Repubblika tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq matul l-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni tiegħu u joħloq ċertezza legali, u għalhekk iwitti t-triq għal implimentazzjoni sħiħa; billi l-Ftehim ta' Windsor ikopri firxa wiesgħa ta' oqsma, bħad-dwana, is-settur agroalimentari, il-mediċini, l-għajnuna mill-Istat, il-VAT u d-dazji tas-sisa; jilqa' l-gwida tal-Gvern tar-Renju Unit ta' Ġunju 2023 dwar il-Qafas ta' Windsor u l-impenn tiegħu li jiżgura implimentazzjoni sħiħa[10];

N. billi l-konklużjoni tal-Qafas ta' Windsor tiftaħ kapitolu ġdid fir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit u tipprovdi lir-Renju Unit bl-opportunità li jimxi 'l quddiem bl-implimentazzjoni tal-FKK u li jkollu relazzjoni pożittiva u stabbli;

O. billi l-importanza tat-trasparenza fil-kummerċ u fl-investiment internazzjonali hija għall-benefiċċju tal-partijiet ikkonċernati u l-partijiet kollha; billi ambjent kummerċjali prevedibbli li jrawwem il-kummerċ u l-investiment bejn l-UE u r-Renju Unit huwa milqugħ tajjeb;

P. billi l-UE u r-Renju Unit jikkondividu l-valuri u l-interessi fir-rigward tas-sigurtà komuni, sew fil-viċinat Ewropew immedjat u sew globalment; billi sfortunatament ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil dwar struttura għal konsultazzjonijiet u kooperazzjoni regolari u fil-fond dwar il-politiki tal-affarijiet barranin, tas-sigurtà u tad-difiża; billi l-UE u r-Renju Unit, bħala sħab b'saħħithom u affidabbli fil-kuntest tar-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni trans-Atlantiċi, it-tnejn li huma jibbenefikaw ħafna minn kooperazzjoni aktar komprensiva u strutturata aħjar fil-qasam tal-politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża, inkluż fil-qafas tan-NATO;

Q. billi l-konsegwenzi globali tal-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-ritorn ta' gwerra fuq skala sħiħa lejn il-kontinent Ewropew,

[10] GOV.UK, "The Windsor Framework - further detail and publications" (Il-Qafas ta' Windsor - aktar dettalji u pubblikazzjonijiet), 29 ta' Settembru 2023.

kif ukoll l-instabilità ekonomika u l-istrumentalizzazzjoni intenzjonata tal-volatilità tal-enerġija mill-Federazzjoni Russa rriżultaw f'inċertezza ġeopolitika immedjata għaċ-ċittadini tal-UE u għas-sħab madwar id-dinja; billi, bħala konsegwenza, ir-Renju Unit u l-UE għandhom iżidu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni meta jgħinu lill-Ukrajna u jindirizzaw il-konsegwenzi multidimensjonali tal-imġiba aggressiva tal-Federazzjoni Russa, inklużi kampanji ta' diżinformazzjoni u attakki ċibernetiċi;

R. billi l-FKK jirrikjedi r-rispett għall-istandards tax-xogħol ewlenin rikonoxxuti internazzjonalment u l-promozzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, kif definiti fil-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO; billi d-dritt fundamentali għall-organizzazzjoni, għan-negozjar u għat-teħid ta' azzjoni kollettiva huwa minqux fid-dritt internazzjonali u huwa inerenti bil-għan li jiġu żgurati żvilupp sostenibbli u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kif stabbilit fl-FKK; billi l-FKK jimpenja ruħu biex jimplimenta dispożizzjonijiet estensivi u komprensivi dwar l-ambjent u l-protezzjoni tax-xogħol, li huma soġġetti għal mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim f'każ ta' ksur;

S. billi l-FKK jirrikjedi r-rispett għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluż kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; billi dawn id-drittijiet iservu bħala prinċipji gwida għall-ħidma tal-gruppi konsultattivi domestiċi (DAGs), inkluż fil-kapitolu tal-FKK; billi l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprima tħassib dwar ix-xenarju ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fir-Renju Unit;

T. billi hija l-valutazzjoni ġenerali tal-Kummissjoni li l-FKK huwa ftehim modern u komprensiv, li jirrifletti l-interessi tal-UE dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni, filwaqt li, fl-istess ħin, jippreżerva l-limiti li ġew stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri matul il-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit; billi għas-snin 2021 u 2022, il-Kummissjoni, fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tagħha, stabbiliet li, b'mod ġenerali, l-arranġamenti kummerċjali għall-prodotti u s-servizzi stabbiliti fl-FKK ħadmu tajjeb, minkejja problemi minuri bl-implimentazzjoni;

U. billi l-politika komuni tas-sajd[11] tirrikjedi li l-UE tippromwovi u tiżgura l-objettivi u l-prinċipji tal-politika fi kwalunkwe attività tas-sajd irrispettivament miż-żona ġeografika sabiex tipprovdi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-partijiet ikkonċernati tal-UE u mhux tal-UE; billi l-politika tirrikjedi wkoll li l-UE tikkoopera internazzjonalment abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli u tiġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU);

V. billi l-Ħames Intestatura (Sajd) tat-Tieni Parti tal-FKK tirrikonoxxi l-importanza tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi u l-ekosistemi tal-baħar abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, kif ukoll l-importanza tal-promozzjoni ta' attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura responsabbli u sostenibbli, il-governanza tajba tas-sajd u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi;

[11] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

W. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE kellu impatt qawwi fuq il-flotta tas-sajd tal-UE, li rriżulta fit-telf tal-kwoti, id-dekummissjonar tal-bastimenti, u t-tfixkil tal-kummerċ u tal-intrapriżi kummerċjali li ilhom stabbiliti;

X. billi l-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd se jħejji strateġiji pluriennali ta' konservazzjoni u ġestjoni biex iservu bħala bażi għad-determinazzjoni tal-qabdiet totali permissibbli u miżuri oħra ta' ġestjoni, inkluż għal stokkijiet barra l-kwota u għad-definizzjoni tal-ġbir ta' data xjentifika għal skopijiet ta' ġestjoni tas-sajd, kif ukoll għall-kondiviżjoni ta' din id-data ma' korpi xjentifiċi biex ikunu jistgħu jipprovdu l-aqwa parir xjentifiku possibbli;

Y. billi l-Protokoll dwar l-aċċess għall-ibħra, mehmuż mal-FKK bħala l-Anness 38, jipprevedi "perjodu ta' aġġustament", bejn l-1 ta' Jannar 2021 u t-30 ta' Ġunju 2026, li matulu kull parti għandha tagħti lill-bastimenti tal-parti l-oħra aċċess sħiħ għall-ibħra tagħha biex jistadu għall-ispeċijiet imsemmija fih; billi wara din id-data, l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd se jkun is-suġġett ta' negozjati annwali bejn l-UE u r-Renju Unit; jenfasizza l-ħtieġa ta' ċarezza dwar il-perjodu ta' wara t-tranżizzjoni sabiex jinżamm l-investiment fis-settur;

Z. billi l-FKK inaqqas gradwalment is-sehem tal-opportunitajiet tas-sajd għall-flotta tal-UE fl-ilmijiet tar-Renju Unit b'25 % sal-2026, tnaqqis li se jaffettwa s-segmenti kollha tal-flotta tal-UE, b'mod partikolari s-sajd fuq skala żgħira;

AA. billi r-Renju Unit iddeċieda unilateralment li ma jkunx parti mill-programm Erasmus+ 2021-2027, li jkopri s-setturi tal-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-isport; billi l-istituzzjonijiet tar-Renju Unit xorta jistgħu jkunu assoċjati mal-azzjonijiet Erasmus Mundus u Jean Monnet;

AB. billi Erasmus+ mhuwiex biss programm ta' mobbiltà, iżda għodda b'saħħitha għall-iskambju tal-għarfien, it-trawwim tal-kooperazzjoni akkademika, l-appoġġ għall-iżvilupp individwali, il-ħolqien ta' rabtiet b'saħħithom u dejjiema u l-promozzjoni tal-fehim bejn persuni minn sfondi kulturali differenti, istituzzjonijiet u l-membri tagħhom, kif ukoll firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u l-organizzazzjonijiet u n-networks tagħhom, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' politiki u prattiki;

AC. billi r-Renju Unit kien wieħed mid-destinazzjonijiet l-aktar popolari għall-parteċipanti ta' Erasmus+ sar-referendum dwar il-Brexit;

AD. billi pajjiżi mhux tal-UE jistgħu jingħaqdu ma' Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà bħala pajjiżi membri jew assoċjati;

AE. billi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit[12] (BAR) ġiet stabbilita biex tipprovdi appoġġ għal konsegwenzi negattivi li l-Istati Membri, ir-reġjuni u s-setturi esperjenzaw b'riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u b'hekk biex jittaffew l-impatti negattivi relatati fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; billi l-bidla fl-ishma tal-kwoti mill-UE għar-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni miftiehem fil-FKK se jkollha konsegwenzi ekonomiċi negattivi kbar għas-sajjieda tal-UE;

[12] Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1.

AF. billi l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fl-oqsma kollha, bħall-kummerċ fil-merkanzija u fis-servizzi, il-kummerċ diġitali, il-proprjetà intellettwali, l-akkwist pubbliku, l-avjazzjoni u t-trasport bit-triq, l-enerġija, is-sajd, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-kooperazzjoni tematika u l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE hija prekundizzjoni biex jiġi massimizzat l-impatt pożittiv fuq iż-żewġ sħab tal-kooperazzjoni;

AG. billi l-FKK jiddikjara li r-Renju Unit u l-UE jikkondividu l-objettiv li jiksbu livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur u jeħtiġilhom jikkooperaw għal dak l-għan;

AH. billi l-biċċa l-kbira tal-isforzi ta' kollaborazzjoni skont il-FKK ġew sospiżi parzjalment jew kompletament sakemm tinstab soluzzjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għad-data doganali f'ħin reali; billi l-oqsma ta' kooperazzjoni stabbiliti fl-FKK jistgħu jingħataw attenzjoni mġedda wara l-finalizzazzjoni tal-Qafas ta' Windsor f'Marzu 2023;

AI. billi b'riżultat ta' dan, kien hemm ftit jew l-ebda kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u dawk doganali tal-UE u tar-Renju Unit dwar is-sikurezza tal-prodotti, minkejja l-impenji obbligatorji skont il-kapitolu tal-FKK dwar l-ostakli tekniċi għall-kummerċ; billi l-awtoritajiet tar-Renju Unit ma għandhomx aċċess għas-safety gate tal-UE, u l-UE lanqas ma għandha aċċess għall-bażi tad-data l-ġdida tar-Renju Unit dwar is-sikurezza tal-prodotti;

AJ. billi l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u s-Swieq tar-Renju Unit ma għadhiex parti min-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-UE; billi l-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet huma vitali biex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-drittijiet tal-konsumatur u għalhekk għandhom jiġu mħeġġa;

AK. billi, mill-2021, l-esportazzjonijiet kollha mir-Renju Unit lejn l-UE huma soġġetti għal proċeduri u għal kontrolli doganali; billi r-Renju Unit ittardja l-kontrolli ta' importazzjoni tal-UE erba' darbiet minn meta ħareġ mill-UE;

AL. billi l-awtoritajiet doganali nazzjonali tal-UE qajmu tħassib kemm dwar il-korrettezza tal-awtodikjarazzjonijiet tal-oriġini tal-operaturi kif ukoll dwar it-tweġibiet ipprovduti mill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit dwar il-verifiki tal-oriġini; billi l-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli tal-Oriġini ħareġ gwida ġdida biex jappoġġja lill-Istati Membri;

AM. billi l-FKK fih kapitoli dwar l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jkun żgurat suq miftuħ u sigur għan-negozji, inkluż għall-SMEs u għandu l-għan li jiżgura li ħtiġijiethom jitqiesu fil-proċess ta' implimentazzjoni, b'hekk ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ minnu;

AN. billi r-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki professjonali, bħal pereżempju għal avukati, kontabilisti u attwarji m'għadux japplika; billi, minflok, il-ftehim jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, inkluż l-istabbiliment ta' djalogu għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u għall-iżvilupp ta' linji gwida għall-valutazzjoni tal-kwalifiki; jinnota d-diffikultajiet partikolari li dan joħloq fil-gżira tal-Irlanda;

AO. billi skont il-FKK, il-fornituri ta' servizzi jew l-investituri mill-UE m'għandhomx jiġu trattati b'mod inqas favorevoli mill-operaturi tar-Renju Unit fir-Renju Unit, u viċe versa; billi l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni japplika għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi, inkluż il-forniment ta' servizzi, l-istabbiliment ta' negozji u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

AP. billi skont il-FKK, tinżamm il-possibbiltà ta' sekondar temporanju ta' impjegati b'livell għoli ta' ħiliet u ta' vjaġġi ta' negozju għal żmien qasir bejn l-UE u r-Renju Unit; billi dan jippermetti l-forniment transfruntier temporanju ta' servizzi minn professjonisti f'ċerti ċirkostanzi, bħal proġetti fuq terminu qasir jew xogħol ta' konsulenza; billi l-professjonisti xorta se jkollhom jikkonformaw mar-regolamenti rilevanti fil-pajjiż fejn qed jipprovdu s-servizzi;

AQ. billi s-swieq tal-akkwist pubbliku tar-Renju Unit jibqgħu miftuħa għall-offerenti tal-UE u viċi versa fuq bażi ugwali; billi ż-żewġ partijiet jeħtiġilhom jiżguraw li l-proċess tal-akkwist ikun ġust, trasparenti u miftuħ għall-kompetizzjoni; billi r-Renju Unit u l-UE qablu wkoll li jżommu l-impenji ta' akkwist eżistenti tagħhom skont il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tad-WTO, li jkompli jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom għal negozji minn pajjiżi oħra;

AR. billi l-UE u r-Renju Unit attwalment huma impenjati li jżommu kooperazzjoni regolatorja u superviżorja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji; billi dan l-approċċ kooperattiv għandu jirfed ir-relazzjonijiet fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit; billi fis-17 ta' Mejju 2023 il-Kummissjoni adottat abbozz ta' memorandum ta' qbil (MtQ) bejn ir-Renju Unit u l-UE dwar il-kooperazzjoni fis-servizzi finanzjarji, li minn dak iż-żmien ġie ppubblikat u approvat mill-Kunsill u ffirmat mill-Kummissjoni f'isem l-UE;

AS. billi l-MtQ jagħmilha ċara li l-UE u r-Renju Unit għandhom l-objettiv komuni li jippreżervaw l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri u tal-konsumatur;

AT. billi l-FKK huwa l-unika ftehim ta' kummerċ ħieles li qatt ġie konkluż mill-UE li jistabbilixxi żero tariffi u żero kwoti fuq l-oġġetti kollha li jikkonformaw mar-regoli xierqa tal-oriġini; billi l-istatistika kummerċjali għall-perjodu mid-dħul fis-seħħ tal-FKK turi li l-flussi kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit ġew affettwati b'mod negattiv mill-ħruġ tar-Renju Unit; billi l-kummerċ bejn ir-Renju Unit u l-UE fi prodotti u servizzi baqa' staġnat; billi l-kummerċ tal-UE ma' sħab kummerċjali oħra kiber ħafna aktar mill-kummerċ tagħha mar-Renju Unit matul perjodu komparabbli;

AU. billi, għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-FKK, għandhom jiġu ffokati sforzi ta' monitoraġġ partikolari fuq id-diverġenzi regolatorji possibbli li se jiżdiedu maż-żmien; billi l-kooperazzjoni regolatorja komprensiva bejn il-partijiet hija tal-akbar importanza; billi huwa sinjal pożittiv li ma wasal l-ebda lment uffiċjali mill-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni tal-FKK permezz tal-għodda online tal-Kummissjoni matul l-2022; billi l-istituzzjonijiet Ewropej ikomplu jaħdmu b'mod regolari mal-partijiet ikkonċernati biex jiddiskutu l-aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-FKK;

AV. billi f'termini tal-proċess ta' implimentazzjoni interna tal-UE tal-FKK, il-leġiżlaturi tal-UE lestew il-qafas regolatorju meħtieġ billi adottaw ir-Regolament (UE) 2023/657 tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-FKK;

Konklużjonijiet prinċipali

1. Ifakkar li l-konklużjoni tal-FKK tillimita l-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u tistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni li għandu jifforma l-bażi ta' sħubija futura b'saħħitha u kostruttiva, filwaqt li jevita l-aktar elementi ta' tfixkil ta' xenarju "ta' ebda ftehim" u jipprovdi ċertezza legali għaċ-ċittadini u n-negozji;

2. Jissottolinja li l-FKK huwa wieħed mill-aktar ftehimiet kummerċjali ambizzjużi u komprensivi li l-UE kkonkludiet ma' pajjiż terz; jisħaq, madankollu, li dan ma jissostitwixxix u ma jistax jissostitwixxi s-sħubija fl-UE u l-aċċess korrispondenti għas-suq uniku u għall-Unjoni Doganali;

3. Jissottolinja l-importanza tal-valutazzjoni u l-indirizzar tal-isfidi potenzjali fl-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u tal-FKK mill-aktar fis possibbli, sabiex jiġi evitat aktar dewmien fl-applikazzjoni tagħhom;

4. Jilqa' l-Qafas ta' Windsor u jissottolinja s-sitwazzjoni speċifika tal-Irlanda ta' Fuq, bis-saħħa tal-pożizzjoni unika tagħha b'aċċess kemm għas-swieq interni tal-UE kif ukoll tar-Renju Unit; jappella għall-implimentazzjoni malajr tal-Qafas ta' Windsor sabiex jiġu żgurati ċertezza u prevedibbiltà dejjiema għan-negozji u għan-nies fl-Irlanda ta' Fuq, biex tiġi protetta l-ekonomija tal-gżejjer kollha, jiġi salvagwardjat il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, jiġi żgurat il-kummerċ u kooperazzjoni bla xkiel, kif ukoll tiġi ssalvagwardjata l-integrità tas-suq uniku u tal-Unjoni Doganali u tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u tal-FKK;

5. Jilqa' l-fatt li l-Gvern Brittaniku ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jissospendi l-ħidma fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq u li jippermettilu jiskadi; iħeġġeġ lill-Gvern Brittaniku jqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Irlanda ta' Fuq meta jipproponi li jintroduċi liġijiet jew regolamenti ġodda;

6. Jilqa' l-fatt li l-Qafas ta' Windsor jistabbilixxi regoli ġodda fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data doganali sabiex jippermetti aċċess f'ħin reali; jieħu nota tar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-Renju Unit tal-24 ta' Marzu 2023 dwar is-suġġett tal-infurzar u s-sorveljanza tas-suq[13]; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' mekkaniżmi effettivi biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali kemm għan-negozji, speċjalment l-SMEs, kif ukoll għaċ-ċittadini, tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni; jissuġġerixxi l-istabbiliment ta' punt uniku ta' servizz f'Belfast fejn in-nies u n-negozji jistgħu jsibu l-assistenza li jeħtieġu biex jinnavigaw l-arranġamenti l-ġodda stabbiliti fil-Qafas ta' Windsor;

7. Jilqa' l-inizjattivi pożittivi inklużi fil-Qafas ta' Windsor, bħall-proposta dwar il-mediċini biex jiġi żgurat li n-nies fl-Irlanda ta' Fuq ikollhom aċċess għall-mediċini kollha fl-istess ħin u bl-istess kundizzjonijiet bħan-nies fil-Gran Brittanja, u l-proposta dwar miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS), filwaqt li jitqies li t-trasport tal-annimali għandu jirrispetta t-trattament xieraq tal-annimali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni xierqa tal-ftehimiet, tissalvagwardja l-integrità tas-suq

---

[13] Rakkomandazzjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-infurzar (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 84).

uniku u tipprevjeni d-distribuzzjoni illegali tal-mediċini, tal-prodotti SPS u agrikoli kkummerċjalizzati għall-Irlanda ta' Fuq fis-suq uniku tal-UE, filwaqt li tiżgura li jibqgħu fl-Irlanda ta' Fuq; jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja r-rikonoxximent tal-approċċ "Saħħa Waħda" bħala approċċ integrat u li junifika li għandu l-għan li jibbilanċja u jottimizza b'mod sostenibbli s-saħħa tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi;

8. Jisħaq li l-UE rreaġixxiet fil-pront biex timplimenta l-Qafas ta' Windsor u issa r-Renju Unit huwa mistenni jimplimenta minnufih il-parti tiegħu; jikkunsidra li huwa essenzjali li ż-żewġ partijiet jikkonformaw bis-sħiħ mal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Protokoll u l-Qafas ta' Windsor sabiex jiffaċilitaw l-aċċess tar-Renju Unit għas-suq intern tal-UE skont l-FKK, filwaqt li jippreżervaw l-integrità tas-suq uniku u tal-Unjoni Doganali, irawmu l-kompetizzjoni ġusta u jiżguraw iċ-ċertezza legali għall-kumpaniji tal-UE meta jinnegozjaw mar-Renju Unit;

9. Jinsab imħasseb ħafna bl-Att dwar id-Dritt tal-UE Miżmum, li joħloq inċertezza għan-negozji u għall-partijiet ikkonċernati fuq iż-żewġ naħat tal-Kanal u jista' jneħħi d-drittijiet eżistenti derivati mid-dritt tal-UE min-naħa tal-ħaddiema fir-Renju Unit; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi analizzat bir-reqqa l-impatt tiegħu u li jiġu implimentati miżuri biex jittaffew l-effetti negattivi; jinsab imħasseb ħafna, barra minn hekk, bl-adozzjoni tal-Att dwar l-Eżerċitar (Livelli Minimi ta' Servizz), li jista' jillimita d-dritt fundamentali tal-ħaddiema li jirtiraw ix-xogħol tagħhom;

10. Jissottolinja li l-Artikolu 524 tal-FKK jipprevedi li l-kooperazzjoni hija bbażata fuq ir-rispett fit-tul tal-partijiet u tal-Istati Membri għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluż kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u fuq l-importanza li d-drittijiet u l-libertajiet f'dik il-Konvenzjoni ikunu ggarantiti minn dik il-konvenzjoni domestikament; jinsab, għalhekk, imħasseb ħafna bl-Att dwar il-Migrazzjoni Illegali, li għadda mill-Parlament tar-Renju Unit fis-26 ta' April 2023, u, jekk jiġi adottat, jista' jkollu l-potenzjal li jvarja mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u jikkawża diverġenza ċara bejn iż-żewġ partijiet u jista', skont il-FKK, iwassal għat-terminazzjoni tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bejn ir-Renju Unit u l-UE;

11. Jilqa' l-impenn kontinwu tal-Gvern tar-Renju Unit favur il-programm PEACE, li għandu rwol ewlieni rigward il-kooperazzjoni bejn l-Irlanda ta' Fuq u r-reġjuni tal-fruntiera tal-Irlanda; jinnota l-fatt li l-programm PEACE PLUS 2021-2027 ġie adottat formalment mill-Kummissjoni f'Lulju 2022;

Il-qafas istituzzjonali

12. Jilqa' l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-qafas istituzzjonali tal-FKK fl-2022 u l-funzjonament tajjeb tal-korpi konġunti taħt il-Ftehim; jissottolinja l-importanza tal-istrutturi istituzzjonali għall-implimentazzjoni bla xkiel tal-FKK bejn l-UE u r-Renju Unit u jappella għal trasparenza kontinwa fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet konklużi bejn iż-żewġ naħat; jisħaq li, sabiex jiġi żgurat li l-FKK ikun implimentat bis-sħiħ, għandhom jintużaw u jiġu sfruttati l-istrumenti legali rilevanti kollha, inklużi dawk relatati mal-aċċess għas-suq, kif ukoll il-miżuri kumpensatorji u ta' rispons u l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim kollha previsti mill-FKK; iħeġġeġ lill-

Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li d-deċiżjonijiet kollha meħuda fl-ambitu tal-FKK jirrispettaw il-prerogattivi tal-istituzzjonijiet differenti u jsegwu l-proċessi leġiżlattivi xierqa;

13. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-gruppi ta' ħidma settorjali taħt il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ għadhom ma tlaqqgħux;

14. Jilqa' t-twaqqif malajr tal-PPA bejn l-UE u r-Renju Unit u jinnota li diġà saru tliet laqgħat fl-2022 u fl-2023, b'waħda oħra skedata għal tmiem l-2023; Iqis li l-PPA tipprovdi qafas tajjeb għall-kooperazzjoni parlamentari u għall-iskambji miftuħa bejn il-parlamentari dwar suġġetti ta' interess komuni u għall-iskrutinju parlamentari tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-FKK; jistieden lill-PPA tipprovdi skrutinju akbar tal-implimentazzjoni tal-FKK u tal-Qafas ta' Windsor; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-Irlanda ta' Fuq, minħabba s-sitwazzjoni speċifika tagħha; jappella sabiex it-territorji devoluti tal-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales ikollhom involviment akbar fil-PPA bejn l-UE u r-Renju Unit;

15. Jilqa' l-istabbiliment tad-DAG tal-UE f'konformità mal-Artikolu 13 tal-FKK, magħmul minn 24 rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u minn sitt rappreżentanti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew; jinnota li l-ewwel laqgħa tad-DAG tal-UE u tad-DAG tar-Renju Unit saret fit-3 ta' Ottubru 2022; ifakkar li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni doganali bejn il-partijiet ħareġ bħala kwistjoni importanti ħafna f'dawn il-laqgħat; jinnota li d-DAG tal-UE ppubblikat skeda tal-kwistjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-FKK; jilqa' d-dikjarazzjoni konġunta maħruġa bħala eżitu ta' din il-laqgħa; jissottolinja l-ħtieġa ta' DAGs ibbilanċjati u rappreżentattivi sew, inkluża rappreżentanza proporzjonata tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tat-trade unions, u rappreżentanza ġeografika tal-partijiet kollha tar-Renju Unit;

16. Jissottolinja l-importanza tal-involviment mill-qrib tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FKK; jinnota li l-ewwel laqgħa tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili saret fl-4 ta' Ottubru 2022, li laqqgħet flimkien rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-UE u mir-Renju Unit, f'konformità mal-Artikolu 14 tal-FKK; jinnota li r-rappreżentanti tal-UE kienu jinkludu organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, kif ukoll akkademiċi u korpi mhux governattivi;

17. Jisħaq fuq l-importanza ta' involviment qawwi tas-soċjetà ċivili tal-UE u tar-Renju Unit, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trade unions reġjonali u tal-awtoritajiet lokali, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-implimentazzjoni tal-FKK, f'konformità mal-Artikoli 13 u 14 tiegħu; jitlob li r-rappreżentanti tas-settur tas-sajd, l-awtoritajiet reġjonali, il-komunitajiet kostali u partijiet ikkonċernati oħra jkunu involuti b'mod attiv fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-FKK; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għal dak il-għan, tippromwovi l-istabbiliment ta' grupp konsultattiv intern domestiku dwar is-sajd, mingħajr preġudizzju għall-kunsilli konsultattivi eżistenti; jinnota b'dispjaċir in-nuqqas ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw speċifikament liż-żgħażagħ fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Renju Unit magħżula biex jipparteċipaw fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-FKK;

18. Jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Parlament li jissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-FKK; f'kooperazzjoni mill-qrib mad-DAG tal-UE; ifakkar li l-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-FKK b'mod

sħiħ u immedjat biex tiżgura skrutinju adegwat, jekk ikun meħtieġ fuq bażi kunfidenzjali u tinkludi l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Kumitat Konġunt, fil-Kunsill ta' Sħubija, fil-kumitati speċjalizzati fil-kummerċ u fil-gruppi ta' ħidma; jilqa' l-kooperazzjoni tajba kontinwa bejn il-Parlament u l-Kummissjoni; jappella għall-parteċipazzjoni tal-Parlament fi kwalunkwe proċedura ta' rieżami futura għall-ftehimiet;

19. Ifakkar li Ġibiltà ma kinitx inkluża fl-ambitu territorjali tal-FKK bejn l-UE u r-Renju Unit, u li ftehimiet separati bejn l-UE u r-Renju Unit dwar Ġibiltà jirrikjedu l-qbil minn qabel tar-Renju ta' Spanja;

Kummerċ

20. Ifakkar li l-FKK jipprovdi bażi komprensiva u ambizzjuża għar-relazzjoni bejn il-partijiet, b'mod partikolari għall-kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit, filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-kompetizzjoni ġusta u l-iżvilupp sostenibbli; ifakkar li l-FKK huwa ftehim uniku ta' kummerċ ħieles fl-istorja tal-UE, peress li jiffoka fuq il-limitazzjoni tad-diverġenza aktar milli fuq il-promozzjoni tal-konverġenza bejn is-sħab kummerċjali; ifakkar li l-FKK huwa uniku wkoll peress li jipprevedi tariffi żero u kwoti żero għall-kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit;

21. Jieħu nota tal-fatt li anke b'dawn l-arranġamenti kummerċjali bla preċedent ma' pajjiż mhux tal-UE, il-flussi tal-kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit kienu ferm aktar staġnati għall-prodotti u inqas dinamiċi għas-servizzi bejn l-2016 u l-2022 mill-kummerċ tal-UE ma' sħab internazzjonali oħra u, għalhekk, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE kellu, kif kien mistenni, impatt negattiv fuq il-flussi kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit, minħabba l-ħolqien ta' ostakli li joħolqu kostijiet addizzjonali għaż-żewġ naħat; ifakkar li dan l-eżitu huwa biss wieħed mill-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit u huwa riżultat dirett tat-tip ta' Brexit magħżul mill-Gvern tar-Renju Unit;

22. Jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li b'mod ġenerali, l-arranġamenti kummerċjali f'oġġetti u servizzi stabbiliti fl-FKK qed jaħdmu tajjeb, għalkemm baqgħu jippersistu ċerti diffikultajiet ta' implimentazzjoni bħall-iskema ta' sponsorizzazzjoni għad-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju u l-verifika ta' oriġini għall-applikazzjoni ta' trattament tariffarju preferenzjali;

23. Jieħu nota tal-fatt li hija konsegwenza loġika tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u, b'mod partikolari, it-tmiem tal-libertà ta' moviment, li naqsu l-opportunitajiet fl-UE għall-ekonomija tar-Renju Unit ibbażata fil-biċċa l-kbira fuq is-servizzi;

24. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill ta' Sħubija beda jaħdem fuq bażi ta' każ b'każ dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, peress li dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiffaċilitaw il-moviment ta' professjonisti fl-oqsma ta' interess reċiproku;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-livell ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE fir-Renju Unit u jtenni l-appell ejħa tiegħu biex iż-żewġ partijiet jattivaw il-klawżola "rendez-vous" dwar il-protezzjoni futura tal-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati wara l-2021;

26. Itenni li l-FKK huwa l-eżitu delikat ta' negozjati twal u diffiċli u li għalhekk għandu jiġi implimentat bis-sħiħ u b'rieda tajba, kif għandu jiġi implimentat ukoll il-Ftehim dwar il-Ħruġ, b'mod partikolari l-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, u l-Qafas ta'

Windsor reċenti, għall-benefiċċju reċiproku taż-żewġ partijiet; jistieden liż-żewġ partijiet jagħmlu użu sħiħ tal-potenzjal enormi tal-FKK biex jiffaċilita kemm jista' jkun il-kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit, filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-vantaġġi tas-sħubija f'termini ta' aċċess għas-suq uniku tal-UE u għall-Unjoni Doganali, kif ukoll tal-parteċipazzjoni f'politiki komuni u politiki ta' appoġġ oħra, ma jistgħu, taħt l-ebda ċirkostanza, jiġu replikati permezz ta' ftehim ta' kummerċ ħieles;

27. Jaqbel mal-Kummissjoni li r-regoli orizzontali u speċifiċi għall-prodott fil-FKK huma sodisfaċenti u li r-regoli speċifiċi għall-prodott ma għandhomx jiġu riveduti lil hinn mill-adattamenti tekniċi, peress li dawn ir-regoli jilħqu bilanċ ġust filwaqt li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali tal-Unjoni li tikseb awtonomija strateġika f'setturi essenzjali; jitlob, madankollu, li jinstabu soluzzjonijiet raġonevoli fir-rigward tal-bidliet li ġejjin fir-regoli ta' oriġini għall-vetturi elettriċi, minħabba d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-manifatturi tal-UE biex jakkwistaw parts, b'mod partikolari batteriji, minn ġewwa l-UE; jirrimarka li kwalunkwe eċċezzjoni tkun qed tissogra li ċċaqlaq l-investiment lil hinn mill-UE u għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-istrateġija Ewropea għas-sigurtà ekonomika; iħeġġeġ lir-Renju Unit jikkunsidra li jerġa' jissieħeb fil-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (Konvenzjoni PEM); jitlob lir-Renju Unit u lill-UE, bħala sħab tal-istess fehma, jesploraw perkorsi ġodda għall-kooperazzjoni dwar il-provvista ta' materja prima, l-iżvilupp ta' teknoloġiji żero netti u ta' teknoloġiji emerġenti, "Kurituri Ħodor" u kwistjonijiet kummerċjali globali oħra, kemm b'mod bilaterali kif ukoll fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO); jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-valur miżjud tal-iżvilupp ta' makroreġjun tal-UE għall-Baħar tat-Tramuntana biex tinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u r-Renju Unit f'dan ir-rigward;

28. Jieħu nota tal-posponiment ulterjuri tal-implimentazzjoni ta' ċerti proċeduri u kontrolli tal-importazzjoni tar-Renju Unit, b'mod partikolari kontrolli tal-SPS, fuq prodotti li ġejjin mill-UE; jistieden lill-Gvern tar-Renju Unit jiċċara l-iskeda u r-rekwiżiti sabiex tiġi evitata aktar inċertezza għan-negozji, u jiddiġitalizza u jissimplifika l-proċeduri doganali tar-Renju Unit sa fejn ikun possibbli sabiex jiġu evitati aktar frizzjonijiet fil-kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit; jinnota li l-Gvern tar-Renju Unit jista' jnaqqas l-ostakli għall-kummerċ mal-UE billi jimpenja ruħu għal allinjament volontarju u dinamiku fis-setturi ewlenin kollha; jenfasizza l-ħtieġa ta' rikonoxximent akbar tar-Renju Unit tar-regoli tal-UE dwar il-prodotti u l-valutazzjonijiet tal-konformità għall-kummerċ tal-prodotti; itenni l-appell tiegħu biex l-UE u r-Renju Unit jaslu għal ftehim għall-allinjament dinamiku tar-Renju Unit fir-rigward tal-miżuri SPS; jenfasizza li l-kooperazzjoni doganali bejn l-UE u r-Renju Unit hija importanti sabiex tappoġġja l-kompatibbiltà fil-leġiżlazzjoni u l-proċeduri doganali, u tippromwovi l-faċilitazzjoni tal-kummerċ; jirrikonoxxi li r-Renju Unit iddiversifika l-kummerċ lil hinn mill-UE u jirrikonoxxi l-importanza ta' investiment akbar fis-servizzi diretti tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma biex jitnaqqas il-piż amministrattiv attwali għall-ivvjaġġar bit-triq;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-UE u r-Renju Unit jikkooperaw mill-qrib dwar is-suġġett tad-dwana, inkluż billi jiżguraw skambju effettiv ta' informazzjoni, djalogu kostruttiv u metodi effettivi ta' kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali, bil-għan li jiġu ssimplifikati l-proċessi ta' żdoganar sabiex il-kostijiet amministrattivi u finanzjarji jiġu minimizzati għall-partijiet ikkonċernati kollha; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, twettaq rieżamijiet u evalwazzjonijiet regolari sabiex tnaqqas l-ostakli regolatorji u amministrattivi mhux ġustifikati u tiżgura li l-mekkaniżmi

ta' kooperazzjoni stabbiliti jibqgħu effettivi u validi fil-futur;

30. Jenfasizza li l-implimentazzjoni sħiħa tal-verifiki fil-fruntieri skont il-Mudell Operattiv Immirat tal-Fruntieri tar-Renju Unit se ġġib magħha kostijiet addizzjonali u inqas flessibbiltà għall-esportaturi tal-UE u se twassal għal tfixkil ulterjuri fil-katina tal-valur, speċjalment għall-prodotti li jitħassru malajr, u li huma meħtieġa b'mod urġenti soluzzjonijiet diġitali effettivi; iqis bħala sinjal pożittiv il-fatt li r-Renju Unit qed jieħu approċċ simili għall-UE dwar il-kategoriji ta' riskju u l-użu tad-data u d-diġitalizzazzjoni biex jiġi ssimplifikat il-proċess;

31. Jissottolinja li, għalkemm l-arranġamenti interim offruti mill-UE tejbu s-sitwazzjoni b'mod temporanju, huma meħtieġa soluzzjonijiet strutturali biex ir-Renju Unit jaċċetta ċ-ċertifikati mingħajr karti tal-UE;

32. Ifakkar li, bħala konsegwenza ta' reġim regolatorju tal-SPS separat dwar is-saħħa tal-bniedem, tal-pjanti u tal-annimali wara l-ħruġ tiegħu mis-suq uniku u mill-Unjoni Doganali tal-UE, ir-Renju Unit huwa soġġett għar-regoli kollha tal-UE applikabbli għal pajjiżi terzi li mhumiex allinjati b'mod dinamiku mal-leġiżlazzjoni tal-UE; jinnota li d-dispożizzjonijiet dwar il-miżuri SPS fil-biċċa l-kbira jirriflettu r-regoli tad-WTO f'dawn l-oqsma; jieħu nota tal-fatt li wara l-Brexit, l-UE u r-Renju Unit għadhom sħab kummerċjali importanti għall-prodotti agroalimentari u li minn Jannar sa Ottubru 2022, l-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Renju Unit laħqu l-EUR 39.5 biljun, żieda ta' 15 % meta mqabbla mal-2021, filwaqt li r-Renju Unit kien it-tielet l-aktar sieħeb importanti għall-UE f'termini ta' importazzjonijiet agroalimentari[14]; iħeġġeġ lill-Kumitat Speċjalizzat fil-Kummerċ dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji biex ikompli l-ħidma tiegħu malajr ħalli jiżviluppa ċertifikat diġitali li jipprovdi soluzzjoni kompatibbli u effettiva li tirrispetta standards ta' sikurezza kondiviżi għoljin, speċjalment fid-dawl tat-tnedija imminenti tal-Mudell Operattiv tal-Mira fil-Fruntiera tar-Renju Unit, u biex is-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf tal-UE u s-sistema ta' twissija dwar is-sikurezza alimentari tar-Renju Unit jinġiebu f'relazzjoni ta' ħidma mill-qrib, bl-għan li tingħata protezzjoni komprensiva fl-UE, fir-Renju Unit u lil hinn; jinnota l-isfidi tal-applikazzjoni tar-regoli b'mod konsistenti rigward il-moviment ta' ingredjenti prodotti fir-Renju Unit li huma meħtieġa mill-manifatturi tal-UE; jistieden lill-Gvern tar-Renju Unit iħaffef it-tranżizzjoni għal sistema diġitali u jappoġġja ftehim SPS, peress li allinjament ta' dan it-tip fil-qasam tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet agroalimentari, inaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq iż-żewġ naħat, u jiffaċilita l-kummerċ agroalimentari bejn l-UE u r-Renju Unit, inkluż il-kummerċ bejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq;

33. Ifakkar fil-kapitolu tal-FKK dwar il-kummerċ diġitali, li jinkludi l-projbizzjoni espliċita tar-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-data jew id-divulgazzjoni obbligatorja tal-kodiċi tas-sors, filwaqt li fl-istess ħin jiġi ppreżervat id-dritt tal-UE li tadotta regolamenti dwar ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data personali; jenfasizza l-importanza taż-żewġ deċiżjonijiet dwar l-adegwatezza tad-data personali mogħtija mill-UE fit-28 ta' Ġunju 2021 rigward ir-reġim tal-protezzjoni tad-data personali tar-Renju Unit, li jippermettu l-iskambju kontinwu ta' data personali bejn l-operaturi tal-UE u tar-Renju Unit; jinnota l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Informazzjoni Diġitali li tressaq mill-Gvern tar-Renju Unit f'Lulju 2022; ifakkar li kwalunkwe nuqqas ta' rikonoxximent tal-

[14] "Monitoring EU agri-food trade" (Il-Monitoraġġ tal-kummerċ agroalimentari tal-UE), Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, Brussell, 2022.

adegwatezza bejn l-UE u r-Renju Unit se joħloq sfidi sinifikanti għan-negozji fl-UE u fir-Renju Unit; jilqa' l-kooperazzjoni regolatorja dwar it-trasferimenti ta' data mhux personali u tat-teknoloġiji emerġenti, inkluża l-intelliġenza artifiċjali;

34. Jilqa' t-tħabbira mill-Gvern tar-Renju Unit f'Novembru 2022 li se tiġi l-iskadenza għall-implimentazzjoni tal-marka tal-Valutazzjoni tal-Konformità tar-Renju Unit (UKCA) għal prodotti mqiegħda fis-suq tal-Gran Brittanja; jilqa' t-tħabbira mill-Gvern tar-Renju Unit li jirrikonoxxi s-simbolu tas-sikurezza tal-prodotti tal-UE b'mod indefinit fi 18-il qasam;

35. Ifakkar li l-FKK jinkludi kapitolu dwar il-ħtiġijiet u l-interessi tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs; jirrikonoxxi li l-piż amministrattiv assoċjat mal-adattament għar-reġim il-ġdid għall-kummerċ fl-ambitu tal-FKK kellu impatt qawwi b'mod partikolari fuq dawn in-negozji, li għandhom inqas riżorsi biex jadattaw għal arranġamenti kummerċjali ġodda;

36. Jenfasizza l-importanza u jfaħħar il-ħidma li għaddejja tal-Kumitat ta' Sħubija Kummerċjali u tal-kumitati speċjalizzati u kummerċjali speċjalizzati, u jħeġġeġ lill-partijiet jesploraw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom bħala korpi bilaterali stabbiliti fl-ambitu tal-FKK li jistgħu jiddiskutu kwistjonijiet ta' importanza strateġika kondiviża, jindirizzaw il-kwistjonijiet kollha ta' implimentazzjoni b'mod dirett u jiġbru informazzjoni u għarfien espert; jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-prattika tajba li l-Parlament Ewropew jinżamm infurmat bis-sħiħ u minnufih dwar il-ħidma u l-iżviluppi li għaddejjin f'dawn il-kumitati;

37. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u r-Renju Unit biex tinżamm l-ordni kummerċjali internazzjonali attwali, ġusta u bbażata fuq ir-regoli; jitlob f'dan ir-rigward għal sforzi konġunti addizzjonali fil-ħidma lejn riforma inklużiva u komprensiva tad-WTO, biex iwieġbu għall-isfidi attwali u futuri f'dinja interkonnessa ħafna, u jaħdmu b'mod attiv kontra kwalunkwe periklu ġdid ta' diviżjonijiet fl-ordni politiku u ekonomiku globali, billi jerfgħu r-responsabbiltà b'mod konġunt li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli;

38. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jitkompla l-progress li għaddej biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-mediċini veterinarji fl-Irlanda ta' Fuq sabiex jinżammu t-trattament xieraq tal-annimali u s-sigurtà tal-ikel;

39. Ifakkar fil-ħidma leġiżlattiva li għaddejja biex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni farmaċewtika, li se jkollha wkoll l-għan li tiffaċilita d-dipendenza storika tas-swieq f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta fuq il-provvisti tal-mediċini mir-Renju Unit jew bi tranżitu minnu; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati d-disponibbiltà, l-affordabbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-mediċini u approċċ strateġiku għall-farmaċewtiċi fl-ambjent biex jindirizza t-tniġġis farmaċewtiku;

40. Jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tas-saħħa, li jippermettu lill-partijiet u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni rilevanti, iżda jesprimi dispjaċir li din il-kooperazzjoni ġiet limitata għall-valutazzjoni tar-riskji "sinifikanti" għas-saħħa pubblika u għall-koordinazzjoni tal-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika; jissottolinja kif il-pandemija tal-COVID-19 kompliet issaħħaħ il-każ kemm favur kooperazzjoni aktar b'saħħitha dwar kwistjonijiet tas-saħħa kif ukoll favur komunikazzjoni bidirezzjonali strutturata u

regolari bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati sabiex ikun hemm reazzjoni aħjar għal sitwazzjonijiet ta' kriżi;

41. Jirrimarka li l-bidliet futuri fir-regolamenti dwar it-tikkettar fl-UE se jkunu ta' sfida b'mod partikolari għall-kumpaniji li jużaw l-istess imballaġġ kemm fis-suq tal-UE kif ukoll f'dak tar-Renju Unit;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji tabella li tqabbel il-kwoti tariffarji, id-dazji doganali u l-ostakli nontariffarji għal kategoriji differenti ta' prodotti għall-kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit u l-kummerċ tal-UE ma' sħab oħra;

43. Jisħaq fuq l-importanza tal-Artikolu 96 tal-FKK rigward il-kooperazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq u s-sikurezza u l-konformità tal-prodotti mhux tal-ikel; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni timplimentah mingħajr dewmien; jappella għall-iżvilupp ta' inizjattivi u proġetti konġunti, kif ukoll l-istabbiliment ta' modi ddedikati ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni, tal-aħjar prattiki, u tal-għarfien espert tekniku fl-oqsma tas-sorveljanza tas-suq u tas-sikurezza tal-prodotti; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' u rappurtar regolari dwar il-progress li sar fl-isforzi ta' kooperazzjoni stipulati fl-Artikolu 96;

44. Itenni l-ħtieġa ta' kooperazzjoni dwar il-promozzjoni ta' rati trasparenti u raġonevoli għas-servizzi tar-roaming internazzjonali sabiex il-konsumaturi tal-UE u tar-Renju Unit jiġu protetti;

45. Jirrimarka li, għar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-erba' setturi ekonomiċi definiti mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni[15] li jistgħu jiġu affettwati l-aktar mill-impatt tal-Brexit, bħall-vetturi, il-makkinarju elettriku, il-prodotti tal-injam u l-għamara, u l-prodotti agrikoli;

Kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni

46. Iħeġġeġ lill-Gvern u lill-Parlament tar-Renju Unit biex jirrikonoxxu l-kumplikazzjonijiet li jirriżultaw minn kwalunkwe diverġenza regolatorja sistematika bla bżonn, b'mod partikolari għall-protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali, l-ambjent, id-data personali, l-għajnuna mill-Istat, il-kummerċ diġitali u t-tassazzjoni, li jistgħu joħolqu biss kwistjonijiet addizzjonali fir-rigward ta' impenji ta' kompetizzjoni ugwali; impenji fl-FKK, kif ukoll għan-negozji tal-UE u tar-Renju Unit u l-kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit;

47. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bis-sħiħ u minnufih dwar il-kumplikazzjonijiet kollha li jistgħu jipperikolaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-kompetizzjoni ġusta għan-negozji u għall-ħaddiema tal-UE;

48. Jilqa' l-emenda tal-Att dwar id-Dritt tal-UE Miżmum (Revoka u Riforma) li ssostitwiet il-klawżola ta' estinzjoni preċedenti bi skeda ta' liġijiet li għandhom jitħassru fi tmiem l-2023; jinnota li l-adozzjoni tal-liġi tibqa' kawża ta' tħassib, u jisħaq li l-Parlament

---

[15] Studju tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni bit-titolu "New trade and economic relations between EU-UK: the impact on regions and cities" (Relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi ġodda bejn l-UE u r-Renju Unit: l-impatt fuq ir-reġjuni u l-bliet), 2022.

Ewropew se jkompli jsegwi l-iżviluppi leġiżlattivi rilevanti fir-Renju Unit; jesprimi dispjaċir għall-adozzjoni tal-Att dwar l-Eżerċitar (Livelli Minimi ta' Servizz), li jissogra li jimmina l-impenji dwar in-nuqqas ta' rigressjoni fir-rigward tal-istandards tax-xogħol; jisħaq li dawn il-partijiet tal-leġiżlazzjoni għandhom implikazzjonijiet serji għad-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari d-drittijiet fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għall-organizzazzjoni, u d-dritt għal negozjar kollettiv u azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt tal-istrajkjar;

49. Jirrikonoxxi l-Abbozz ta' Liġi dwar it-Teknoloġija Ġenetika (Tnissil ta' Preċiżjoni) ġie traspost f'liġi fl-Ingilterra fit-23 ta' Marzu 2023, li jirrevedi r-regoli għar-rilaxx u l-kummerċjalizzazzjoni ta', u l-valutazzjonijiet tar-riskju relatati mal-pjanti u l-annimali editjati minn ġeni u mnissla bi preċiżjoni billi jneħħihom mis-sistema regolatorja għall-organiżmi ġenetikament modifikati; jinsab ferm imħasseb dwar id-diverġenza regolatorja f'dan il-qasam; jisħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu kontrolli SPS b'saħħithom fil-fruntiera tal-UE, kif previst bis-sħiħ skont id-dritt tal-UE, biex jiġi żgurat li prodotti mhux awtorizzati jew dawk mingħajr tikkettar xieraq ma jkunux jistgħu jidħlu fil-katina alimentari tal-UE; jisħaq barra minn hekk fuq il-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u kompetizzjoni ġusta għall-produtturi u l-konsumaturi tal-UE f'dan ir-rigward;

50. Jappella għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni regolatorja bejn l-UE u r-Renju Unit biex jiġi żgurat li kemm l-UE kif ukoll ir-Renju Unit ikunu konxji mill-programmi ta' ħidma leġiżlattiva li jmiss u kwalunkwe diverġenza leġiżlattiva futura potenzjali relatata qabel l-implimentazzjoni tagħhom biex jitnaqqsu diverġenzi probabbli; jitlob li l-PPA bejn l-UE u r-Renju Unit ikollha rwol imsaħħaħ fl-iffaċilitar u fl-iskrutinju tal-kooperazzjoni regolatorja;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja mill-qrib id-diverġenzi regolatorji fir-Renju Unit, li jistgħu joħolqu riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-FKK, b'mod partikolari f'oqsma rilevanti għall-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bħall-kontroll tas-sussidji, it-tassazzjoni, l-istandards tax-xogħol u soċjali, l-ambjent u l-klima; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-pubbliku b'aċċess għad-data miksuba, billi tippubblika rapporti annwali; jirrikonoxxi l-importanza ta' tali mekkaniżmu ta' identifikazzjoni biex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet b'mod infurmat, tissaħħaħ il-fiduċja pubblika, u tiġi faċilitata komprensjoni aktar profonda tal-kuntest ta' wara l-Brexit; iqis, f'dan il-kuntest, li l-involviment attiv tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, tal-SMEs u tal-industrija, kif ukoll tat-trade unions, tad-DAG u tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili, jipprovdi kontribut siewi għall-proċess; jenfasizza l-isfida partikolari li l-monitoraġġ u l-ġestjoni tad-diverġenza regolatorja joħolqu għall-Irlanda ta' Fuq u jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati mekkaniżmi ta' twissija bikrija adegwati;

52. Jieħu nota tal-fatt li r-reġim il-ġdid tar-Renju Unit għall-kontroll tas-sussidji skont l-Att dwar il-Kontroll tas-Sussidji 2022 daħal fis-seħħ f'Jannar 2023; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-applikazzjoni tal-Att dwar il-Kontroll tas-Sussidji 2022; jesprimi t-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet iddikjarati għall-introduzzjoni tal-hekk imsejħa portijiet ħielsa, u jinnota li r-Regolament tal-UE dwar is-Sussidji Barranin[16] daħal fis-seħħ f'Lulju 2023; jappella għal aktar kooperazzjoni bejn l-UE u r-

[16] Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1).

Renju Unit dwar is-sussidji, skont l-Artikolu 366 tal-FKK;

53. Jinnota li l-FKK jintroduċi mekkaniżmu li bih kwalunkwe parti tista' tadotta miżuri xierqa ta' riekwilibriju b'rispons għall-impatti materjali negattivi fuq il-kummerċ jew l-investiment li jirriżultaw minn diverġenzi sinifikanti bejn il-partijiet; ifakkar li sabiex l-UE tkun tista' teżerċita d-drittijiet tagħha fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u tal-FKK b'mod effettiv u f'waqtu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw regolament li jkopri l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet; jinsab kuntent li dan ir-regolament se jipprovdi bażi ġuridika biex il-Kummissjoni tadotta, temenda, tissospendi jew tħassar, kif xieraq, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għadd ta' miżuri previsti fiż-żewġ ftehimiet; jissottolinja li ż-żewġ partijiet għandhom is-setgħa li jaġixxu b'mod unilaterali biex jipproteġu l-interessi tagħhom mingħajr ma l-ewwel jidħlu fi proċedura ta' arbitraġġ, b'mod partikolari, f'każijiet fejn sussidju jissogra li jikkawża effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-partijiet;

Kwistjonijiet settorjali speċifiċi u kooperazzjoni tematika

Ambjent u klima

54. Ifakkar fl-ambizzjoni tal-UE dwar il-klima li tilħaq tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (GHG) tal-UE sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u li tikseb emissjonijiet netti żero ta' gassijiet serra (GHG) sal-2050, kif stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[17] u kif operazzjonalizzat fil-leġiżlazzjoni "Lesti għall-Mira ta' 55 %" adottata dan l-aħħar;

55. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni prattika, l-ambizzjoni u l-effikaċja tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) tar-Renju Unit; tqis li, jekk jitfaċċaw differenzi sinifikanti bejn iż-żewġ sistemi, dan jista' jwassal għal distorsjoni tal-kundizzjonijiet ekwivalenti, u għalhekk għandu jiġi kkunsidrat fl-applikazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-UE ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM); u tesplora opportunitajiet għal kooperazzjoni bilaterali, inkluż ir-rabta tal-ETS tar-Renju Unit mal-EU ETS mingħajr ma jiddgħajfu l-integrità u l-effikaċja tal-EU ETS, simili għall-ftehim bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rabta tas-sistemi għall-ETS ta' gassijiet serra tagħhom;

56. Ifakkar li, bejn l-2026 u l-2034, l-UE se ddaħħal gradwalment CBAM għall-ħadid, l-azzar, is-siment, l-aluminju, il-fertilizzanti, l-elettriku u l-idroġenu, kif ukoll l-emissjonijiet indiretti taħt ċerti kundizzjonijiet, biex tiżgura li l-isforzi klimatiċi globali u tal-UE ma jiġux imminati mir-rilokazzjoni tal-produzzjoni mill-UE lejn pajjiżi b'politiki inqas ambizzjużi; jilqa' l-fatt li l-Gvern tar-Renju Unit nieda inkjesta dwar CBAM tar-Renju Unit li jħares lejn ir-rwol li jista' jkollu fl-indirizzar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju potenzjali u biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali tar-Renju Unit, filwaqt li jitqiesu wkoll l-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet usa' li jistgħu jinħolqu; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-politika tas-CBAM tar-Renju Unit u tesplora opportunitajiet għal kooperazzjoni sabiex jiżdiedu l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-klima globalment;

[17] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

57. Ifakkar li l-FKK jirrikjedi li l-partijiet ma jdgħajfux jew ma jnaqqsux il-livelli tagħhom ta' protezzjoni soċjali, tax-xogħol jew ambjentali aktar mil-livelli fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fl-2020 (nonrigressjoni), u li parti tkun tista' tieħu miżuri xierqa ta' riekwilibriju biex tikkumpensa għal kwalunkwe "impatt materjali (negattiv) fuq il-kummerċ jew l-investiment" li jirriżulta minn "diverġenzi sinifikanti" bejn il-partijiet; ifakkar li l-impenji u l-ambizzjonijiet li jeżistu dwar it-tibdil fil-klima, b'mod partikolari dwar in-newtralità klimatika sal-2050, jibqgħu fis-seħħ għaż-żewġ partijiet;

58. Jissottolinja kif, qabel il-ħruġ tar-Renju Unit, kien hemm għadd ta' każijiet ta' ksur li l-Kummissjoni ressqet kontra r-Renju Unit fil-qasam ambjentali, inkluż għall-kwalità tal-arja u tal-ilma; jissottolinja kif, minħabba n-natura transfruntiera tagħhom, id-diverġenzi fil-protezzjoni ambjentali f'dawn l-oqsma jistgħu jipperikolaw il-kwalità tal-arja u tal-ilma fl-UE;

59. Jieħu nota tal-ħolqien tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni Ambjentali f'Novembru 2021, skont l-Att dwar l-Ambjent tal-2021; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja jekk l-uffiċċju jingħatax biżżejjed setgħat u riżorsi biex ikun jista' jinforza b'mod effikaċi r-regoli ambjentali, f'konformità mal-obbligi tal-FKK tar-Renju Unit, u jekk l-impenji ambjentali u l-leġiżlazzjoni sekondarja tar-Renju Unit humiex implimentati u infurzati b'mod effikaċi;

60. Jinnota li, f'Diċembru 2022, il-Gvern tar-Renju Unit ippubblika l-ewwel sett ta' miri ambjentali legalment vinkolanti skont l-Att dwar l-Ambjent tal-2021 u li, f'Jannar 2023, ippubblika l-Pjan ta' Titjib Ambjentali tal-2023; jappella għal allinjament mill-qrib u 'l fuq tal-miri tal-UE u tar-Renju Unit fir-rigward tal-protezzjoni tal-klima u l-ambjent u biex jiġu rispettati l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;

61. Ifakkar li r-Renju Unit ma għadux parti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi jew marbut mill-qafas regolatorju bbażat fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea għas-sustanzi kimiċi (ir-Regolament REACH tal-UE); jissottolinja kif il-qafas regolatorju l-ġdid tar-Renju Unit (ir-Regolament REACH tar-Renju Unit) irid juri l-istess robustezza u trasparenza bħar-Regolament REACH tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja jekk hemmx kwalunkwe rigressjoni regolatorja jew diverġenza tal-ġestjoni tas-sikurezza tas-sustanzi kimiċi tar-Renju Unit mir-REACH tal-UE, b'mod partikolari fid-dawl tar-reviżjoni li jmiss tar-Regolament REACH tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-awtoritajiet tar-Renju Unit biex tiżgura qafas regolatorju allinjat mill-qrib li għandu jkollu l-għan li jiżgura l-ogħla standard possibbli ta' ġestjoni tas-sikurezza tas-sustanzi kimiċi fl-UE u fir-Renju Unit;

62. Jitlob lill-Gvern tar-Renju Unit u lill-Parlament biex jikkooperaw mill-qrib mal-UE biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, inkluż permezz tal-politiki kummerċjali rispettivi tagħhom;

63. Jitlob lill-UE u lir-Renju Unit jaħdmu flimkien biex isaħħu l-protezzjoni globali tal-klima billi jikkapitalizzaw fuq il-kooperazzjoni mill-qrib żviluppata b'rispons għall-isfidi tas-sigurtà tal-enerġija li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni illegali Russa kontra l-Ukrajna;

Servizzi finanzjarji

64. Jinnota n-natura limitata tal-FKK fir-rigward tas-servizzi finanzjarji; jirrikonoxxi l-fatt

li dan in-nuqqas huwa konsegwenza tax-xewqa tar-Renju Unit li ma jiddiskutix oqsma oħra ta' interess reċiproku bħala parti min-negozjati tal-FKK; jilqa' l-pjanijiet biex jiġi stabbilit Forum Regolatorju Finanzjarju konġunt bejn l-UE u r-Renju Unit biex jiġu ffaċilitati d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' servizzi finanzjarji[18]; ifakkar li dan il-forum ma jikkostitwixxix parti formali mill-FKK u ma għandux jipprovdi l-istess livell ta' aċċess jew kooperazzjoni bħal ftehim komprensiv dwar is-servizzi finanzjarji;

65. Jinnota li l-"British Government's Future Regulatory Framework Review" (Rieżami tal-Qafas Regolatorju Futur tal-Gvern Brittaniku) u l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Servizzi u s-Swieq Finanzjarji li ġie ppubblikat sussegwentement[19], li jipproponi li jħassar, jissostitwixxi jew jemenda d-dritt tal-UE miżmum fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, kif ukoll li jiddelega responsabbiltà akbar lir-regolaturi tar-Renju Unit, juri x-xewqa li jiġu adottati regolamenti diverġenti minn dawk tal-UE fir-rigward tas-servizzi finanzjarji; jissottolinja li diverġenzi regolatorji eċċessivi jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kooperazzjoni finanzjarja bejn ir-Renju Unit u l-UE u jistgħu jimminaw il-flussi finanzjarji u l-attivitajiet ta' entitajiet finanzjarji; jilqa' l-progress reċenti tal-UE fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, anke fejn dan jista' jirriżulta f'diverġenza regolatorja meta mqabbel mar-Renju Unit, inkluż fir-rigward tal-kriptovaluti, il-finanzjament sostenibbli, it-tassonomija, l-elenkar u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; jirrikonoxxi, madankollu, li r-Renju Unit u l-UE jistgħu jadottaw approċċi regolatorji differenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u mhux neċessarjament iżommu reġim regolatorju armonizzat; jappoġġja l-progress leġiżlattiv tal-UE f'dan il-qasam; jenfasizza, madankollu, il-benefiċċji ta' kooperazzjoni regolatorja futura u ta' involviment fl-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' standards internazzjonali;

66. Jinnota l-ambizzjoni tar-Renju Unit li jistabbilixxi ruħu bħala ċentru globali għall-finanzi diġitali u l-kriptoassi permezz ta' għadd ta' inizjattivi regolatorji u superviżorji; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żviluppat approċċ ikkoordinat u kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-kripto sabiex jiġu indirizzati u mmitigati b'mod effettiv ir-riskji għall-protezzjoni tal-konsumatur, l-integrità tas-suq u l-ħasil tal-flus, kif ukoll l-impatt ambjentali tagħhom, u sabiex jiġi pprevenut arbitraġġ regolatorju;

67. Itenni li l-FKK joffri lill-UE opportunità biex tiżviluppa u ssaħħaħ l-infrastruttura u l-għarfien espert tas-servizzi finanzjarji tagħha sabiex tippromwovi l-kompetittività tal-intrapriżi, l-investiment, l-istabbiltà ekonomika u l-protezzjoni tal-konsumatur; jappoġġja bil-qawwa t-tlestija tal-unjoni tas-swieq kapitali u l-unjoni bankarja, abbażi ta' approċċ innovattiv, kompetittiv u li jħares 'il barra; jirrikonoxxi l-fatt li l-Belt ta' Londra għadha ċentru globali għas-servizzi finanzjarji b'firxa globali li jekk ikollu aċċess għalihom in-negozju tal-UE jista' jibbenefika[20]; jirrikonoxxi l-importanza ta' settur tas-servizzi finanzjarji b'saħħtu kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit, u jappoġġja l-isforzi biex jissaħħu l-infrastruttura u l-għarfien espert tas-servizzi

---

[18]Reuters, "EU restarts work on EU-UK regulatory forum after Northern Ireland deal" (L-UE terġa' tibda taħdem fuq il-formu regolatorju UE-Renju Unit wara l-ftehim dwar l-Irlanda ta' Fuq), 8 ta' Marzu 2023.
[19] Il-Parlament tar-Renju Unit, "Financial Services and Markets Bill" (Abbozz ta' Liġi dwar is-Servizzi Finanzjarji u s-Swieq), 11 ta' Mejju 2023.
[20] Reuters, "London is top global finance centre but lags in key areas, says study"(Studju jgħid li Londra hija l-aqwa ċentru finanzjarju globali iżda għadha lura f'oqsma ewlenin), 27 ta' Jannar 2022.

finanzjarji tal-UE;

68. Jappoġġja bis-sħiħ il-kooperazzjoni kontinwa bejn l-UE u r-Renju Unit f'oqsma relatati mal-affarijiet finanzjarji, ekonomiċi u monetarji li huma ta' interess reċiproku, inkluż l-indirizzar determinat tal-ħasil tal-flus internazzjonali u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi, l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet, l-indirizzar determinat tal-frodi doganali, l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja globali;

69. Ifakkar li Ġibiltà hija meqjusa mill-Kummissjoni[21] bħala territorju li jbati minn nuqqasijiet strateġiċi fis-sistema tagħha għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, li huma theddidiet serji għas-sistema finanzjarju tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi dispożizzjonijiet fil-ftehim mar-Renju Unit dwar Ġibiltà li jiggarantixxu standards tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ekwivalenti għal dawk tal-UE;

70. Jirrikonoxxi li r-rabtiet ekonomiċi mill-qrib bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq se jkomplu, minkejja li din tal-aħħar tkun parti minn pajjiż deżinjat bħala pajjiż terz; jappoġġja rikonoxximent ta' dawn ir-rabtiet ekonomiċi, inkluż fir-rigward tas-superviżjoni tat-tranżazzjonijiet bejn iż-żewġ ġuriżdizzjonijiet; jappella għal miżuri li jiżguraw li tali rabtiet ma jiġux imfixkla minn xi bidla fl-oqfsa regolatorji jew legali, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi pprovduti lill-konsumaturi u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li ma jistgħux jieħdu vantaġġ mill-fatt li huma mobbli; jenfasizza l-importanza li jinżammu u jiġu żviluppati aktar rabtiet ekonomiċi mill-qrib u li jiġi minimizzat it-tfixkil wara l-Brexit, b'mod partikolari fir-rigward ta' din ir-relazzjoni;

71. Jirrikonoxxi li wara d-dħul fis-seħħ tal-FKK, għadd ta' ditti tas-servizzi finanzjarji bbażati f'Londra ħabbru l-intenzjonijiet li jistabbilixxu preżenza ġdida fl-UE u li jirrilokaw xi assi lejn l-UE, bi stimi li jissuġġerixxu li 44 % tal-akbar ditti tas-servizzi finanzjarji tar-Renju Unit ħabbru pjanijiet li jċaqalqu xi persunal jew operazzjonijiet[22] għalkemm l-għadd ta' impjiegi li rrilokaw barra minn Londra s'issa huwa biss ta' 7 000 u ferm inqas mill-istimi inizjali ta' 75 000[23]; jappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex ifittxu li jattiraw l-investiment kummerċjali wara l-Brexit; jinnota li għadd ta' bliet tal-UE kienu l-fokus ta' investiment fl-industrija tas-servizzi finanzjarji wara l-Brexit, inkluż Pariġi, Frankfurt, Amsterdam, il-Lussemburgu u Dublin; jinnota li l-"Peer review into the NCAs' handling of relocation to the EU in the context of the UK's withdrawal from the EU"[24] (Rieżami bejn il-pari dwar l-immaniġġjar min-naħa tal-Awtoritajiet

---

[21] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32023R0410.

[22] Studju – "Recent trends in UK financial sector regulation and possible implications for the EU, including its approach to equivalence" (Xejriet riċenti fir-regolamentazzjoni tas-settur finanzjarju tar-Renju Unit u implikazzjonijiet possibbli għall-UE, inkluż l-approċċ tagħha għall-ekwivalenza), il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, id-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Ekonomiċi, Xjentifiċi u tal-Kwalità tal-Ħajja, 8 ta' Frar 2023.

[23] EY, 'EY Financial Services Brexit Tracker: Movement within UK financial services sector stabilises five years on from Article 50 trigger" (Monitur tal-EY dwar il-Brexit rigward is-Servizzi Finanzjarji: Il-moviment fi ħdan is-settur tas-servizzi finanzjarji tar-Renju Unit jistabbilizza ħames snin wara l-iskattar tal-Artikolu 50), 29 Marzu 2022, Londra; Kumitat għall-Affarijiet Ewropej tal-House of Lords, "1st Report of Session 2022–23: The UK-EU relationship in financial services" (L-Ewwel Rapport tas-Sessjoni 2022–23: Ir-relazzjoni Renju Unit-UE fis-servizzi finanzjarji), 23 ta' Ġunju 2022.

[24] ESMA42-111-7468, *Peer review into the NCAs' handling of relocation to the EU in the context of the UK's withdrawal from the EU* (Rieżami bejn il-pari dwar l-immaniġġjar min-naħa tal-Awtoritajiet Kompetenti

Kompetenti Nazzjonali tar-rilokazzjoni lejn l-UE fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE) tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) identifika xi nuqqasijiet fir-rigward ta' kif l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mmaniġġjaw il-proċess tar-rilokazzjoni; jirrimarka, f'dan il-kuntest, l-aħjar prattiki identifikati fir-rapport ta' rieżami bejn il-pari kif ukoll il-prinċipji speċifiċi għas-settur tal-ESMA dwar ir-rilokazzjonijiet mir-Renju Unit lejn l-UE27[25]; jilqa' l-monitoraġġ kontinwu min-naħa tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-prattiki superviżorji fil-valutazzjoni tar-rilokazzjoni tal-kumpaniji lejn l-UE[26]; jisħaq fuq il-ħtieġa li titkompla l-ħidma biex titlesta l-Unjoni Bankarja u tiġi approfondita l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ħalli tiġi pprevenuta konċentrazzjoni ulterjuri ta' ċentri finanzjarji u jitgawdew il-benefiċċji tal-effiċjenzi ta' skala;

72. Ifakkar fl-impenn, fl-ewwel Dikjarazzjoni Konġunta li takkumpanja l-FKK, li jiġi ffirmat Memorandum ta' Qbil dwar il-kooperazzjoni regolatorja fis-servizzi finanzjarji bejn l-UE u r-Renju Unit, li ma jkunx dokument legali iżda jipprovdi bażi għal impenn regolari u strutturat; jinnota li dan il-memorandum ġie ffinalizzat u adottat mill-Kummissjoni; jilqa' l-iffirmar b'suċċess ta' Memoranda ta' Qbil bilaterali bejn ir-regolaturi u s-superviżuri tal-UE u tar-Renju Unit kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, inkluż bejn il-Financial Conduct Authority (l-Awtorità tal-Kondotta Finanzjarja) u l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-ESMA, Memorandum ta' Qbil multilaterali mal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti tal-UE u taż-Żona Ekonomika Ewropea; u Memoranda ta' Qbil individwali mal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti[27];

73. Jilqa' l-iffirmar tal-MtQ dwar il-Kooperazzjoni fis-Servizzi Finanzjarji bejn l-UE u r-Renju Unit mill-Kummissjoni u t-Teżor tal-Maestà Tiegħu, li jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni regolatorja tas-servizzi finanzjarji, inkluż Forum Regolatorju Konġunt UE-UK fil-Qasam Finanzjarju; jisħaq li l-partijiet tal-forum għandhom jimpenjaw ruħhom fl-ispirtu ta' kooperazzjoni leali u jużaw il-forum biex jidentifikaw u jindirizzaw it-theddid reċiproku għall-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumatur, biex jipprevjenu u jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll biex jindirizzaw l-iżviluppi ġodda u l-innovazzjonijiet fis-swieq; jisħaq li l-forum jeħtieġlu jopera b'mod trasparenti bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati kif xieraq; jimmonitorja b'interess diskussjonijiet futuri potenzjali dwar deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, f'konformità mal-attivitajiet stabbiliti fil-MtQ, fejn l-eżiti jkunu konsistenti mal-istandards u l-objettivi tal-UE, bil-għan li jiġu pprovduti benefiċċji akbar għall-aċċess għas-suq, u tfakkar li l-ekwivalenza tibqa' proċess unilaterali u awtonomu;

L-enerġija

74. Jenfasizza, fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u tal-kriżi tal-enerġija li għaddejja bħalissa, l-importanza mġedda li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-enerġija bejn l-UE u r-Renju Unit sabiex ma jpoġġux lil xulxin f'riskju; jisħaq

Nazzjonali tar-rilokazzjoni lejn l-UE fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE) (https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma42-111-7468_brexit_peer_review_report.pdf).
[25] ESMA71-99-526.
[26] https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma42-111-7468_brexit_peer_review_report.pdf.
[27] The Financial Conduct Authority (L-Awtorità tal-Kondotta Finanzjarja), "MoUs with European authorities in the areas of securities, investment services and asset management, insurance and pensions, and banking" (Memoranda ta' Qbil mal-awtoritajiet Ewropej fl-oqsma tat-titoli, is-servizzi tal-investiment u l-ġestjoni tal-assi, l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet, u l-banek), 4 ta' Jannar 2021.

fuq l-importanza li jiġu massimizzati kemm jista' jkun il-benefiċċji reċiproċi, f'sistema tal-enerġija integrata u interkonnessa bbażata fuq prinċipji tekniċi u tas-suq komuni; jinnota li l-kummerċ tal-enerġija bejn l-UE u r-Renju Unit żdied b'mod konsiderevoli matul l-2022;

75. Jappella biex jittieħed approċċ ibbilanċjat u kkoordinat ħalli jinkisbu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u ta' REPowerEU u l-indipendenza enerġetika kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit; jappella liż-żewġ partijiet biex isaħħu l-kooperazzjoni teknoloġika, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-iskambju tad-data fis-settur tal-enerġija; jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp, inkluż fi ħdan il-qafas tal-Euratom, fil-qasam tat-teknoloġiji kritiċi meħtieġa għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika;

76. Jesprimi dispjaċir li l-bidliet reċenti tal-Gvern tar-Renju Unit fil-politiki dwar il-klima, jiġifieri l-posponiment għall-2035 tal-projbizzjoni fuq il-bejgħ ta' karozzi ġodda tal-petrol u tad-diżil u tal-eliminazzjoni gradwali ta' bojlers ġodda li jaħdmu bil-gass għat-tisħin tad-djar, minkejja l-fatt li r-Renju Unit u l-UE affermaw mill-ġdid l-ambizzjonijiet tagħhom għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġija rinnovabbli għall-2030; jilqa' l-MtQ dwar il-kooperazzjoni fl-enerġija offshore; jenfasizza li l-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' teknoloġiji rinnovabbli hija importanti kemm għall-Unjoni kif ukoll għar-Renju Unit u jappella għal aktar żvilupp tat-teknoloġiji tal-enerġija f'konformità mal-objettivi tat-tibdil fil-klima; jitlob li jiġi stabbilit qafas effettiv għall-arranġamenti kummerċjali għall-flussi tal-elettriku u għall-istabbiltà u l-prevedibbiltà tas-suq tal-enerġija, sabiex jiġu evitati manipulazzjonijiet tal-prezzijiet u tas-suq; jappella għat-tħaffif tal-varar tal-enerġiji rinnovabbli fil-Baħar tat-Tramuntana filwaqt li jiġi żgurat ippjanar spazjali tajjeb;

77. Huwa mħasseb dwar ir-riżultati tal-analiżi konġunta tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ppreżentata mill-operaturi rispettivi tas-sistema ta' trażmissjoni f'Mejju 2021, li enfasizzat riskju għoli ta' manipulazzjoni u tfixkil tas-suq; ifakkar li l-proposta biex jiġi rivedut ir-Regolament dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa (REMIT)[28] fiha dispożizzjonijiet ġodda rigward is-sorveljanza tas-suq għal ġeneraturi minn pajjiżi terzi u li dawn ikunu japplikaw għar-Renju Unit, bil-ħsieb li jiżdiedu l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tas-suq; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw arranġamenti kummerċjali għall-flussi tal-elettriku bejn l-UE u r-Renju Unit, kif previst fl-Artikolu 312 tal-FKK;

78. Ifakkar li ż-żamma ta' rabtiet sodi bejn is-swieq tal-enerġija tar-Renju Unit u tal-UE, inkluż billi jsir użu sħiħ mill-interkonnessjonijiet tal-elettriku eżistenti u ppjanati, hija fl-aħjar interess ta' kulħadd u jappella għal żvilupp ikkoordinat ta' infrastruttura kritika bejn l-UE u r-Renju Unit, speċjalment fis-settur tal-enerġija, biex tissaħħaħ ir-robustezza tagħha u jitnaqqsu l-possibbiltajiet ta' interruzzjonijiet fl-infrastruttura u ta' ħsarat fil-provvista tal-enerġija;

79. Jenfasizza s-sitwazzjoni unika tal-gżira tal-Irlanda fir-rigward tal-kummerċ tal-elettriku mar-Renju Unit u jissottolinja li kwalunkwe interruzzjoni fis-Suq Uniku tal-Elettriku jkollha implikazzjonijiet negattivi għall-konsumaturi u n-negozji fil-gżira tal-Irlanda; jappella għall-applikazzjoni kontinwa tal-acquis tal-enerġija tal-UE fl-Irlanda ta' Fuq

[28] Proposta tal-14 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) 2019/942 biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa (COM(2023)0147).

peress li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-kontinwità għas-Suq Uniku tal-Elettriku fil-gżira tal-Irlanda wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE;

80. Jissottolinja li l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-enerġija ma tindirizza direttament ebda aspett tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit u jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha f'dan il-qasam, b'mod partikolari dwar it-tnaqqis fit-talba għall-enerġija, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u tal-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli, minħabba r-rabta ċara bejn iż-żewġ naħat u l-fatt li kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed taffettwahom it-tnejn;

81. Jemmen li regoli komuni għall-enerġija rinnovabbli offshore u għall-infrastruttura tal-pipelines huma essenzjali biex jiġu ffaċilitati l-ftehimiet kummerċjali f'dawn l-oqsma mar-Renju Unit, fid-dawl tat-tieni edizzjoni tas-summit tal-Baħar tat-Tramuntana li sar f'Ostend f'April 2023 fejn ġie miftiehem li l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli jiġi sfruttat b'mod aktar koordinat;

82. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li ma ntlaħaq ebda ftehim ewlieni fit-tul għall-kummerċ tal-elettriku bejn ir-Renju Unit u l-UE; jieħu nota tal-fatt li l-Baħar tat-Tramuntana huwa mutur għall-enerġija rinnovabbli u jenfasizza l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli tax-xtut tar-Renju Unit għall-UE;

83. Iqis li ftehim dwar il-kooperazzjoni fl-enerġija, li għandu jkun allinjat mal-ftehim globali dwar ir-relazzjonijiet futuri u bbażat fuq governanza robusta u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, ikun fl-interess reċiproku taż-żewġ partijiet biex jiġu garantiti flussi kontinwi ta' enerġiji, billi d-dispożizzjonijiet attwali tal-FKK attwali se jiskadu f'Ġunju 2026, għalkemm jistgħu jiġu estiżi;

Sajd

84. Jirrimarka li l-impatt sħiħ tal-Brexit għadu mhux magħruf għalkollox, mhux l-inqas minħabba li l-implimentazzjoni sħiħa tal-FKK fir-rigward tas-sajd għadha għaddejja u se titlesta biss wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni fit-30 ta' Ġunju 2026; jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni leali tal-FKK, meta jitqies li l-kwistjonijiet għadhom qed jitfaċċaw; jaqbel mar-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li "għad fadal ċerti sfidi", bħall-implimentazzjoni tal-arranġamenti tal-kummerċ tal-elettriku u l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tad-dispożizzjonijiet dwar is-sajd;

85. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd jinżamm wara t-30 ta' Ġunju 2026 u li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis ulterjuri tal-kwoti għas-sajjieda tal-UE; jitlob li l-iskambju tal-kwoti tas-sajd bejn il-partijiet jiġu ssimplifikati u ma jkunux ta' piż fuq is-settur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżomm kull mezz ta' negozjati mar-Renju Unit miftuħ sabiex jinstabu soluzzjonijiet stabbli u permanenti li jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet, jipprovdu kundizzjonijiet stabbli u prevedibbli għas-sajjieda u għas-settur tas-sajd kollu kemm hu u jkopru l-perjodu lil hinn mill-2026; ifakkar fil-perjodi ta' validità li jikkoinċidu tad-dispożizzjonijiet tal-FKK dwar l-enerġija u dwar l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd u jinnota r-rabta impliċita bejn dawn iż-żewġ oqsma settorjali fil-FKK;

86. Jinnota s-sitwazzjoni unika tal-Irlanda minħabba l-fruntiera tagħha mal-Irlanda ta' Fuq, il-ftehim tal-viċinat għal aċċess reċiproku għaż-żona bejn 0 u 6 mil nawtiku u d-

dipendenza storika tagħha fuq l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet tar-Renju Unit;

87. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-inċertezza maħluqa mill-klawżola ta' rieżami (l-Artikolu 510) taħt il-Ħames Intestatura (Sajd) tat-Tieni Parti tal-FKK, li se tiġi applikata erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha malajr, b'mod kostanti u trasparenti f'negozjati għal ftehim pluriennali għal wara l-2026 filwaqt li tiżgura l-istabbiltà, il-prevedibbiltà u l-vijabbiltà ekonomika tas-settur; jenfasizza li dan il-ftehim irid ikun marbut mar-rieżami ġenerali tal-FKK u ma jridx jippermetti aktar telf fi kwoti kondiviżi għall-UE; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li l-aspetti kollha tal-FKK jinżammu interkonnessi, b'mod partikolari li l-aċċess għas-suq uniku għar-Renju Unit jintrabat mad-dispożizzjonijiet dwar is-sajd tal-FKK;

88. Itenni li l-aċċess reċiproku u kontinwu għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd irid jitqies bħala parti ewlenija tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit u, għalhekk, irid jiġi indirizzat flimkien mal-għadd kbir ta' kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u l-aċċess għas-suq uniku; ifakkar lill-Kummissjoni li huwa essenzjali li jiġi żgurat li, mill-2026, il-FKK jiġi applikat b'mod stabbli u sostenibbli wara l-perjodu ta' tranżizzjoni;

89. Ifakkar li, jekk ir-Renju Unit jiddeċiedi li jillimita l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-UE għall-ilmijiet Brittaniċi fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament, l-UE tkun tista' tieħu miżuri biex tipproteġi l-interessi tagħha; ifakkar li, f'konformità mal-FKK innifsu, dawn il-miżuri jinkludu l-istabbiliment mill-ġdid ta' tariffi jew kwoti fuq l-importazzjonijiet tal-ħut tar-Renju Unit u s-sospensjoni ta' partijiet oħra tal-FKK jekk ikun hemm riskju ta' diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji għall-komunitajiet tas-sajd tal-UE; jisħaq li, f'dan ir-rigward, l-UE għandha tikkunsidra li torbot partijiet speċifiċi oħra tal-FKK, bħall-aċċess tar-Renju Unit għas-suq tal-elettriku Ewropew, kif ukoll setturi rilevanti oħra fl-ambitu tal-FKK, mal-aċċess tal-UE għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd Brittaniċi;

90. Jistieden lir-Renju Unit joqgħod lura milli jadotta kwalunkwe miżura teknika unilaterali diskriminatorja; itenni li l-FKK jipprevedi li l-miżuri tekniċi għandhom ikunu proporzjonati, għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku, għandhom japplikaw bl-istess mod għall-bastimenti taż-żewġ partijiet u għandhom jiġu nnotifikati minn qabel; jisħaq fuq ir-rwol tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd fit-tfittxija ta' approċċ komuni dwar il-miżuri tekniċi u fid-diskussjonijiet dwar kwalunkwe miżura li parti waħda tista' tagħti avviż dwarha lill-oħra; ifakkar li l-FKK jobbliga lil kull parti tiġġustifika b'mod preċiż in-natura nondiskriminatorja ta' kwalunkwe miżura f'dan il-qasam u l-ħtieġa li tiġi żgurata sostenibbiltà ambjentali fit-tul, abbażi ta' data xjentifikament verifikabbli; itenni li huwa mixtieq ħafna li r-Renju Unit iżomm kemm jista' jkun mill-qrib mar-regoli tal-UE; jisħaq li għandu jkun hemm aktar koordinazzjoni mal-UE dwar dan u li għandu jkun hemm proċeduri xierqa għan-notifika u l-parteċipazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tkun viġilanti b'mod partikolari dwar jekk hemmx konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet u tirreaġixxi bil-qawwa jekk ir-Renju Unit jaġixxi b'mod diskriminatorju;

91. Jenfasizza, b'mod partikolari, li d-deżinjazzjoni taż-żoni protetti tal-baħar trid tkun nondiskriminatorja, ibbażata fuq ix-xjenza u proporzjonata; jenfasizza li ż-żoni protetti tal-baħar għandhom jiġu stabbiliti b'objettivi ta' konservazzjoni definiti sew u ma għandhomx jintużaw bħala għodda biex jiġi ristrett l-aċċess barrani għall-ibħra; jesprimi dispjaċir, f'dan ir-rigward, dwar l-approċċ unilaterali li ħa r-Renju Unit fir-rigward tad-

deżinjazzjoni ta' żoni b'restrizzjonijiet għas-sajd madwar Dogger Bank u l-fatt li r-Renju Unit qed jippjana li juża dawn iż-żoni għal attivitajiet ekonomiċi oħra;

92. Jopponi d-deċiżjonijiet kollha meħuda unilateralment li jistabbilixxu opportunitajiet tas-sajd li jiksru d-dritt internazzjonali jew li jmorru kontra l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u b'hekk ipoġġu f'dubju l-kredibbiltà tal-ftehimiet internazzjonali u jimminaw is-sostenibbiltà tal-isfruttament tar-riżorsi kondiviżi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa u proporzjonata biex issolvi t-tilwim mal-partijiet internazzjonali kkonċernati u biex tiżgura konformità mal-obbligi internazzjonali;

93. Ifakkar li l-Brexit biddel ir-relazzjonijiet fost il-pajjiżi tal-Atlantiku tat-Tramuntana; jemmen li l-Brexit ma għandux jintuża biex tiġi mmanipulata d-distribuzzjoni tal-kwoti fil-Ftehimiet tat-Tramuntana; jinsisti li d-distribuzzjoni storika tal-opportunitajiet tas-sajd, dejjem stabbilita abbażi tal-aħjar data u pariri xjentifiċi disponibbli, għandha tiġi rispettata; jistieden lill-Kummissjoni ssib arranġamenti ta' ġestjoni tas-sajd stabbli u fit-tul mal-kontropartijiet tagħha fil-Grigal tal-Atlantiku;

94. Jesprimi tħassib dwar il-liċenzjar ta' bastimenti tal-UE; jinnota li l-bastimenti ta' inqas minn 12-il metru kienu fost dawk l-aktar milquta minn dewmien fl-għoti ta' liċenzji tas-sajd jew minn liċenzji rrifjutati, minħabba l-fatt li ħafna minnhom ma kinux mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti matul il-perjodu kollu ta' referenza; jesprimi dispjaċir li l-FKK ma qiesx ir-regoli fis-seħħ dwar is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti skont ir-regolamenti tal-UE li jorbtu wkoll lir-Renju Unit qabel il-Brexit; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tasal għal ftehim dwar il-kwistjonijiet ta' liċenzjar mhux solvuti, inkluż il-livell ta' aċċess għal bastimenti tas-sajd liċenzjati fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tad-Dipendenzi tal-Kuruna, u biex flimkien mar-Renju Unit tiżviluppa sistema ta' liċenzjar futura li taħdem fil-prattika;

95. Jinnota li l-kwistjonijiet dwar il-liċenzjar tal-bastimenti tal-UE għandhom impatt kbir fuq is-sajjieda fuq skala żgħira, speċjalment dawk mit-Tramuntana ta' Franza u min-Normandija, peress li dawn il-bastimenti ma jistgħux ibiddlu ż-żoni tas-sajd tagħhom;

96. Iħeġġeġ lill-partijiet tal-FKK isaħħu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu sajd sostenibbli u governanza tajba tas-sajd fuq livell internazzjonali, billi jippromwovu l-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, tikkoopera mal-awtoritajiet Brittaniċi u mal-partijiet l-oħra involuti fl-istabbiliment ta' organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Atlantiku;

97. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt tal-ispostament tal-isforz tas-sajd wara l-implimentazzjoni tal-FKK, speċjalment fil-Kanal Ingliż; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan ta' ġestjoni reġjonali għall-Kanal Ingliż u għall-Baħar tat-Tramuntana biex jittaffa dan l-impatt u jiġi evitat is-sajd eċċessiv;

98. Jilqa' l-fatt li kemm l-UE kif ukoll ir-Renju Unit huma membri tal-Alleanza ta' Azzjoni dwar is-Sajd IUU, stabbilita f'Ġunju 2022 biex trawwem l-ambizzjoni u l-azzjoni fil-ġlieda kontra s-sajd IUU fil-livell internazzjonali;

99. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tħaddan ir-rwol tagħha bħala r-rappreżentant tal-UE fin-negozjati ma' pajjiżi mhux tal-UE, sabiex tkun tista'

tipproponi mudelli ta' ġestjoni parteċipattiva msaħħa u ġestjoni konġunta f'sitwazzjonijiet transfruntiera ma' pajjiżi mhux tal-UE;

100. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ħidma tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd tkun trasparenti u li l-Parlament ikun aġġornat regolarment dwar din il-ħidma u d-deċiżjonijiet meħuda;

Koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali

101. Jinnota b'sodisfazzjon li l-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali skont il-FKK s'issa ma kinitx problematika u li ma ġiet identifikata l-ebda problema strutturali fl-2021 jew fl-2022; jisħaq, madankollu, fuq l-importanza li jkun hemm Protokoll dinamiku, li jkun allinjat mar-reviżjonijiet tar-regolamenti dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali;

102. Jinnota li fl-2021, l-emendi għall-annessi tal-Protokoll ġew adottati mill-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali sabiex jikkonferma li l-Istati Membri jkomplu jippermettu lill-ħaddiema stazzjonati fir-Renju Unit jew mir-Renju Unit li jkunu koperti mil-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat taħt kundizzjonijiet speċifiċi; jinnota wkoll li fl-2022, ittieħdu passi preparatorji biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet finanzjarji li jikkonċernaw ir-rimborż tal-kost tal-benefiċċji tal-mard in natura pprovduti minn Stat għajr dak kompetenti;

103. Jilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 1/2023 tal-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali li tapprova l-użu tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni29 fil-kuntest tal-Protokoll, kif ukoll li jqis li l-partijiet rilevanti tad-Deċiżjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali għandhom isiru applikabbli fil-kuntest tal-Protokoll permezz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat3; itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-EESSI jsir totalment operattiv mill-aktar fis possibbli u jisfruttaw l-opportunitajiet li joffru l-fondi tal-UE eżistenti biex jiġi implimentat b'mod sħiħ l-EESSI u tkompli tiġi diġitalizzata l-amministrazzjoni pubblika;

104. Jesprimi tħassib rigward l-iżviluppi reċenti li jistgħu jikkompromettu d-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni tal-FKK fl-isfera tax-xogħol u dik soċjali fir-Renju Unit; jesprimi dispjaċir kbir, f'dan ir-rigward, għat-tħassir ta' Lulju 2022 tal-projbizzjoni tal-aġenziji tal-impjiegi li jipprovdu persunal temporanju biex jissostitwixxi l-ħaddiema li jieħdu sehem f'azzjoni industrijali, billi dan jippreġudika d-dritt tal-ħaddiema li jagħmlu azzjonijiet kollettivi, inkluż id-dritt tal-istrajkjar; jitlob lill-Gvern tar-Renju Unit jieħu l-miżuri neċessarji biex jiddefendi l-prinċipji tal-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni msemmija fl-artikoli tal-FKK;

105. Jinnota li f'Ġunju 2021 il-Gvern tar-Renju Unit ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jistabbilixxi korp uniku ta' infurzar għad-drittijiet tal-impjiegi bil-kompitu li jiżgura superviżjoni ċentralizzata tal-liġijiet tax-xogħol30 tiegħu sabiex itejjeb il-

[29] Provisional Agenda of the Third Specialised Committee on Social Security Coordination (Aġenda Proviżorja tat-Tielet Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali), Londra, Ġunju 2023.
[30] Dipartiment għan-Negozju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali, ir-Renju Unit. Establishing a new single

koordinazzjoni u l-effikaċja tal-korpi eżistenti u jespandi l-infurzar f'oqsma ġodda; jinnota, madankollu, li s'issa ma sar l-ebda progress ulterjuri dwar il-proposta; jitlob lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja mill-qrib l-infurzar tal-istandards tax-xogħol u dawk soċjali rilevanti, kif meħtieġ mill-FKK, u kwalunkwe żvilupp f'dan ir-rigward, u tkompli l-isforzi tagħha, flimkien mal-Gvern tar-Renju Unit, biex tiżgura l-konformità totali mal-FKK;

106. Jesprimi dispjaċir kbir għat-trattament diskriminatorju tar-Renju Unit ta' ħaddiema minn ħames Stati Membri tal-UE fl-2021 fir-rigward tal-ħlas ta' drittijiet imnaqqsa għal viżi tax-xogħol għal żmien twil; jesprimi dispjaċir ukoll għar-rinunzja sussegwenti tar-Renju Unit tal-Artikolu 18(2) tal-Karta Soċjali Ewropea u bit-tneħħija konsegwenti tat-tnaqqis fil-ħlas ta' drittijiet għall-viżi relatati max-xogħol għaċ-ċittadini kollha tal-UE minn Frar 2022; jitlob lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa f'dan ir-rigward u tkompli tqajjem din il-kwistjoni permezz tal-Kunsill ta' Sħubija u tal-Kumitat Speċjalizzat dwar Kundizzjonijiet Ekwi għal Kompetizzjoni Miftuħa u Ġusta u Żvilupp Sostenibbli;

Infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

107. Ifakkar li l-applikazzjoni tal-Parti Tlieta tal-FKK dwar l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali hija taħt il-kundizzjoni li r-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-impenn favur protezzjoni ta' livell għoli tad-data personali; ifakkar fl-importanza ta' infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja effettivi, mill-qrib u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-UE u r-Renju Unit fid-dawl tal-prossimità ġeografika u l-isfidi kondiviżi tagħhom;

108. Jenfasizza li l-KEDB hija strument legalment vinkolanti fir-Renju Unit u li l-proposti leġiżlattivi għandhom ikunu kompatibbli mal-istandards tagħha u f'konformità mad-drittijiet u l-libertajiet li huma inklużi fiha; jissottolinja li l-Artikolu 524 tat-TCA jistipula li l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit hija bbażata fuq l-importanza li d-drittijiet u l-libertajiet f'dik il-konvenzjoni jingħataw effett fil-livell nazzjonali; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-diskussjonijiet fir-Renju Unit dwar il-ħruġ mill-KEDB u jfakkar fit-tħassib espress mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa f'dan ir-rigward31; ifakkar fid-dispożizzjoni fit-TCA dwar it-terminazzjoni possibbli ta' din il-parti tat-TCA f'każ li r-Renju Unit jew Stat Membru jiddenunzja l-KEDB;

109. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-proċessi leġiżlattivi attwali fir-Renju Unit li jpoġġu dawn il-kundizzjonijiet f'riskju, jiġifieri l-Abbozz ta' Liġi dwar id-Dritt Miżmum tal-UE, l-Abbozz ta' Liġi (Nru 2) dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Informazzjoni Diġitali (DPDI2) u l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Migrazzjoni Illegali;

110. Ifakkar li l-Parti Tlieta tat-TCA tippermetti flussi estiżi ta' data bejn l-UE u r-Renju

enforcement body for employment rights (L-istabbiliment ta' korp uniku ġdid għall-infurzar tad-drittijiet tal-impjiegi), 2021.
[31] https://www.coe.int/ca/web/commissioner/-/united-kingdom-commissioner-warns-against-regression-on-human-rights-calls-for-concrete-steps-to-protect-children-s-rights-and-to-tackle-human-rights-issues-in-northern-ireland.

Unit, bħall-iskambju ta' data dwar id-DNA, data dwar ir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri u informazzjoni dwar ir-rekords kriminali; jissottolinja, għalhekk, li huwa ta' importanza fundamentali li r-Renju Unit jiżgura li l-livell ta' protezzjoni jkun essenzjalment ekwivalenti għal dak mogħti mill-Unjoni Ewropea sabiex jiġi evitat li l-istandards tal-UE u għalhekk id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE jitqiegħdu f'riskju meta tiġi kondiviża d-data mar-Renju Unit; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiskrutinizza mill-qrib l-impatt li d-DPDI2 għandu fuq id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data taċ-ċittadini tal-UE;

111. Jissottolinja r-riskju serju tat-trasferiment ulterjuri ta' data personali lejn pajjiżi mhux tal-UE li ma jipprevedux livell adegwat ta' protezzjoni; ifakkar li riċevitur primarju tad-data jista' jerġa' jittrasferixxi data personali biss jekk ir-riċevitur ikun soġġett ukoll għal regoli li jagħtu livell adegwat ta' protezzjoni; jisħaq, għalhekk, li r-Renju Unit jeħtieġlu jiżgura li t-trasferimenti tad-data tiegħu lejn pajjiżi mhux tal-UE jkunu bbażati fuq salvagwardji xierqa u li jkun garantit livell ta' protezzjoni tad-data ekwivalenti għal dak mogħti mill-Unjoni Ewropea;

112. Jisħaq li l-promulgazzjoni tad-DPDI2 tar-Renju Unit fil-forma attwali tiegħu tista' tkompli tipperikola d-deċiżjoni ta' adegwatezza mogħtija lir-Renju Unit; ifakkar li l-Kummissjoni wiegħdet li timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib u tirrevoka d-deċiżjonijiet ta' adegwatezza jekk il-privatezza ma tibqax "essenzjalment ekwivalenti" fir-Renju Unit;

113. Jesprimi dispjaċir kbir dwar id-dispożizzjonijiet fid-DPDI2 il-ġdid li jintroduċu setgħat leġiżlattivi delegati ġodda għall-Gvern tar-Renju Unit biex jillegalizza l-ipproċessar tad-data għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi u l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-data personali miżmuma minn entitajiet privati; huwa mħasseb ferm dwar l-introduzzjoni ta' setgħat leġiżlattivi delegati li jipprevedu li xi aspetti fundamentali tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data jinbidlu mill-Gvern tar-Renju Unit permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja; jisħaq fuq ir-riskji li dawn is-setgħat delegati joħolqu għaċ-ċertezza legali u għall-futur tad-deċiżjoni ta' adegwatezza tar-Renju Unit;

114. Jikkundanna l-eżenzjoni ġenerali u wiesgħa tar-Renju Unit mill-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u mid-drittijiet tas-suġġetti tad-data għall-ipproċessar tad-data personali, stabbiliti fl-Att tiegħu dwar il-Protezzjoni tad-Data, għal skopijiet ta' immigrazzjoni; jemmen li l-eżenzjoni f'każijiet fejn l-għoti ta' effett lid-drittijiet tas-suġġetti tad-data jipperikola l-kontroll effettiv tal-immigrazzjoni jew fl-investigazzjoni jew l-identifikazzjoni ta' attivitajiet li jimminaw iż-żamma ta' kontroll effettiv tal-immigrazzjoni ma tikkonformax mal-prinċipju taċ-ċertezza legali u għalhekk mhijiex biżżejjed biex tipprevjeni t-teħid ta' deċiżjonijiet arbitrarju; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-evoluzzjoni tal-proċess ta' rieżami ġudizzjarju tad-DPDI2 rigward l-eżenzjoni tal-immigrazzjoni;

115. Jesprimi t-tħassib tiegħu li d-DPDI2 propost tar-Renju Unit jippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat; jisħaq li dan l-abbozz ta' liġi jċaħħad lill-individwi mid-dritt tagħhom, protett fl-UE fl-ambitu tar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data32 u internazzjonalment fl-ambitu tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta'

[32] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali, li ma jkunux soġġetti għal deċiżjoni bbażata unikament fuq l-ipproċessar awtomatizzat (inkluż it-tfassil ta' profili) li jkollu effett legali jew ugwalment sinifikanti fuqhom; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib u kontinwament;

116. Jesprimi dispjaċir kbir għad-dispożizzjonijiet fid-DPDI2 il-ġdid tar-Renju Unit li jdgħajfu l-obbligi għall-kontrolluri u l-proċessuri tad-data, inklużi d-dispożizzjonijiet il-ġodda li jirrikjedu biss li jinħatar individwu responsabbli anzjan meta jsir l-ipproċessar, li x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għall-individwi; jesprimi dispjaċir, bl-istess mod, dwar id-dispożizzjonijiet li jneħħu r-rekwiżit li jinħatar rappreżentant mhux ibbażat fir-Renju Unit għall-kontrolluri u l-proċessuri tad-data li jkun soġġett għar-regoli tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data, u dawk li jeliminaw l-obbligu ta' konsultazzjoni mal-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit qabel l-ipproċessar meta l-valutazzjoni tal-kontrollur tindika li l-ipproċessar x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli;

117. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-klawżoli fid-DPDI2 il-ġdid tar-Renju Unit li jimminaw l-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni (ICO) u jintroduċu setgħat li jippermettu lill-gvern jinterferixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-ICO;

118. Jenfasizza li l-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit sabet diversi każijiet ta' nuqqasijiet fl-infurzar u li l-istatistika tagħha turi rati baxxi ħafna ta' infurzar sod; ifakkar li, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data, ir-regoli antiċipati jridu jiġu infurzati u l-individwi jeħtiġilhom ikollhom aċċess għal proċedura effettiva tal-ilmenti; huwa mħasseb ukoll dwar il-bidla introdotta fir-rifjut li tittieħed azzjoni fir-rigward ta' lment u l-inklużjoni ta' kriterji bħar-riżorsi disponibbli għall-Kummissarju, ħaġa li se jkollha effett negattiv fuq l-effettività tal-ilmenti;

119. Ifakkar li l-programmi ta' sorveljanza tal-massa tar-Renju Unit ma jikkonformawx ma' standards li huma essenzjalment ekwivalenti għar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data; itenni l-istedina tiegħu lir-Renju Unit biex iqis il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam;

120. Iħeġġeġ lir-Renju Unit jissodisfa r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data għall-ipproċessar tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri, f'konformità mal-Artikolu 552 tal-FKK; jesprimi dispjaċir dwar il-perjodu ta' tranżizzjoni twil ta' tliet snin, li qed idewwem l-implimentazzjoni tar-rekwiżit li titħassar id-data personali tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mill-pajjiż;

121. Jissottolinja li l-Artikolu 541 tal-FKK jipprevedi proċedura ta' emenda fil-każ li d-dritt tal-UE fl-ambitu tal-qafas ta' Prüm jiġi emendat b'mod sostanzjali; ifakkar, għalhekk, li l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-qafas ta' Prüm li għadu kif ġie rivedut mhijiex awtomatika u għandha tkun bil-kundizzjoni li r-Renju Unit iżomm l-istandards attwali tiegħu rigward id-drittijiet tal-bniedem u jiżgura qafas adegwat għall-protezzjoni tad-data u salvagwardji legali effettivi, li huma prerekwiżiti essenzjali għall-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali;

122. Ifakkar li ż-żewġ deċiżjonijiet ta' adegwatezza għar-Renju Unit jiskadu fl-2025 u li l-Kummissjoni tista' tintervjeni fi kwalunkwe mument jekk ir-Renju Unit jiddevja mil-livell ta' protezzjoni tad-data attwalment fis-seħħ; ifakkar li biex jibbenefika minn dawn id-deċiżjonijiet ta' adegwatezza, ir-Renju Unit huwa soġġett għall-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jeħtieġlu jaderixxi għall-KEDB; jirrimarka

li, fir-rigward tar-reviżjoni meħtieġa tad-deċiżjoni ta' adegwatezza għat-trasferiment ta' data personali lejn ir-Renju Unit fi żmien sentejn, huwa ta' importanza fundamentali li l-garanzija tad-drittijiet protetti fl-ambitu tal-KEDB ma tkunx negozjabbli u li l-Parlament jimmonitorja mill-qrib u b'mod regolari kwalunkwe nuqqas ta' konformità; jistieden lill-awtoritajiet tar-Renju Unit iżommu lura milli jadottaw kwalunkwe leġiżlazzjoni li tipperikola l-livell adegwat ta' protezzjoni;

123. Jesprimi dispjaċir kbir dwar iż-żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini tal-UE li ma tħallewx jidħlu fir-Renju Unit u sussegwentement irritornaw wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni; jesprimi dispjaċir dwar il-fatt li r-Renju Unit applika trattament differenzjat f'termini ta' tariffi tal-viża għaċ-ċittadini ta' għadd ta' pajjiżi tal-UE; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-proċeduri tal-viża għaċ-ċittadini tal-UE huma twal u kkumplikati; jistieden lir-Renju Unit ma jiddiskriminax kontra ċ-ċittadini tal-UE abbażi tan-nazzjonalità tagħhom, kemm f'termini ta' reġistrazzjoni fl-iskema għall-kisba tal-istatus ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll fi kwistjonijiet ta' mobbiltà u viża; jisħaq li tali prattiki jmorru kontra l-prinċipji ta' reċiproċità u nondiskriminazzjoni stabbiliti fit-TCA u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-iżviluppi mill-qrib;

124. Ifakkar li d-dritt fundamentali għal proċess ġust jinkludi, fost affarijiet oħra, id-dritt għall-informazzjoni, id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni, id-dritt għal avukat, id-dritt li wieħed ikun preżunt innoċenti u d-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess, kif ukoll salvagwardji speċjali għat-tfal li jkunu suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali u d-dritt għal għajnuna legali, li jridu jiġu żgurati wkoll matul il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ma' pajjiżi mhux tal-UE;

125. Ifakkar li, sabiex jiġu żgurati proċeduri effettivi ta' estradizzjoni, mandat ta' arrest irid jiġi eżegwit b'urġenza u, fil-każ li persuna ma tagħtix il-kunsens tagħha għall-estradizzjoni, trid issir seduta ta' smigħ fi żmien 21 jum mill-arrest; ifakkar li, sabiex jiġi ssalvagwardjat id-dritt fundamentali għal proċess ġust, dawn il-limiti ta' żmien m'għandhomx jinqabżu; jistieden lir-Renju Unit jirrispetta l-limiti ta' żmien stabbiliti fil-FKK biex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-assistenza legali reċiproka bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit;

126. Ifakkar li, skont l-Artikolu 525(1) tal-FKK, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn l-Unjoni u r-Renju Unit huma bbażati fuq l-impenn fit-tul tal-Partijiet li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali, inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Europol u l-Eurojust; jinsisti li l-iskambji ta' data personali mal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għandhom ikunu permessi biss meta l-istandards tal-protezzjoni tad-data tal-UE jkunu ggarantiti u d-drittijiet tal-bniedem ikunu rispettati;

Parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni

127. Ifakkar li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit jinkludi parti dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni, il-ġestjoni finanzjarja tajba u d-dispożizzjonijiet finanzjarji; iqis li l-kundizzjonijiet u r-regoli stabbiliti fih jikkostitwixxu bażi ġusta għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit u jgħinu biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; iqis li l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-programmi tal-Unjoni tipprovdi benefiċċji konsiderevoli għall-UE u tgħin biex jissaħħu r-rabtiet bejn l-UE u s-sħab tagħha;

jesprimi dispjaċir, madankollu, għan-nuqqas ġenerali ta' dimensjoni reġjonali u ta' programmi Interreg mar-Renju Unit bħala sieħeb li mhuwiex membru tal-UE; itenni l-appell tiegħu[33] biex jiġu esplorati l-possibbiltajiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit u ta' partijiet tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni;

128. Jiddeplora l-fatt li r-Renju Unit tilef l-aċċess għall-programmi ta' riċerka tal-UE bħala riżultat tal-ħruġ tiegħu mill-UE, u jenfasizza l-importanza u l-benefiċċji reċiproċi ta' kooperazzjoni kontinwa fir-riċerka u l-innovazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit;

129. Jilqa' l-ftehim politiku milħuq mill-Kummissjoni u mill-Gvern tar-Renju Unit dwar l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' Orizzont Ewropa u ma' Copernicus, sal-punt li fl-aħħar jipprovdi ċarezza għall-benefiċjarji kollha involuti fil-programmi fir-Renju Unit u fl-Ewropa;

130. Jissottolinja li ftehim dwar l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' Orizzont Ewropa għandu japplika biss għall-programm attwali, u huwa mingħajr preġudizzju għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fi programmi ta' riċerka futuri tal-UE; jappella għall-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew fl-implimentazzjoni futura tal-assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' Orizzont Ewropa u fi programmi ta' riċerka tal-UE futuri;

131. Jenfasizza li jrid jintlaħaq bilanċ ġust bejn il-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit għal Orizzont Ewropa u l-programm Copernicus u l-benefiċċji li se jirċievi għalihom, inkluż il-ħtieġa li jitqiesu l-benefiċċji usa' li jirriżultaw mill-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit; jilqa' l-attitudni miftuħa tal-Kummissjoni fin-negozjar mill-ġdid tal-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit u jistenna li r-Renju Unit jadotta approċċ flessibbli u ta' fehma simili;

132. Jesprimi tħassib dwar l-arranġament baġitarju l-ġdid dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit għall-Orizzont Ewropa fil-każ ta' prestazzjoni insuffiċjenti, peress li dan ivarja mill-proċedura u l-prinċipji oriġinarjament stabbiliti fil-FKK; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-ftehim il-ġdid jinkludi mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatiku għall-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit b'effett retroattiv, li ma ġiex innegozjat bħala parti mill-FKK;

133. Jesprimi dispjaċir kbir dwar id-deċiżjoni unilaterali u politika tal-Gvern tar-Renju Unit li ma jipparteċipax fil-programmi Erasmus+, Ewropa Kreattiva u dak tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, minkejja l-ftuħ muri mit-tim tan-negozjar tal-UE; huwa konvint li din id-deċiżjoni se jkollha eżitu żvantaġġuż għal kulħadd, billi ċċaħħad lin-nies u lill-organizzazzjonijiet fl-UE u fir-Renju Unit minn opportunitajiet li jbiddlulhom ħajjithom bis-saħħa ta' proġetti ta' skambju u kooperazzjoni;

134. Jinnota li bosta partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni, il-kultura u ż-żgħażagħ, kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit, qed jitolbu li r-Renju Unit ikun assoċjat għal darb'oħra mal-programmi Erasmus+, Ewropa Kreattiva, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u Orizzont Ewropa; jitlob li l-kwistjoni tiġi indirizzata f'kuntesti politiċi differenti u li

---

[33] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU C 506, 15.12.2021, p. 159).

jiġu esplorati soluzzjonijiet prattiċi u intermedjarji biex jiġi mmitigat it-telf ta' opportunitajiet; jissottolinja li, jekk ir-Renju Unit jixtieq jassoċja ruħu mill-ġdid mal-programmi tal-UE, il-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu għandha tkun ġusta u tiżgura l-inklużività u d-diversità tal-parteċipanti fil-programmi;

135. Jirrikonoxxi l-burokrazija eċċessiva maħluqa mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE; jinnota bi tħassib l-inċertezzi u d-diffikultajiet maħluqa għall-istudenti, l-għalliema, l-artisti u l-professjonisti kulturali lesti li jitgħallmu, jgħallmu, iwettqu u jaħdmu fir-Renju Unit, b'mod partikolari n-nuqqas ta' informazzjoni disponibbli dwar ir-rekwiżiti amministrattivi, u l-piż amministrattiv bla preċedent fuq ir-Renju Unit u l-konsulati u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri;

136. Jinnota b'sodisfazzjon li bosta istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni, taż-żgħażagħ u kulturali tal-UE u tar-Renju Unit żammew ir-relazzjonijiet tagħhom fuq bażi bilaterali minkejja n-nuqqas ta' finanzjament u ż-żieda fil-piż amministrattiv u fl-ostakli; jinsab imħasseb li mhux l-organizzazzjonijiet kollha jistgħu jaffordjaw ir-riżorsi umani addizzjonali meħtieġa biex iżommu jew isegwu dawk il-konnessjonijiet;

137. Jissottolinja l-benefiċċji sinifikanti tal-programm Erasmus+ mhux biss għall-istudenti tal-edukazzjoni għolja, għall-istudenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), l-istudenti adulti u ż-żgħażagħ, iżda wkoll għall-għalliema, l-akkademiċi, ir-riċerkaturi, il-persunal amministrattiv u ġeneralment għall-istituzzjonijiet edukattivi u s-soċjetà kollha kemm hi, benefiċċji ma jistgħux jitkejlu skont id-daqs tal-pakkett finanzjarju tagħhom;

138. Jesprimi dispjaċir għall-viżjoni dejqa fl-approċċ tal-"valur għall-flus" adottat mill-Gvern tar-Renju Unit fir-rigward tal-Erasmus+, li tinjora l-benefiċċji numerużi f'termini ta' skambju ta' għarfien u ħiliet trasferibbli għall-istudenti, l-għalliema u l-persunal amministrattiv, il-kontribut tal-programm għad-diversità fil-kampusijiet u fl-istituzzjonijiet edukattivi, iż-żieda fil-fehim reċiproku, it-tnaqqis fil-ġudizzju u d-diskriminazzjoni, l-esponiment tal-istudenti u l-għalliema tar-Renju Unit għal sħabhom l-Ewropej, u l-kontribut tiegħu għat-twessigħ tal-prospetti u l-opportunitajiet tal-parteċipanti tiegħu, kif ukoll it-titjib tal-impjegabbiltà tagħhom;

139. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rimarki li saru mill-Ministru għall-Ewropa Leo Docherty li jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni f'Erasmus+ kienet "ta' benefiċċju kbir" għar-Renju Unit[34];

140. Jinnota li fi żmien ir-referendum tal-UE fl-2016, daqs 5 % tal-istudenti fir-Renju Unit kienu ċittadini tal-UE mis-27 Stat Membru l-oħra[35], li jagħmluhom parti importanti mill-korp totali ta' studenti barranin fir-Renju Unit;

141. Jinnota li xi proġetti Erasmus+ mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, li fih kienu qed jipparteċipaw organizzazzjonijiet tar-Renju Unit, kienu għadhom għaddejjin f'Mejju 2023, li jagħmilha diffiċli biex jiġi vvalutat sew l-impatt sħiħ tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-programm Erasmus+;

---

[34] House of Lords - Kumitat għall-Affarijiet Ewropej, *Corrected oral evidence: The future UK-EU relationship*, is-7 ta' Marzu 2023.
[35] Corbett, A. u Hantrais, L., Higher education and research in the Brexit policy process, 2023.

142. Jinnota l-ħolqien tal-iskema Turing mill-Gvern tar-Renju Unit; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li dan il-programm ikopri biss il-mobbiltà tal-istudenti li joħorġu, u ma jkoprix is-setturi taż-żgħażagħ u tal-isport[36]; jinnota li l-iskema Turing, li tapplika l-approċċ "valur għall-flus" tal-Gvern tar-Renju Unit, għalhekk ma tistax titqies bħala sostituzzjoni ekwivalenti għal Erasmus+; jissottolinja l-importanza tal-mobbiltà tal-persunal li bħalissa mhijiex koperta mill-iskema Turing;

143. Jirrikonoxxi li t-tħassib espress mill-partijiet ikkonċernati tar-Renju Unit dwar l-operat tal-iskema Turing meta mqabbel mal-programm Erasmus+, jinkludi n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jappoġġjaw il-mobbiltà tal-persunal, finanzjament limitat għal skambji mhux universitarji u l-ħtieġa li jerġgħu jiġu sottomessi offerti ta' finanzjament fuq bażi annwali[37];

144. Jilqa' l-possibbiltà l-ġdida għall-benefiċjarji tal-għotjiet għall-mobbiltà tal-Erasmus+ biex jiddedikaw 20 % tal-finanzjament tal-għotjiet għall-mobbiltà internazzjonali li ħerġin barra mit-33 pajjiż tal-programm Erasmus+; jinnota madankollu, li din il-parti ma tistax tkun iddedikata għal kollox għal pajjiż sieħeb speċifiku, u ma tissostitwixxix l-opportunitajiet mitlufa kawża tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-programm Erasmus+;

145. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-programm Taith mill-Gvern ta' Wales, li jkopri kemm il-mobbiltà dieħla kif ukoll dik ħierġa; jinnota li dan il-programm, bħall-iskema Turing, ma jkoprix is-settur tal-isport, iżda fil-fatt jappoġġja l-azzjonijiet ta' mobbiltà għat-timijiet tal-isport;

146. Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol li qed isir bħalissa mill-Gvern Skoċċiż biex jinħoloq programm simili, li jkopri kemm il-mobbiltà dieħla kif ukoll dik ħierġa; jistieden lill-Gvern Skoċċiż jikkunsidra li jkopri, permezz tal-programm tiegħu, l-istess oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport bħal Erasmus+;

147. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvern Irlandiż li jiffinanzja l-mobbiltà ta' Erasmus+ għal studenti minn universitajiet fl-Irlanda ta' Fuq, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, billi jiġu rreġistrati f'universitajiet Irlandiżi għat-tul tal-iskambju tagħhom; jieħu nota tax-xogħol li qed isir bħalissa mill-Gvern Irlandiż biex jiżviluppa skema simili għall-istudenti tal-VET;

148. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' studenti tal-UE li jistudjaw fl-universitajiet tar-Renju Unit, li naqas sa 50 % fil-każ tal-istudenti tal-ewwel sena bejn l-2020-2021 u l-2021-2022, b'kuntrast man-numri ta' studenti minn reġjuni oħra[38]; jissottolinja li din is-sitwazzjoni hija marbuta b'mod ċar mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-programm Erasmus+, it-tmiem tar-regoli ta' trattament ugwali għall-miżati għat-tagħlim u l-boroż ta' studju għall-istudenti tal-UE u d-diffikultà biex tinkiseb viża għall-istudenti; jinnota li l-istudenti Ewropej ikkontribwew għad-diversità f'firxa wiesgħa ta' suġġetti, filwaqt li studenti internazzjonali mhux tal-UE għandhom tendenza li jkunu aktar ikkonċentrati f'oqsma partikolari ta' suġġetti bħall-inġinerija u n-negozju; jinnota

[36] Gvern tar-Renju Unit, Sit web tal-iskema Turing.
[37] House of Lords - Kumitat għall-Affarijiet Ewropej, *The future UK-EU relationship - Fourth Report of Session 3* [Ir-relazzjoni futura bejn ir-Renju Unit u l-UE - Ir-Raba' Rapport tas-Sessjoni 2022–23], id-29 ta' April 2023.
[38] Higher Education Statistics Agency (HESA), *Chart 6 - First year non-UK domiciled students by domicile 2006/07 to 2021/22* (Ċart 6 - Studenti tal-ewwel sena mhux domiċiljati fir-Renju Unit skont id-domiċilju 2006/07 sa 2021/22), 2023.

li l-universitajiet tar-Renju Unit jilqgħu għadd dejjem jikber ta' studenti barranin, b'mod partikolari mill-Indja u ċ-Ċina[39] [40], u li dan jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja tagħhom;

149. Jinnota li ħafna universitajiet tar-Renju Unit jistgħu jitqiesu fost l-aħjar fid-dinja[41]; jinnota li t-tmiem tal-proġetti ta' kooperazzjoni bejn dawn l-universitajiet u l-universitajiet tal-UE huwa ta' detriment għar-riċerka u l-eċċellenza akkademika fl-Ewropa;

150. Jinnota li 11-il università tar-Renju Unit huma sħab f'alleanzi fuq inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-parteċipazzjoni tagħhom se tintemm meta jiskadu l-alleanzi tal-ewwel ġenerazzjoni (fl-aħħar tal-2024); jinnota li l-universitajiet tar-Renju Unit jistgħu jkunu parti mill-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, iżda ma jistgħux jibqgħu jiġu inklużi fl-istruttura ta' governanza, u li fil-fatt tgħaddihom għall-istatus ta' sieħeb tat-tieni klassi; iħeġġeġ is-sħubija kontinwa tagħhom permezz tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej;

151. Jinnota li s-sħubijiet numerużi li l-universitajiet tar-Renju Unit kellhom mal-kontropartijiet tagħhom tal-UE permezz tal-programm Erasmus+ iridu jiġu negozjati mill-ġdid bilateralment wieħed wieħed, u dan joħloq ir-riskju li jiġu esklużi xi universitajiet iżgħar;

152. Itenni li l-kooperazzjoni fir-riċerka bejn l-universitajiet fl-Ewropa, speċjalment fl-oqsma tax-xjenza u l-innovazzjoni, hija strumentali f'dan ir-rigward;

153. Jenfasizza li l-pajjiżi ġirien kollha interessati u li jaħsbuha l-istess, inkluż ir-Renju Unit, huma mistiedna li jfittxu assoċjazzjoni mal-programm Erasmus+ u b'hekk jikkontribwixxu għas-sistemi edukattivi Ewropej; jesprimi d-dispjaċir li r-Renju Unit mhuwiex se jipparteċipa fl-inizjattivi u fil-miżuri maħsuba biex sal-2025 tinħoloq Żona Ewropea tal-Edukazzjoni vera u proprja, u b'hekk tkompli tonqos il-kooperazzjoni;

154. Jissottolinja li r-Renju Unit qed ikompli jipparteċipa fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja ("proċess ta' Bolonja"); iħeġġeġ lir-Renju Unit, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu bil-ħidma tagħhom lejn rikonoxximent reċiproku sħiħ tal-kwalifiki akkademiċi;

Kultura

155. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' dispożizzjonijiet marbuta mal-kultura u mas-setturi kulturali u kreattivi fil-FKK wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u t-tmiem tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-moviment liberu, li jirriżultaw f'ostakli amministrattivi li jiffaċċjaw artisti li jivvjaġġjaw, speċjalment għal artisti emerġenti u indipendenti;

156. Iħeġġeġ kooperazzjoni ġdida u kontinwa bejn l-artisti tal-UE u tar-Renju Unit u professjonisti oħra fis-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi; jesprimi dispjaċir li l-għadd ta' ċittadini tal-UE li jaħdmu fis-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi fir-

[39] HESA, Where do HE students come from? (Minn fejn ġejjin l-istudenti ta' Edukazzjoni Għolja?), 2023.
[40] Rapport tal-Kumitat tal-Intelligence u s-Sigurtà tal-Parlament tar-Renju Unit dwar iċ-Ċina.
[41] L-Elenkar tat-Times Higher Education World Education għall-2023.

Renju Unit naqas mill-Brexit;

Żgħażagħ

157. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni relatata maż-żgħażagħ, l-iskambji taż-żgħażagħ u l-proġetti fil-FKK; jinsab imħasseb li kważi l-ebda wieħed mill-proġetti taż-żgħażagħ, li qabel kienu ffinanzjati mill-programm Erasmus+ u mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u li jinvolvi tfal fl-età tal-iskola, mhu qed jiġi ffinanzjat permezz tal-iskema Turing tal-Gvern tar-Renju Unit bħalissa; jinnota li l-vjaġġi tal-iskola u l-mobbiltà taż-żgħażagħ huma mxekkla bir-regoli l-ġodda dwar id-dħul tar-Renju Unit u l-ħtieġa li l-iskejjel iħallsu għal viża għal kull student; jappella, għalhekk, għall-ħolqien ta' skema ta' vjaġġar tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għal żgħażagħ taħt it-18-il sena;

158. Jinnota li s-settur tal-"au pair" ġie affettwat b'mod sever minn Brexit u r-regoli l-ġodda dwar l-immigrazzjoni tar-Renju Unit, peress li l-au pairs mill-UE ma jistgħux jibbenefikaw mill-viża tal-Iskema ta' Mobbiltà taż-Żgħażagħ peress li au pairs minn pajjiżi magħżula barra mill-UE jistgħu; jenfasizza li l-pajjiżi ġirien kollha interessati u li jaħsbuha l-istess, inkluż ir-Renju Unit, huma mistiedna li jfittxu assoċjazzjoni mal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li jrawwem l-opportunitajiet għall-volontarjat u l-kollaborazzjoni fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa;

L-isport

159. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni marbuta mal-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u professjonali, ta' sħubijiet u skambji fl-oqsma tal-isport u l-isport elettroniku fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, għax dan jaffettwa b'mod ħażin is-settur tal-isport kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit; jinnota li l-programm Turing li jissostitwixxi l-programm Erasmus+ ma għandux parti ddedikata għall-isport, u dan joħloq vojt fir-rigward tal-proġetti ta' kooperazzjoni fl-isport;

160. Jinnota li s-settur tal-isport tar-Renju Unit ma għadux jiddependi mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ Bosman tal-15 ta' Diċembru 1995[42], li ppermettiet il-moviment ħieles ta' plejers u atleti fi ħdan l-UE; jinnota bi tħassib li din is-sitwazzjoni, flimkien mar-rekwiżit għall-permess tax-xogħol għall-parteċipazzjoni fir-Renju Unit, taffettwa ħażin il-parteċipazzjoni tal-atleti tal-UE f'timijiet tar-Renju Unit jew kompetizzjonijiet professjonali billi potenzjalment tillimita n-numru tagħhom;

Reġjuni affettwati

161. Jissottolinja l-importanza li jiġu kkwantifikati l-effetti, inkluż l-impatt soċjali, tal-FKK fil-livell reġjonali sabiex jiġu adottati miżuri mfassla apposta għar-reġjuni l-aktar milquta u l-komunitajiet tagħhom u n-negozji pubbliċi u privati; jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-użu tal-fondi b'mod aktar effettiv fl-ambitu tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) u tippromwovi u tappoġġja s-setturi affettwati bħas-settur tas-sajd u l-komunitajiet kostali; jitlob, b'mod partikolari, appoġġ iddedikat għall-SMEs li jinsabu f'reġjuni tal-fruntiera u li n-negozji tagħhom huma

[42] Sentenza tal-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1995, C-415/93, *Union royale belge des sociétés de football association and Others v Bosman and Others*, ECLI:EU:C:1995:463.

dipendenti b'mod partikolari fuq is-suq tar-Renju Unit;

Il-kooperazzjoni fil-politika estera u ta' sigurtà

162. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, minbarra l-oqsma taċ-ċibersigurtà, tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u tal-armi ta' qerda massiva, il-FKK ma jinkludix dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fil-politika barranija u fid-difiża, minħabba n-nuqqas ta' rieda tar-Renju Unit li jinnegozja dwar tali dispożizzjonijiet; jilqa' l-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit għall-appoġġ tas-sigurtà u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, minħabba r-rwol attiv li kellu r-Renju Unit fis-sigurtà u d-difiża Ewropej; ifakkar, madankollu, fid-dawl tal-attakk fuq l-arkitettura Ewropea tas-sigurtà mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li l-iffirmar ta' qafas strutturat għall-kooperazzjoni dwar l-affarijiet barranin u ta' sigurtà bejn l-UE u r-Renju Unit ikun aktar effettiv mill-kooperazzjoni ad hoc attwali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi intensifikat id-djalogu mar-Renju Unit dwar perkorsi possibbli għal djalogu strutturat u regolari, kooperazzjoni u koordinazzjoni dwar il-politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-dikjarazzjoni politika tal-2021 u inkluż fil-qafas tas-sħubija bejn l-UE u n-NATO, in-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, il-Kunsill tal-Ewropa, il-Komunità Politika Ewropea (KPE) u fora internazzjonali oħra; jissottolinja l-importanza tal-koordinazzjoni tar-reġimi ta' sanzjonijiet; jilqa' d-diskussjoni dwar il-politika barranija komuni u s-sigurtà fil-PPA bejn l-UE u r-Renju Unit;

163. Jilqa' l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni b'saħħithom bejn l-UE u r-Renju Unit b'rispons għall-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jitlob lill-UE u lir-Renju Unit iżommu l-akbar unità possibbli fil-komunità internazzjonali fil-kundanna tal-azzjonijiet tar-Russja u fid-difiża tal-prinċipji tas-sovranità u l-integrità territorjali, tad-dritt internazzjonali u tal-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli fin-NU u l-karta tagħha u fora multilaterali oħra; jappella għal kooperazzjoni u koordinazzjoni daqstant b'saħħithom fir-rigward tar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra tal-Ukrajna; jistieden lill-awtoritajiet tar-Renju Unit u tal-UE jaħdmu f'koordinazzjoni dwar l-użu possibbli tal-assi Russi ffriżati għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;

164. Jilqa' l-koordinazzjoni tajba bejn l-UE u r-Renju Unit dwar sanzjonijiet kontra r-Russja; jappella għal intensifikazzjoni ulterjuri tal-infurzar tas-sanzjonijiet; jilqa' l-missjonijiet konġunti lejn pajjiżi terzi minn uffiċjali mill-UE u mir-Renju Unit għall-implimentazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet;

165. Jirrikonoxxi li hemm potenzjal mhux sfruttat għall-kooperazzjoni sottonazzjonali bejn l-UE u r-Renju Unit, b'mod partikolari fil-viċinat immedjat Ewropew, f'oqsma ta' interess reċiproku, bħall-mobbiltà – inkluż ta' persunal u assi militari – il-ġestjoni sostenibbli tal-Baħar tat-Tramuntana, il-Kanal u l-Baħar Irlandiż, il-kummerċ, l-azzjoni klimatika, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem u soċjali, u s-sigurtà f'inizjattivi għall-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali bejn ir-reġjuni tal-UE u tar-Renju Unit, bħall-Kumitat tal-Istrett, possibbilment permezz ta' programm speċifiku ta' kooperazzjoni interreġjonali tal-UE, dment li l-Gvern tar-Renju Unit jikkontribwixxi finanzjarjament għal dan il-programm u li r-reġjuni parteċipanti jiġu kkonsultati u involuti b'mod adegwat fl-iżvilupp tiegħu;

166. Jistieden lill-Kummissjoni timmassimizza l-potenzjal tar-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju

Unit b'modi li jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet permezz ta' kooperazzjoni amikevoli dwar kwistjonijiet komuni f'fora internazzjonali u fir-rigward ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari biex jinkiseb l-ogħla livell ta' ambizzjoni fir-rigward tal-azzjoni klimatika u jiġu kkoordinati l-isforzi għall-avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika tas-setturi kollha b'mod ġust u inklużiv, filwaqt li tissaħħaħ is-sovranità industrijali u l-kompetittività internazzjonali;

167. Jappella għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà, minħabba l-implikazzjonijiet tagħha kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit fuq firxa wiesgħa ta' oqsma ta' interess reċiproku, b'mod partikolari fis-settur diġitali u f'dak finanzjarju, u t-teknoloġija tal-informazzjoni, id-difiża, l-enerġija u r-riċerka u l-iżvilupp;

168. Jilqa' l-ewwel żewġ laqgħat tal-KPE f'Ottubru 2022 u f'Ġunju 2023 bħala pjattaforma għal diskussjoni, djalogu u kooperazzjoni bejn sħab Ewropew dwar il-politika barranija u l-isfidi ta' sigurtà li qed niffaċċjaw, bl-għan li tissaħħaħ is-sigurtà tal-kontinent Ewropew u li tiġi segwita kooperazzjoni politika u ta' sigurtà bbażata fuq interessi komuni; jilqa' l-fatt li 44 pajjiż ħadu sehem fl-ewwel laqgħa fi Praga u 45 pajjiż fit-tieni laqgħa f'Chișinău, inklużi sħab ewlenin bħar-Renju Unit;

169. Jappella għal involviment aktar qawwi tar-Renju Unit fi proġetti Ewropej ta' sigurtà u difiża; jilqa', f'dan il-kuntest, id-deċiżjoni tal-membri tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2022 li jistiednu lir-Renju Unit jissieħeb fil-proġett PESCO tal-Mobbiltà Militari, li jtejjeb l-assistenza rapida reċiproka ta' sigurtà u difiża; jistieden lill-Istati Membri jiffirmaw il-ftehim amministrattiv dwar il-Mobbiltà Militari mar-Renju Unit mill-aktar fis possibbli;

170. Iħeġġeġ lir-Renju Unit ikompli jikkoopera mal-UE dwar sfidi strateġiċi urġenti billi jiżgura l-komplementarjetà u l-effettività tal-azzjonijiet; jirrimarka li l-proġetti paralleli għall-iżvilupp ta' sistemi tal-ajru tal-ġlied futuri jistgħu jkunu użu ineffiċjenti tar-riżorsi u li r-rapport annwali tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-2022 jirrakkomanda li l-proġetti għandhom jingħaqdu; jipproponi li jitnieda djalogu sinifikattiv ukoll dwar sistemi oħra tal-armi, teknoloġija militari u innovazzjonijiet relatati, b'enfasi partikolari fuq l-iżgurar tal-effiċjenza tal-infiq u l-investimenti, u l-interoperabbiltà teknika tal-forzi armati u tas-sistemi tal-armi;

°

° °

171. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib jekk il-FKK huwiex applikat b'mod korrett, tieħu azzjonijiet korrettivi meta jkun meħtieġ u tesplora perkorsi possibbli għal aktar kooperazzjoni fid-dawl tal-isfidi eżistenti u futuri;

172. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Renju Unit.

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

Il-Brexit: Ir-Renju Unit joħroġ mill-UE

Fit-23 ta' Ġunju 2016, ir-Renju Unit sejjaħ referendum madwar il-pajjiż kollu dwar is-sħubija tar-Renju Unit fl-UE. Filwaqt li l-Iskozja u l-Irlanda ta' Fuq ivvutaw biex jibqgħu fl-UE b'maġġoranza, Wales u l-Ingilterra vvutaw biex joħorġu mill-UE. Wara kważi sena ta' diskussjoni interna, il-Prim Ministru Theresa May nnotifikat lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-UE fid-29 ta' Marzu 2017, u b'hekk dan skatta l-Artikolu 50 tat-Trattat ta' Lisbona.

Il-Kapijiet tal-istat u tal-gvern tas-27 Stat Membru tal-UE, flimkien mal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni, ħatru lil Michel Barnier bħala n-negozjatur ewlieni tal-UE. Il-Kunsill Ewropew adotta linji gwida biex jiddefinixxi l-parametri tal-proċess tan-negozjati u inkluda prinċipji, pożizzjonijiet u miri mill-perspettiva tal-UE. In-negozjati bdew uffiċjalment fid-19 ta' Ġunju 2017 b'fokus primarju fuq l-istabbiliment ta' ċarezza dwar id-drittijiet taċ-ċittadini, l-arranġamenti finanzjarji u ż-żamma tal-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira dwar il-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq.

F'Novembru 2018, l-UE u l-Gvern tar-Renju Unit qablu dwar l-ewwel abbozz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. L-abbozz, flimkien ma' Dikjarazzjoni Politika dwar il-futur tar-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, ġie approvat mit-tmexxija tal-UE fit-tmiem tal-istess xahar. Sfortunatament, il-momentum intilef hekk kif il-Parlament tar-Renju Unit irrifjuta l-abbozz minħabba dibattitu intern intens. Ir-Renju Unit talab l-estensjoni tal-Artikolu 50 fi tliet okkażjonijiet biex itawwal in-negozjati mal-Parlament tar-Renju Unit li finalment għadda l-abbozz f'Jannar 2020. B'mod parallel, il-Parlament Ewropew approva l-Ftehim dwar il-Ħruġ fit-23 ta' Jannar 2020. Ir-Renju Unit ħareġ formalment mill-UE fil-31 ta' Jannar 2020 u l-perjodu ta' tranżizzjoni dam sa tmiem dik is-sena.

Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE

L-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ kienet integrali għall-iżvilupp tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) bejn l-UE u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq. Il-FKK ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021. Il-FKK jipprovdi l-bażi għal relazzjonijiet komprensivi bejn il-partijiet, li tkopri varjetà wiesgħa ta' oqsma inklużi l-enerġija, is-sajd, il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, l-infurzar tal-liġi, il-kummerċ, it-trasport u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, il-FKK jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal kompetizzjoni ġusta u żvilupp sostenibbli, inklużi mekkaniżmi ta' soluzzjoni tat-tilwim u governanza, kif ukoll rispett għad-drittijiet fundamentali.

Il-FKK bejn ir-Renju Unit u l-UE huwa uniku fost FKK oħra bejn l-UE u pajjiżi terzi peress li dan il-ftehim jittratta l-kummerċ u l-kooperazzjoni ma' eks Stat Membru tal-UE. B'dan il-mod, dan il-FKK ssostitwixxa l-kummerċ u l-kooperazzjoni eżistenti, li kienu fis-seħħ waqt li r-Renju Unit kien għadu Stat Membru u bbenefika mill-Unjoni Doganali tal-UE u mis-suq uniku.

Minkejja Brexit, ir-Renju Unit u l-UE jibqgħu ġirien u jkomplu jikkondividu interessi u valuri komuni fix-xena globali. Għalhekk, il-progress bil-mod fin-negozjati taħt il-gvernijiet preċedenti tar-Renju Unit kien ta' dispjaċir b'mod partikolari. Ir-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE jidher li tjiebet minn tmiem l-2022 u waslet fil-qofol tal-ftehim politiku dwar il-Qafas ta' Windsor.

Ir-rabta bejn il-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

Il-biċċa l-kbira tal-isfidi dwar l-implimentazzjoni taż-żewġ ftehimiet kienu marbuta mar-rifjut persistenti tar-Renju Unit li jirrispetta l-obbligi legali tiegħu skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Madankollu, fid-Dikjarazzjoni Politika ta' Windsor tas-27 ta' Frar 2023, kemm il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-Gvern tar-Renju Unit esprimew l-intenzjoni tagħhom li fil-futur jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

Il-Qafas ta' Windsor għandu l-għan li jindirizza l-isfidi tal-implimentazzjoni assoċjati mal-Protokoll dwar ir-Repubblika tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq. L-appoġġ wiesa' għall-Qafas żied l-aspettattivi ta' tixrid pożittiv f'oqsma oħra ta' kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit.

Struttura Istituzzjonali u r-Rwol tal-Parlament Ewropew

L-arranġamenti istituzzjonali previsti fl-FKK huma kompletament operattivi mill-2022. Il-korpi konġunti kollha qed jaħdmu u qed jagħmlu laqgħat regolari. L-involviment tajjeb tas-soċjetà ċivili huwa żvilupp tajjeb.

Rigward ir-relazzjonijiet bilaterali bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlament tar-Renju Unit, l-istabbiliment tal-Assemblea Parlamentari ta' Sħubija (PPA) UE-Renju Unit kien impriża ta' suċċess f'konformità mal-FKK, li tippromwovi l-kooperazzjoni fuq sfidi komuni. L-aħħar laqgħa tal-PPA saret fit-3-4 ta' Lulju fi Brussell.

Matul il-laqgħa preċedenti tal-PPA f'Londra mis-7-8 ta' Novembru 2022, l-Assemblea ftiemet fuq l-ewwel rakkomandazzjoni tagħha lill-Kunsill ta' Sħubija. Ir-rakkomandazzjoni kienet tikkonċerna l-kooperazzjoni tal-enerġija bejn l-UE u r-Renju Unit.

Rigward l-involviment tar-reġjuni devoluti tar-Renju Unit fil-PPA, żewġ Membri ta' kull waħda mill-Assembleji devoluti huma mistiedna jipparteċipaw bħala Osservaturi mill-Parlament tar-Renju Unit. Il-Parlament Ewropew jistieden lill-President tal-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Wara l-aktar laqgħa reċenti tal-Bureau tal-PPA, li jikkonsisti mill-Presidenti u l-Viċi Presidenti kemm tad-delegazzjoni tal-UE kif ukoll tar-Renju Unit, fl-10 ta' Marzu 2023, inħarġet dikjarazzjoni mill-Bureau li laqa' l-Qafas ta' Windsor u esprima tama, li jista' jiġi implimentat bis-sħiħ u jwassal għal spirtu ġdid ta' sħubija bejn l-UE u r-Renju Unit.

Ftehim ta' kummerċ ħieles: is-sħubija ekonomika u soċjali

Il-FKK jistabbilixxi sħubija ekonomika u soċjali ġdida mar-Renju Unit, li tkopri mhux biss il-kummerċ f'oġġetti u servizzi, iżda oqsma oħra, bħall-investiment, il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat, it-trasparenza tat-taxxa, it-trasport bl-ajru u bit-triq, l-enerġija u s-sostenibbiltà, is-sajd, il-protezzjoni tad-data personali, u koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Il-FKK huwa l-ewwel ftehim ta' kummerċ ħieles li qatt ġie konkluża mill-UE li jipprovdi żero tariffi u żero kwoti fuq l-oġġetti kollha li jikkonformaw mar-regoli xierqa tal-oriġini.

Dispożizzjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni huma prinċipju kruċjali tal-ftehim, li bih iż-żewġ partijiet impenjaw ruħhom li jżommu livelli għoljin ta' protezzjoni f'oqsma tal-ħarsien ambjentali, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ipprezzar tal-karbonju, id-drittijiet soċjali u tax-xogħol, it-trasparenza tat-taxxa u l-għajnuna mill-Istat, b'infurzar domestiku effettiv, mekkaniżmu vinkolanti għas-soluzzjoni tat-tilwim u l-possibbiltà għaż-żewġ partijiet li jieħdu miżuri ta' rimedju.

Il-FKK jistabbilixxi qafas ġdid għall-ġestjoni konġunta tal-istokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-UE u tar-Renju Unit.

Dwar it-trasport, il-ftehim jipprovdi għal konnettività kontinwa u sostenibbli bl-ajru, bit-triq, bil-ferrovija u bil-baħar, għalkemm l-aċċess għas-suq jaqa' taħt dak li joffri s-Suq Uniku. Fih regoli dwar il-kompetizzjoni, li jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni biex ma jimminawx id-drittijiet tal-passiġġieri, id-drittijiet tal-ħaddiema u s-sikurezza tat-trasport.

Għall-enerġija, twaqqaf mudell ġdid għall-kummerċ u l-interkonnettività, b'garanziji għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta, inkluż dwar standards ta' sikurezza għall-offshore, u produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli.

Il-FKK jimmira li jiżgura għadd ta' drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u taċ-ċittadini tar-Renju Unit fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Dan japplika għaċ-ċittadini li jaħdmu fi, jivvjaġġaw jew jiċċaqilqu lejn il-parti l-oħra tal-FKK wara l-1 ta' Jannar 2021.

Il-FKK jipprevedi wkoll il-possibbiltà li r-Renju Unit jipparteċipa f'ċerti programmi tal- EU, inkluż Orizzont Ewropa, bħala pajjiż assoċjat, soġġett għall-adozzjoni ta' protokolli bilaterali u kontribuzzjonijiet finanzjarji. Minħabba kwistjonijiet pendenti bl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit ma ġietx finalizzata fl-2022 u sa Ġunju 2023 it-taħditiet għadhom għaddejjin fir-rigward tas-sehem tal-finanzjament tar-Renju Unit għall-parteċipazzjoni.

Kooperazzjoni dwar Politika Barranija, Sigurtà u Difiża

Minkejja l-inklużjoni tal-kooperazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE dwar il-politika barranija, is-sigurtà esterna u d-difiża fid-Dikjarazzjoni Politika li takkumpanja l-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Gvern tar-Renju Unit irrifjuta li jinnegozja kooperazzjoni f'dan il-qasam fl-FKK. Minn Jannar 2021, ma jeżisti l-ebda qafas bilaterali istituzzjonalizzat, li jistabilixxi u jikkoordina rispons unifikat għall-isfidi tal-politika barranija.

Il-gwerra ta' aggressjoni illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna żgur li ġibdet l-attenzjoni għal rispons Ewropew unifikat b'appoġġ għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Il-benefiċċji tal-koordinazzjoni bejn il-ġirien ġeografiċi mill-qrib b'valuri demokratiċi kondiviżi huma importanti b'mod partikolari llum.

Il-Parlament lest biex jespandi l-kooperazzjoni tal-UE mar-Renju Unit biex jinkludi kwistjonijiet ta' politika barranija u ta' sigurtà. Dan ikun jippermetti, pereżempju, kooperazzjoni fl-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet fuq ċittadini u ekonomiji ta' pajjiżi terzi.

Il-Parlament jirrikonoxxi l-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit fit-tisħiħ tas-sigurtà Ewro-Atlantika u jfaħħar l-appoġġ tar-Renju Unit għall-Ukrajna inkluż permezz ta' għajnuna militari u żieda fil-kapaċitajiet ta' intelligence. Barra minn hekk, il-Parlament jinsab kuntent bid-deċiżjoni riċenti tal-Gvern tar-Renju Unit li japplika biex jissieħeb fil-proġett PESCO

dwar il-Mobbiltà Militari. Għalhekk, hemm xejra pożittiva bil-fatt li r-Renju Unit jikkollabora mal-UE, iżda, hemm lok għal aktar kollaborazzjoni f'oqsma relatati integrali għas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa. Ir-rapport annwali tal-PSDK tal-2022 jindika li l-proġetti paralleli għall-iżvilupp ta' sistemi tal-ajru tal-ġlied futuri huma użu ineffiċjenti tar-riżorsi u jirrakkomanda l-għaqda tal-proġetti u l-ġbir flimkien tar-riżorsi.

Dwar il-proċedura

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (FKK) huwa bbażat fuq l-Artikolu 217 (il-Ħames Parti: L-azzjoni esterna tal-Unjoni, Titolu V: Ftehimiet Internazzjonali), flimkien mal-Artikolu 218 (il-Ħames Parti: Azzjoni esterna mill-Unjoni, Titolu IV: Miżuri restrittivi), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-FKK huwa bla preċedent f'termini ta' ftehimiet internazzjonali, minħabba l-ambitu u l-kumplessità tiegħu. L-Artikolu 776 tal-FKK jpoġġi obbligu għall-partijiet biex jirrieżaminaw b'mod konġunt l-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-ftehimiet li jissupplimentaw kif ukoll kwalunkwe kwistjoni relatata miegħu ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu; u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem.

Il-Parlament għalhekk żviluppa proċess ta' skrutinju komprensiv, effettiv u trasparenti tal-FKK, filwaqt li jiżgura approċċ koerenti u unifikat. Rapporti ta' implimentazzjoni dwar ftehimiet internazzjonali jridu jqisu b'mod xieraq id-disponibbiltà ta' fatti affidabbli dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti. Skrutinju effettiv jiddependi mill-għarfien u l-kompetenza tal-kumitati kollha involuti skont ir-responsabbiltajiet u l-prattiki tax-xogħol tagħhom. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-FKK jitwettaq mill-kumitati b'mod koordinat u inklużiv, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tagħhom kif stipulat fl-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura.

Ir-rapport huwa l-ewwel evalwazzjoni mill-Parlament Ewropew tal-implimentazzjoni tal-FKK, mill-applikazzjoni provviżorja tiegħu mill-1 ta' Jannar 2021 u d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021. Sa mid-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ rapporti ta' implimentazzjoni tal-ftehim għas-snin 2021[43] u 2022[44]. Ir-rapport għandu l-għan li jieħu kont tal-kwistjonijiet ewlenin marbuta mal-implimentazzjoni tal-FKK, l-aspetti sodisfaċenti tiegħu u l-oqsma fejn ix-xogħol ta' implimentazzjoni jeħtieġ li jibda, fil-każ ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u kontrolli doganali tar-Renju Unit fuq merkanzija tal-UE, u fejn ix-xogħol jeħtieġ li jkompli, filwaqt li jenfasizza wkoll elementi li jeħtieġu monitoraġġ u skrutinju kontinwi, inkluż permezz tas-soċjetà ċivili u b'mod partikolari, l-involviment tal-grupp konsultattiv domestiku.

Ir-rapport ġie elaborat b'mod inklużiv billi ġew involuti kumitati parlamentari fl-aktar termini wesgħin possibbli u ġiet rikonoxxuta l-kompetenza settorjali partikolari ta' kull kumitat. B'mod partikolari, 10 kumitati parlamentari ġew assoċjati mal-proċedura taħt l-istatus ta' kumitat "assoċjat" (l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura, ECON, EMPL, ENVI, ITRE, IMCO, TRAN, AGRI, PECH, CULT u LIBE) u żewġ kumitati iddeċidew li jikkontribwixxu

---

[43] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq , l-1 ta' Jannar - il-31 ta' Diċembru 2021, COM(2022) 126 final.
[44] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, l-1 ta' Jannar - il-31 ta' Diċembru 2022, COM(2023) 118 final.

b'opinjoni standard taħt l-Artikolu 56 (REGI u BUDG). Minħabba l-importanza tas-suġġett, l-opinjonijiet tal-kumitati li jagħtu l-opinjonijiet ġew eżentati mil-limitazzjonijiet fit-tul, skont id-deċiżjoni tal-Bureau tal-PE tal-1 ta' Lulju 2019 dwar il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu.

Fil-25 ta' Mejju 2023 il-kumitat konġunt AFET-INTA kellu smigħ pubbliku "L-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit" bil-parteċipazzjoni ta' erba' esperti.

19.7.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Frances Fitzgerald

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

A. billi l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) konkluż bejn l-UE u r-Renju Unit jistabbilixxi arranġamenti preferenzjali f'oqsma bħall-kummerċ fil-merkanzija u s-servizzi, il-proprjetà intellettwali, il-kummerċ diġitali, it-trasport bit-triq u l-avjazzjoni, l-akkwist pubbliku, l-enerġija, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, is-sajd, il-kompetizzjoni, il-mobbiltà, l-investiment, il-kooperazzjoni tematika u l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE, flimkien ma' konċessjoni prudenzjali;

B. billi l-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-FKK jikkostitwixxu qafas komuni għar-relazzjoni tar-Renju Unit mal-UE; billi ż-żewġ ftehimiet intlaħaq qbil dwarhom u ġew ratifikati mill-UE u mir-Renju Unit u huma trattati legalment vinkolanti skont id-dritt pubbliku internazzjonali; billi l-FKK għandu kamp ta' applikazzjoni bla preċedent u huwa bbażat fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, issa rivedut mill-Qafas ta' Windsor;

C. billi l-FKK huwa ġustament mirfud minn dispożizzjonijiet li jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; billi dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba biex jipprevjenu l-kompetizzjoni inġusta u jiżguraw li kemm l-UE kif ukoll ir-Renju Unit iżommu standards għoljin f'oqsma bħad-drittijiet tax-xogħol, il-protezzjoni ambjentali u l-għajnuna mill-Istat;

D. billi l-FKK ma jkopri l-ebda deċiżjoni relatata mal-ekwivalenza għas-servizzi finanzjarji, jew fuq l-adegwatezza tar-reġim tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit, il-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi, jew ir-reġim sanitarju u fitosanitarju tar-Renju Unit;

E. billi l-fornituri tas-servizzi tar-Renju Unit, inkluż fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, m'għadhomx jibbenefikaw mill-qafas ta' "pajjiż tal-oriġini" jew mill-"passaportar", li

jippermetti aċċess awtomatiku għas-suq uniku kollu tal-UE;

F. billi r-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki professjonali, bħal pereżempju għal avukati, kontabilisti u attwarji m'għadux japplika; billi, minflok, il-ftehim jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, inkluż l-istabbiliment ta' djalogu għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u għall-iżvilupp ta' linji gwida għall-valutazzjoni tal-kwalifiki; jinnota d-diffikultajiet partikolari li dan joħloq fil-gżira tal-Irlanda;

G. billi skont il-FKK, il-fornituri ta' servizzi jew l-investituri mill-UE jenħtieġ li ma jiġux trattati b'mod inqas favorevoli mill-operaturi tar-Renju Unit fir-Renju Unit, u viċe versa; billi l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni japplika għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi, inkluż il-forniment ta' servizzi, l-istabbiliment ta' negozji u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

H. billi skont il-FKK, baqgħet tinżamm il-possibbiltà ta' sekondar temporanju ta' impjegati b'livell għoli ta' ħiliet u ta' vjaġġi ta' negozju għal żmien qasir bejn l-UE u r-Renju Unit; billi dan jippermetti l-forniment transfruntier temporanju ta' servizzi minn professjonisti f'ċerti ċirkostanzi, bħal proġetti fuq terminu qasir jew xogħol ta' konsulenza; billi l-professjonisti xorta se jkollhom jikkonformaw mar-regolamenti rilevanti fil-pajjiż fejn qed jipprovdu s-servizzi;

I. billi s-swieq tal-akkwist pubbliku tar-Renju Unit jibqgħu miftuħa għall-offerenti tal-UE u viċi versa fuq bażi ugwali; billi ż-żewġ partijiet jeħtiġilhom jiżguraw li l-proċess tal-akkwist ikun ġust, trasparenti u miftuħ għall-kompetizzjoni; billi r-Renju Unit u l-UE qablu wkoll li jżommu l-impenji ta' akkwist eżistenti tagħhom skont il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi tad-WTO, li jkompli jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku tagħhom għal negozji minn pajjiżi oħra;

J. billi l-UE u r-Renju Unit fil-preżent huma impenjati li jżommu kooperazzjoni regolatorja u superviżorja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u dan l-approċċ kooperattiv għandu jkun il-pedament tar-relazzjonijiet fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit; billi l-Kummissjoni se testendi l-permess temporanju tagħha li jippermetti lill-banek u lill-maniġers tal-fondi tal-UE jużaw il-kmamar tal-ikklirjar tar-Renju Unit; billi fis-17 ta' Mejju 2023 il-Kummissjoni adottat abbozz ta' Memorandum ta' Qbil (MtQ) bejn ir-Renju Unit u l-UE dwar il-Kooperazzjoni fis-Servizzi Finanzjarji, li ġie ppubblikat u approvat mill-Kunsill u issa ġie ffirmat mill-Kummissjoni f'isem l-UE;

K. billi l-Memorandum ta' Qbil jagħmilha ċara li l-UE u r-Renju Unit għandhom l-objettiv komuni li jippreżervaw l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri u tal-konsumatur,

L. billi l-FKK u l-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedu kundizzjonijiet ekwivalenti infurzabbli ta' kompetizzjoni, inkluż għall-għajnuna mill-Istat u l-istandards soċjali u ambjentali biex jiġi prevenut l-arbitraġġ regolatorju kontra l-interessi kemm ta' naħa u kemm ta' oħra;

M. billi l-Artikolu 774(3) tat-TKA jeskludi l-applikazzjoni tiegħu fit-territorju ta' Ġibiltà; billi n-negozjati ilhom għaddejjin mill-2021 bejn ir-Renju Unit u l-UE fir-rigward ta' Ġibiltà; billi l-Ftehim Politiku tal-25 ta' Novembru 2019 bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew u r-Renju ta' Spanja jistabbilixxi l-obbligu li kwalunkwe deċiżjoni li

taffettwa lit-territorju ta' Ġibiltà għandu jkollha l-qbil minn qabel min-naħa tar-Renju ta' Spanja;

N. billi skont il-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq tibqa' fl-Unjoni Doganali u s-suq uniku tal-UE għall-merkanzija, filwaqt li hija wkoll parti minn ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz għal finijiet kummerċjali mal-bqija tar-Renju Unit; billi konsegwentement, il-Protokoll jirrikjedi li l-Irlanda ta' Fuq tibqa' allinjata ma' ċerti regoli u regolamenti tal-UE, inklużi dawk relatati mad-dwana, il-merkanzija u l-għajnuna mill-Istat; billi azzjonijiet preċedentament mhedda mir-Renju Unit biex titneħħa l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn fuq il-Protokoll, li għalihom il-Kummissjoni bdiet proċedimenti ta' ksur kontra r-Renju Unit, kienu jkunu qed jiksru l-FKK, b'mod partikolari fir-rigward tal-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq kif jinsab fl-Abbozz ta' Liġi tal-2022 dwar il-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq;

1. Jinnota li l-Att dwar il-Kontroll tas-Sussidji 2022[45], li jistabbilixxi qafas biex jiġu ssodisfati l-impenji internazzjonali tar-Renju Unit dwar il-kontroll tas-sussidji, inklużi dawk li jirriżultaw mill-FKK, irċieva Kunsens Irjali wara li għadda mill-Parlament tar-Renju Unit; jesprimi l-istess tħassib tal-Kummissjoni[46] dwar il-pjanijiet iddikjarati li jiġu introdotti l-hekk imsejħa portijiet ħielsa, li jistgħu jissograw li jiksru dawn l-impenji u jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat mhux permissibbli skont l-FKK[47]; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib, inkluż fir-rigward tal-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-attività kriminali, u tibda proċedimenti ta' ksur ulterjuri, jekk ikun meħtieġ;

2. Jenfasizza li, minkejja l-implimentazzjoni tal-Att dwar il-Kontroll tas-Sussidji tal-2022, hemm bżonn li ssir aktar ħidma mill-awtoritajiet Brittaniċi sabiex jiġu ssodisfati bis-sħiħ l-impenji ta' sussidju skont l-FKK, inklużi regolamenti jew miżuri għal setturi speċifiċi; jinnota li r-Regolament tal-UE dwar is-Sussidji Barranin daħal fis-seħħ f'Lulju 2023[48];

3. Jinnota n-natura limitata tal-FKK fir-rigward tas-servizzi finanzjarji; jirrikonoxxi l-fatt li dan in-nuqqas huwa konsegwenza tax-xewqa tar-Renju Unit li ma jiddiskutix oqsma oħra ta' interess reċiproku bħala parti min-negozjati tal-FKK; jilqa' l-pjanijiet biex jiġi stabbilit Forum Regolatorju Finanzjarju konġunt bejn l-UE u r-Renju Unit biex jiġu ffaċilitati d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' servizzi finanzjarji[49]; ifakkar li dan il-forum ma jikkostitwixxix parti formali mill-FKK u ma għandux jipprovdi l-istess livell ta' aċċess jew kooperazzjoni bħal ftehim komprensiv dwar is-servizzi finanzjarji;

4. Itenni li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza mhumiex diskrezzjonarji u ma jiffurmawx parti mill-FKK; jinnota wkoll id-deċiżjonijiet tar-Renju Unit dwar l-ekwivalenza fir-rigward tal-UE kif ukoll fir-rigward ta' pajjiżi oħra mhux tal-UE bħall-Iżvizzera, fejn

[45] Legislation.gov.uk, "The Subsidy Control Act 2022: Chapter 23" (L-Att dwar il-Kontroll tas-Sussidji: Kapitolu 23), 28 April 2022.
[46] Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tas-Sħubija Kummerċjali tal-1 ta' Diċembru 2022.
[47] *The Financial Times*, "EU to raise concerns over UK's freeports scheme" (L-UE se ssemma' t-tħassib tagħha dwar l-iskema ta' portijiet ħielsa tal-UE), 30 ta' Novembru 2022.
[48] Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1).
[49] Reuters, "EU restarts work on EU-UK regulatory forum after Northern Ireland deal" (L-UE terġa' tibda taħdem fuq il-formu regolatorju UE-Renju Unit wara l-ftehim dwar l-Irlanda ta' Fuq), 8 ta' Marzu 2023.

ġie miftiehem status ta' rikonoxximent reċiproku; ifakkar li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-kumpaniji tal-UE f'termini ta' aċċess akbar għas-suq tar-Renju Unit, inkluż għas-settur bankarju, is-servizzi ta' ħlas, is-servizzi ta' investiment u l-assigurazzjoni; jinnota li l-UE tat status ta' ekwivalenza lir-Renju Unit f'qasam wieħed biss – kontropartijiet ċentrali – u fuq bażi ta' żmien limitat, li reċentement ġie estiż sal-2025; jitlob li jiġu kkunsidrati aktar deċiżjonijiet ta' ekwivalenza meta l-eżiti jkunu konsistenti mal-istandards u l-objettivi tal-UE; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni qabel kienet indikat li l-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza għar-Renju Unit jistgħu jissoktaw ladarba jiġi miftiehem il-Memorandum ta' Qbil[50]; jinnota li minn Ottubru 2021 'il hawn, l-UE tat 22 deċiżjoni ta' ekwivalenza lill-Istati Uniti meta mqabbla ma' waħda fil-każ tar-Renju Unit[51]; jirrikonoxxi li filwaqt li l-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza huma prinċipalment tekniċi, fatturi politiċi usa' huma rilevanti, u jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza għandhom jittieħdu meta jkunu fl-interess tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddiskuti aktar deċiżjonijiet ta' ekwivalenza sabiex tipprovdi benefiċċji akbar għall-aċċess għas-suq, kemm għall-kumpaniji tal-UE kif ukoll għal dawk tar-Renju Unit;

5. Jinnota li l-"British Government's Future Regulatory Framework Review" (Rieżami tal-Qafas Regolatorju Futur tal-Gvern Brittaniku) u l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Servizzi u s-Swieq Finanzjarji li ġie ppubblikat sussegwentement[52], li jipproponi li jħassar, jissostitwixxi jew jemenda d-dritt tal-UE miżmum fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, kif ukoll li jiddelega responsabbiltà akbar lir-regolaturi tar-Renju Unit, juri x-xewqa li jiġu adottati regolamenti diverġenti minn dawk tal-UE fir-rigward tas-servizzi finanzjarji; jissottolinja li diverġenzi regolatorji eċċessivi jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kooperazzjoni finanzjarja bejn ir-Renju Unit u l-UE u jistgħu jimminaw il-flussi finanzjarji u l-attivitajiet ta' entitajiet finanzjarji; jilqa' l-progress reċenti tal-UE fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji, anke fejn dan jista' jirriżulta f'diverġenza regolatorja meta mqabbel mar-Renju Unit, inkluż fir-rigward tal-kriptovaluti, il-finanzjament sostenibbli, it-tassonomija, l-elenkar u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; jirrikonoxxi, madankollu, li r-Renju Unit u l-UE jistgħu jadottaw approċċi regolatorji differenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u mhux neċessarjament iżommu reġim regolatorju armonizzat; jappoġġja l-progress leġiżlattiv tal-UE f'dan il-qasam; jenfasizza, madankollu, il-benefiċċji ta' kooperazzjoni regolatorja futura u ta' involviment fl-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' standards internazzjonali;

6. Jinnota l-ambizzjoni tar-Renju Unit li jistabbilixxi ruħu bħala ċentru globali għall-finanzi diġitali u l-kriptoassi permezz ta' għadd ta' inizjattivi regolatorji u superviżorji; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żviluppat approċċ ikkoordinat u kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-kripto sabiex jiġu indirizzati u mmitigati b'mod effettiv ir-riskji għall-protezzjoni tal-konsumatur, l-integrità tas-suq u l-ħasil tal-flus, kif ukoll l-impatt ambjentali tagħhom, u sabiex jiġi pprevenut arbitraġġ

---

[50] https://www.reuters.com/business/finance/britain-eu-edge-forward-with-financial-services-forum-plan-2021-02-23/.

[51] European Affairs Committee of the House of Lords (Kumitat tal-Affarijiet Ewropej tal-House of Lords), "1st Report of Session 2022–23: The UK-EU relationship in financial services (L-Ewwel Rapport tas-Sessjoni 2022-2023: Ir-relazzjoni tar-Renju Unit u l-UE fis-servizzi finanzjarji)", 23 June 2022.

[52] Il-Parlament tar-Renju Unit, "Financial Services and Markets Bill", 11 ta' Mejju 2023.

regolatorju;

7. Jisħaq li f'ċerti oqsma bħar-rekwiżiti kapitali fis-settur bankarju, standards miftiehma internazzjonalment bħal dawk li joħorġu mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja jibqgħu l-linja bażi regolatorja;

8. Itenni li l-FKK joffri lill-UE opportunità biex tiżviluppa u ssaħħaħ l-infrastruttura u l-għarfien espert tas-servizzi finanzjarji tagħha sabiex tippromwovi l-kompetittività tal-intrapriżi, l-investiment, l-istabbiltà ekonomika u l-protezzjoni tal-konsumatur; jappoġġja bil-qawwa t-tlestija tal-unjoni tas-swieq kapitali u l-unjoni bankarja, abbażi ta' approċċ innovattiv, kompetittiv u li jħares 'il barra; jirrikonoxxi l-fatt li l-Belt ta' Londra għadha ċentru globali għas-servizzi finanzjarji b'firxa globali li jekk ikollu aċċess għalihom in-negozju tal-UE jista' jibbenefika[53]; jirrikonoxxi l-importanza ta' settur tas-servizzi finanzjarji b'saħħtu kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit, u jappoġġja l-isforzi biex jissaħħu l-infrastruttura u l-għarfien espert tas-servizzi finanzjarji tal-UE;

9. Jitlob li l-UE taħdem mas-sħab internazzjonali, inkluż ir-Renju Unit u ċentri finanzjarji globali ewlenin oħra, biex tippromwovi normi u standards komuni fis-settur tas-servizzi finanzjarji, sabiex tiffaċilita l-kummerċ transfruntier u tiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja;

10. Jappoġġja l-għanijiet tar-rieżami propost mill-Kummissjoni tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) fir-rigward tat-titjib tal-kapaċità u l-infrastruttura bbażati fl-UE fil-qasam tal-ikklirjar tal-euro; jinnota li l-Unjoni tiddependi ħafna minn ċerti Entitajiet tal-Ikklerjar minn Kontroparti Ċentrali ta' pajjiżi terzi[54]; jirrikonoxxi li l-maġġoranza tal-ikklirjar tal-euro li jseħħ barra mill-UE jirrappreżenta riskju strateġiku, inkluż għall-istabbiltà finanzjarja; jirrikonoxxi wkoll li kwalunkwe rilokazzjoni furzata tista' tissogra tfixkil, frammentazzjoni tas-suq, miżuri ta' ritaljazzjoni, telf ta' kompetittività u tnaqqis fil-likwidità; jistieden lill-koleġiżlaturi jappoġġjaw l-azzjoni f'dan il-qasam b'mod li jkun effettiv, proporzjonat u li ma joħloqx tfixkil u bil-għan li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-ikklirjar tal-Unjoni; jappoġġja approċċ ibbilanċjat li jindirizza r-riskji strateġiċi, inkluż għall-istabbiltà finanzjarja tal-ikklirjar tal-euro barra mill-UE, filwaqt li jimminimizza t-tfixkil potenzjali għas-suq;

11. Jirrikonoxxi l-fatt li l-għan tal-Unjoni ta' awtonomija strateġika miftuħa m'għandux isir ostaklu għall-benefiċċji ta' sistema finanzjarja interkonnessa globalment; iwissi kontra r-riskji potenzjali ta' ffukar żejjed fuq l-awtonomija strateġika b'mod li jista' jwassal għal iżolazzjoniżmu jew protezzjoniżmu fis-settur finanzjarju, inkluż ir-riskju ta' tilwim kummerċjali u azzjoni ta' ritaljazzjoni;

---

[53] Reuters, "London is top global finance centre but lags in key areas, says study"(Studju jgħid li Londra hija l-aqwa ċentru finanzjarju globali iżda għadha lura f'oqsma ewlenin), 27 ta' Jannar 2022.

[54] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2022 bit-titolu "Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokumenti Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni u Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2009/65/UE, 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 fir-rigward tat-trattament tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jiġi minn kontropartijiet ċentrali u r-riskju tal-kontroparti fuq tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklerjati ċentralment SWD(2022)0697 final.

12. Jappoġġja bis-sħiħ il-kooperazzjoni kontinwa bejn l-UE u r-Renju Unit f'oqsma relatati mal-affarijiet finanzjarji, ekonomiċi u monetarji li huma ta' interess reċiproku, inkluż l-indirizzar determinat tal-ħasil tal-flus internazzjonali u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi, l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet, l-indirizzar determinat tal-frodi doganali, l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja globali;

13. Ifakkar li Ġibiltà hija meqjusa mill-Kummissjoni[55] bħala territorju li jbati minn nuqqasijiet strateġiċi fis-sistema tagħha għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, li huma theddidiet serji għas-sistema finanzjarju tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi dispożizzjonijiet fil-ftehim mar-Renju Unit dwar Ġibiltà li jiggarantixxu standards tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ekwivalenti għal dawk tal-UE;

14. Jirrikonoxxi li r-rabtiet ekonomiċi mill-qrib bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq se jkomplu, minkejja li din tal-aħħar tkun parti minn pajjiż deżinjat bħala pajjiż terz; jappoġġja rikonoxximent ta' dawn ir-rabtiet ekonomiċi, inkluż fir-rigward tas-superviżjoni tat-tranżazzjonijiet bejn iż-żewġ ġuriżdizzjonijiet; jitlob miżuri li jiżguraw li tali rabtiet ma jiġux imfixkla minn xi bidla fl-oqfsa regolatorji jew legali, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi pprovduti lill-konsumaturi u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li ma jistgħux jieħdu vantaġġ mill-fatt li huma mobbli; jenfasizza l-importanza li jinżammu u jiġu żviluppati aktar rabtiet ekonomiċi mill-qrib u li jiġi minimizzat it-tfixkil wara l-Brexit, b'mod partikolari fir-rigward ta' din ir-relazzjoni;

15. Jirrikonoxxi li wara d-dħul fis-seħħ tal-FKK, għadd ta' ditti tas-servizzi finanzjarji bbażati f'Londra ħabbru l-intenzjonijiet li jistabbilixxu preżenza ġdida fl-UE u li jirrilokaw xi assi lejn l-UE, bi stimi li jissuġġerixxu li 44 % tal-akbar ditti tas-servizzi finanzjarji tar-Renju Unit ħabbru pjanijiet li jċaqalqu xi persunal jew operazzjonijiet[56] għalkemm l-għadd ta' impjiegi li rrilokaw barra minn Londra s'issa huwa biss ta' 7 000 u ferm inqas mill-istimi inizjali ta' 75 000[57]; jappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex ifittxu li jattiraw l-investiment kummerċjali wara l-Brexit; jinnota li għadd ta' bliet tal-UE kienu l-fokus ta' investiment fl-industrija tas-servizzi finanzjarji wara l-Brexit, inkluż Pariġi, Frankfurt, Amsterdam, il-Lussemburgu u Dublin; jinnota li l-"Peer review into the NCAs' handling of relocation to the EU in the context of the UK's withdrawal from the EU"[58] (Rieżami bejn il-pari dwar l-immaniġġjar min-naħa tal-Awtoritajiet

---

[55] Ir-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/410 tad-19 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 fir-rigward taż-żieda tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Ġibiltà, il-Mozambique, it-Tanzanija u l-Emirati Għarab Magħquda mat-tabella I tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 u t-tħassir tan-Nikaragwa, il-Pakistan u ż-Żimbabwe minn dik it-tabella. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32023R0410.

[56] Studju – "Recent trends in UK financial sector regulation and possible implications for the EU, including its approach to equivalence" (Xejriet riċenti fir-regolamentazzjoni tas-settur finanzjarju tar-Renju Unit u implikazzjonijiet possibbli għall-UE, inkluż l-approċċ tagħha għall-ekwivalenza), il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, id-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Ekonomiċi, Xjentifiċi u tal-Kwalità tal-Ħajja, 8 ta' Frar 2023.

[57] EY, "EY Financial Services Brexit Tracker: Movement within UK financial services sector stabilises five years on from Article 50 trigger" (Monitur tal-EY dwar il-Brexit rigward is-Servizzi Finanzjarji: Il-moviment fi ħdan is-settur tas-servizzi finanzjarji tar-Renju Unit jistabbilizza ħames snin wara l-iskattar tal-Artikolu 50), 29 Marzu 2022, Londra; Kumitat għall-Affarijiet Ewropej tal-House of Lords, "1st Report of Session 2022–23: The UK-EU relationship in financial services" (L-Ewwel Rapport tas-Sessjoni 2022–23: Ir-relazzjoni Renju Unit-UE fis-servizzi finanzjarji), 23 ta' Ġunju 2022.

[58] ESMA42-111-7468, *Peer review into the NCAs' handling of relocation to the EU in the context of the UK's*

Kompetenti Nazzjonali tar-rilokazzjoni lejn l-UE fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE) tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) identifika xi nuqqasijiet fir-rigward ta' kif l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mmaniġġjaw il-proċess tar-rilokazzjoni; jirrimarka, f'dan il-kuntest, l-aħjar prattiki identifikati fir-rapport ta' rieżami bejn il-pari kif ukoll il-prinċipji speċifiċi għas-settur tal-ESMA dwar ir-rilokazzjonijiet mir-Renju Unit lejn l-UE27[59]; jilqa' l-monitoraġġ kontinwu min-naħa tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tal-prattiki superviżorji fil-valutazzjoni tar-rilokazzjoni tal-kumpaniji lejn l-UE[60]; jisħaq fuq il-ħtieġa li titkompla l-ħidma biex titlesta l-Unjoni Bankarja u tiġi approfondita l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ħalli tiġi pprevenuta konċentrazzjoni ulterjuri ta' ċentri finanzjarji u jitgawdew il-benefiċċji tal-effiċjenzi ta' skala;

16. Ifakkar fl-impenn, fl-ewwel Dikjarazzjoni Konġunta li takkumpanja l-FKK, li jiġi ffirmat Memorandum ta' Qbil dwar il-kooperazzjoni regolatorja fis-servizzi finanzjarji bejn l-UE u r-Renju Unit, li ma jkunx dokument legali iżda jipprovdi bażi għal impenn regolari u strutturat; jinnota li dan il-memorandum ġie ffinalizzat u adottat mill-Kummissjoni; jilqa' l-iffirmar b'suċċess ta' Memoranda ta' Qbil bilaterali bejn ir-regolaturi u s-superviżuri tal-UE u tar-Renju Unit kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, inkluż bejn il-Financial Conduct Authority (l-Awtorità tal-Kondotta Finanzjarja) u l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-ESMA, Memorandum ta' Qbil multilaterali mal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti tal-UE u taż-Żona Ekonomika Ewropea; u Memoranda ta' Qbil individwali mal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti[61];

17. Jilqa' l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kooperazzjoni fis-Servizzi Finanzjarji bejn l-UE u r-Renju Unit mill-Kummissjoni u t-Teżor tal-Maestà Tiegħu, li jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni regolatorja tas-servizzi finanzjarji, inkluż forum regolatorju ġdid; jilqa' l-proposta li l-forum jiltaqa' mill-inqas kull 6 xhur; jinnota, fost l-oħrajn, li l-forum jista' jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-kooperazzjoni regolatorja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u jista' jinkludi l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar żviluppi regolatorji, l-iskambji ta' fehmiet dwar politiki, regoli u proċessi rispettivi li jikkonċernaw ir-reġimi ta' differiment, bħall-ekwivalenza, u d-djalogu dwar l-analiżijiet tar-riskju u l-impatti ekonomiċi potenzjali tal-miżuri proposti. jitlob li l-parteċipanti jibdew il-laqgħat tal-forum malajr kemm jista' jkun;

18. Jisħaq li dan il-forum jeħtieġlu jopera b'mod trasparenti bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati kif xieraq; jinnota li, wara diversi snin ta' taqlib, l-istituzzjonijiet u l-investituri fl-UE u r-Renju Unit jeħtieġu ċarezza u ċertezza legali sabiex jieħdu deċiżjonijiet kummerċjali u jagħmlu l-investimenti;

19. Jisħaq li l-partijiet fil-forum għandhom jimpenjaw ruħhom bi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera biex jiżguraw li r-relazzjoni tkun kostruttiva u sostnuta mill-objettivi komuni

---

withdrawal from the EU (Rieżami bejn il-pari dwar l-immaniġġjar min-naħa tal-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali tar-rilokazzjoni lejn l-UE fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE) (https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma42-111-7468_brexit_peer_review_report.pdf).

[59] ESMA71-99-526.

[60] https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma42-111-7468_brexit_peer_review_report.pdf.

[61] The Financial Conduct Authority (L-Awtorità tal-Kondotta Finanzjarja), "MoUs with European authorities in the areas of securities, investment services and asset management, insurance and pensions, and banking" (Memoranda ta' Qbil mal-awtoritajiet Ewropej fl-oqsma tat-titoli, is-servizzi tal-investiment u l-ġestjoni tal-assi, l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet, u l-banek), 4 ta' Jannar 2021.

tas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumatur;

20. Jilqa' l-inklużjoni tal-iskambji ta' fehmiet dwar deċiżjonijiet ta' ekwivalenza fi ħdan il-mandat tal-Forum dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja; jitlob li b'mod regolari tali kwistjonijiet jiġu diskussi u eżaminati, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi finanzjarji u ta' investiment, fl-interessi ta' aktar kummerċ u kooperazzjoni;

21. Jistieden lill-partijiet jużaw il-forum biex jidentifikaw u jindirizzaw it-theddid reċiproku għall-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumatur, biex jipprevjenu u jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll biex jindirizzaw l-iżviluppi ġodda u l-innovazzjonijiet fis-swieq, biex fejn ikun possibbli jippromwovu approċċ konsistenti;

22. Jinnota l-potenzjal li għandu l-forum li jipprovdi qafas għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn iż-żewġ partijiet fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji; jilqa' dan il-potenzjal u jitlob liż-żewġ partijiet jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv u b'bona fide;

23. Jitlob lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat bis-sħiħ fir-rigward tal-operat tal-forum u l-Memorandum ta' Qbil;

24. Itenni bil-qawwa l-importanza tal-protezzjoni tal-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fl-intier tiegħu u l-appoġġ għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq; ifaħħar il-fatt li ntlaħaq ftehim dwar il-Qafas ta' Windsor[62], li se jiżgura implimentazzjoni flessibbli iżda effettiva tal-Protokoll dwar l-Irlanda ta' Fuq u rispett għall-Ftehim ta' tal-Ġimgħa l-Kbira, filwaqt li jissalvagwardja l-integrità tas-suq uniku tal-UE, u l-fatt li l-Gvern Brittaniku ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jissospendi l-ħidma fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq u li jippermettilu jiskadi. jinkoraġġixxi lill-Gvern Brittaniku jqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Irlanda ta' Fuq fi kwalunkwe liġi jew regolament ġdid li jipproponi li jintroduċi;

25. Jistieden lill-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, iżżomm lill-Parlament infurmat bis-sħiħ dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-FKK u dwar l-iżviluppi rilevanti kollha tas-suq tas-servizzi finanzjarji, sabiex jiġu identifikati fil-ħin it-tfixkil potenzjali tas-suq u t-theddid għall-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur.

[62] Il-Gvern tal-Majjestà Tiegħu, "The Windsor Framework: A new way forward" (Il-Qafas ta' Windsor: Triq ġdida lejn is-suċċess), Frar 2023.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 15.12.2022
Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 58 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Giuseppe Ferrandino, Claude Gruffat, José Gusmão, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtsos, Aurore Lalucq, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Costas Mavrides, Siegfried Mureşan, Caroline Nagtegaal, Denis Nesci, Luděk Niedermayer, Dimitrios Papadimoulis, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Eva Maria Poptcheva, Antonio Maria Rinaldi, Dorien Rookmaker, Alfred Sant, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli, Inese Vaidere, Stéphanie Yon-Courtin, Roberts Zīle
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marc Angel, Herbert Dorfmann, Bas Eickhout, Henrike Hahn, Chris MacManus, Ville Niinistö, Johan Nissinen, Erik Poulsen
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Deirdre Clune, Christian Doleschal, Kinga Gál, Gianna Gancia, Ska Keller, Liudas Mažylis, Maria Veronica Rossi, Günther Sidl, Stefania Zambelli

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

58	+
ECR	Michiel Hoogeveen, Denis Nesci, Dorien Rookmaker, Roberts Zīle
ID	Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Gianna Gancia, Antonio Maria Rinaldi, Maria Veronica Rossi, Stefania Zambelli
NI	Kinga Gál
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Deirdre Clune, Christian Doleschal, Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Aušra Maldeikienė, Liudas Mažylis, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lídia Pereira, Inese Vaidere
Renew	Gilles Boyer, Engin Eroglu, Giuseppe Ferrandino, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtsos, Caroline Nagtegaal, Eva Maria Poptcheva, Erik Poulsen, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Marc Angel, Marek Belka, Jonás Fernández, Eero Heinäluoma, Aurore Lalucq, Pedro Marques, Costas Mavrides, Alfred Sant, Joachim Schuster, Günther Sidl, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli
The Left	José Gusmão, Chris MacManus, Dimitrios Papadimoulis
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Bas Eickhout, Claude Gruffat, Henrike Hahn, Ska Keller, Ville Niinistö, Kira Marie Peter-Hansen

0	-

1	0
ECR	Johan Nissinen

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

19.7.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Dragoş Pîslaru

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[63],

– wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[64],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Marzu 2022 dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq 1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru 2021 (COM(2022)0126),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea tal-15 ta' Marzu 2023 dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq 1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru 2022(COM(2023)0118),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet u l-Protokolli tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), b'mod partikolari l-istrumenti fundamentali tal-ILO,

[63] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.
[64] ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 1.

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-24 ta' Marzu 2023 tas-Segretarju għall-Affarijiet Barranin tar-Renju Unit u tal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Šefčovič dwar l-eżitu tal-għaxar laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u t-tieni laqgħa tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni,

A. billi mill-1 ta' Jannar 2021, il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit kienu rregolati mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) bejn l-UE u r-Renju Unit; billi l-qafas istituzzjonali tal-FKK tlesta u sar kompletament operattiv fl-2022;

B. billi l-FKK jipprevedi koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali biex jiġu protetti d-drittijiet tas-sigurtà soċjali tal-persuni li jiċċaqilqu bejn l-UE u r-Renju Unit wara l-1 ta' Jannar 2021; billi jipprevedi wkoll kundizzjonijiet ekwi biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta billi jinżammu livelli għoljin ta' protezzjoni f'għadd ta' oqsma, inklużi d-drittijiet soċjali u tax-xogħol, b'mekkaniżmi vinkolanti ta' infurzar u ta' soluzzjoni tat-tilwim biex tiġi żgurata l-konformità;

C. billi d-drittijiet fundamentali għall-organizzazzjoni, għan-negozjar kollettiv u għat-teħid ta' azzjoni kollettiva huma minquxa fid-dritt internazzjonali u huma inerenti bil-għan li jiġu żgurati żvilupp sostenibbli u kundizzjonijiet ekwi kif stabbilit fl-FKK;

D. billi l-FKK fih kapitoli dwar l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jkun żgurat suq miftuħ u sigur għan-negozji, inkluż għall-SMEs u għandu l-għan li jiżgura li ħtiġijiethom jitqiesu fil-proċess ta' implimentazzjoni, b'hekk ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ minnu;

1. Jisħaq fuq l-importanza ta' involviment qawwi tas-soċjetà ċivili tal-UE u tar-Renju Unit, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trade unions, kif ukoll l-NGOs, fl-implimentazzjoni tal-FKK f'konformità mal-Artikoli 13 u 14; jinnota l-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE f'dan ir-rigward u jilqa' l-ewwel laqgħa tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili f'Ottubru 2022; jisħaq fuq l-importanza li dan id-djalogu u din il-kooperazzjoni jitkomplew;

2. Jinnota b'sodisfazzjon li l-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali skont l-FKK s'issa ma kinitx problematika u li ma ġiet identifikata l-ebda problema strutturali fl-2021 jew fl-2022; jisħaq, madankollu, fuq l-importanza li jkun hemm Protokoll dinamiku, li jkun allinjat mar-reviżjonijiet tar-regolamenti dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali;

3. Jinnota li fl-2021, l-emendi għall-annessi tal-Protokoll ġew adottati mill-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali sabiex jikkonferma li l-Istati Membri jkomplu jippermettu lill-ħaddiema stazzjonati fir-Renju Unit jew mir-Renju Unit li jkunu koperti mil-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat taħt kundizzjonijiet speċifiċi; jinnota wkoll li fl-2022, ittieħdu passi preparatorji biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet finanzjarji li jikkonċernaw ir-rimborż tal-kost tal-benefiċċji tal-mard *in natura* pprovduti minn Stat għajr dak kompetenti;

4. Jilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 1/2023 tal-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali li tapprova l-użu tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-

Kooperazzjoni[65] fil-kuntest tal-Protokoll, kif ukoll li jqis li l-partijiet rilevanti tad-Deċiżjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali għandhom isiru applikabbli fil-kuntest tal-Protokoll permezz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat[3]; itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-EESSI jsir totalment operattiv mill-aktar fis possibbli u jisfruttaw l-opportunitajiet li joffru l-fondi tal-UE eżistenti biex jiġi implimentat b'mod sħiħ l-EESSI u tkompli tiġi diġitalizzata l-amministrazzjoni pubblika;

5. Ifakkar li l-FKK jirrikjedi li s-sħubija ekonomika bejn iż-żewġ partijiet tkun ibbażata fuq kundizzjonijiet ekwi għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta u li l-kummerċ u l-investiment għandhom isiru b'mod li jwassal għall-iżvilupp sostenibbli inkluż l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u l-protezzjoni ambjentali; jinnota li skont l-Artikolu 355 iż-żewġ partijiet impenjaw ruħhom li jżommu u jtejbu l-istandards rispettivi tagħhom fl-oqsma koperti mit-Titolu XI;

6. Jesprimi tħassib rigward l-iżviluppi reċenti li jistgħu jikkompromettu d-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonijiet ekwi tal-FKK fl-isfera tax-xogħol u dik soċjali fir-Renju Unit; jiddispjaċih immens, f'dan ir-rigward, bit-tħassir ta' Lulju 2022 tal-projbizzjoni tal-aġenziji tal-impjiegi li jipprovdu persunal temporanju biex jissostitwixxi l-ħaddiema li jieħdu sehem f'azzjoni industrijali, billi dan jippreġudika d-dritt tal-ħaddiema li jagħmlu azzjonijiet kollettivi, inkluż id-dritt tal-istrajkjar; jitlob lill-Gvern tar-Renju Unit jieħu l-miżuri neċessarji biex jiddefendi l-prinċipji tal-kundizzjonijiet ekwi msemmija fl-artikoli tal-FKK;

7. Jenfasizza wkoll ċerti żviluppi leġiżlattivi fir-Renju Unit li jqajmu tħassib u li ġew proposti iżda li għadhom ma ġewx adottati, bħall-Abbozz ta' Liġi dwar id-Dritt Miżmum tal-UE (Revoka u Riforma), l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Istrajks (Livelli Minimi ta' Servizz) u l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Informazzjoni Diġitali (Nru 2); jisħaq li dawn il-proposti, jekk jiġu adottati, jista' jkollhom implikazzjonijiet serji għad-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari d-drittijiet fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt ta' organizzazzjoni, u d-dritt għal negozjar kollettiv u azzjoni kollettiva, inkluż id-dritt tal-istrajkjar u jimminaw l-impenji tar-Renju Unit skont l-FKK; f'dan ir-rigward, jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvern tar-Renju Unit li ma jipproċedix bl-Abbozz ta' Liġi dwar il-Karta tad-Drittijiet;

8. Ifakkar li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema hija essenzjali biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi u żvilupp sostenibbli kif stabbilit, fost l-oħrajn, fl-Artikoli 355, 386, 387, 399 u 524 tal-FKK; jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi f'dan ir-rigward u tuża l-mezzi kollha disponibbli biex tindirizza kwalunkwe tħassib li l-adozzjoni ta' dawn il-proposti tista' tqajjem għall-applikazzjoni tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XI, inkluż permezz ta' djalogu fil-Kunsill ta' Sħubija u l-Kumitati Speċjalizzati, il-konsultazzjoni tal-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE u fejn meħtieġ il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim previsti fl-Artikolu 389;

9. Jinnota li f'Ġunju 2021 il-Gvern tar-Renju Unit ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jistabbilixxi korp uniku ta' infurzar għad-drittijiet tal-impjiegi bil-kompitu li jiżgura

---

[65] Provisional Agenda of the Third Specialised Committee on Social Security Coordination (Aġenda Proviżorja tat-Tielet Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali), Londra, Ġunju 2023.

superviżjoni ċentralizzata tal-liġijiet tax-xogħol tiegħu[66] sabiex itejjeb il-koordinazzjoni u l-effikaċja tal-korpi eżistenti u jespandi l-infurzar f'oqsma ġodda; jinnota, madankollu, li s'issa ma sar l-ebda progress ulterjuri dwar il-proposta; jitlob lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja mill-qrib l-infurzar tal-istandards tax-xogħol u dawk soċjali rilevanti, kif meħtieġ mill-FKK, u kwalunkwe żvilupp f'dan ir-rigward, u tkompli l-isforzi tagħha, flimkien mal-Gvern tar-Renju Unit, biex tiżgura l-konformità totali mal-FKK;

10. Jiddispjaċih ħafna bit-trattament diskriminatorju tar-Renju Unit ta' ħaddiema minn ħames Stati Membri tal-UE fl-2021 fir-rigward tal-ħlas ta' drittijiet imnaqqsa għal viżi tax-xogħol għal żmien twil; jiddispjaċih ukoll bir-rinunzja sussegwenti tar-Renju Unit tal-Artikolu 18(2) tal-Karta Soċjali Ewropea u bit-tneħħija konsegwenti tat-tnaqqis fil-ħlas ta' drittijiet għall-viżi relatati max-xogħol għaċ-ċittadini kollha tal-UE minn Frar 2022; jitlob lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa f'dan ir-rigward u tkompli tqajjem din il-kwistjoni permezz tal-Kunsill ta' Sħubija u tal-Kumitat Speċjalizzat dwar Kundizzjonijiet Ekwi għal Kompetizzjoni Miftuħa u Ġusta u Żvilupp Sostenibbli;

11. Jappella lill-Unjoni Ewropea u lir-Renju Unit biex jesploraw perkorsi għall-kooperazzjoni ulterjuri u għall-iskambju tal-aħjar prattiki fl-oqsma tal-impjiegi u tal-protezzjoni soċjali; jirrikonoxxi l-potenzjal tal-kollaborazzjoni reċiproka biex jitjiebu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-politiki fil-qasam tal-impjiegi, b'hekk jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u tkabbir għall-kumpaniji u għall-ħaddiema kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit.

[66] Dipartiment għan-Negozju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali, ir-Renju Unit. Establishing a new single enforcement body for employment rights (L-istabbiliment ta' korp uniku ġdid għall-infurzar tad-drittijiet tal-impjiegi), 2021.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 15.12.2022
Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 –: 1 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Atidzhe Alieva-Veli, Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, David Casa, Ilan De Basso, Jarosław Duda, Cindy Franssen, Chiara Gemma, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Irena Joveva, Katrin Langensiepen, Elena Lizzi, Sara Matthieu, Max Orville, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pîslaru, Elżbieta Rafalska, Daniela Rondinelli, Pirkko Ruohonen-Lerner, Mounir Satouri, Romana Tomc, Nikolaj Villumsen, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Carmen Avram, Gheorghe Falcă, Aurore Lalucq, Evelyn Regner
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrey Novakov, Carina Ohlsson, Helmut Scholz, Ralf Seekatz

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

34	+
PPE	David Casa, Jarosław Duda, Gheorghe Falcă, Cindy Franssen, Andrey Novakov, Ralf Seekatz, Romana Tomc, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, Irena Joveva, Max Orville, Dragoş Pîslaru
S&D	Alex Agius Saliba, Marc Angel, Carmen Avram, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Carina Ohlsson, Evelyn Regner, Daniela Rondinelli
The Left	Helmut Scholz, Nikolaj Villumsen
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri

1	-
ID	Dominique Bilde

5	0
ECR	Chiara Gemma, Elżbieta Rafalska, Pirkko Ruohonen-Lerner
ID	Elena Lizzi, Stefania Zambelli

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

20.7.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Dan Nica

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

L-enerġija

1. Jenfasizza, fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u tal-kriżi tal-enerġija li għaddejja bħalissa, l-importanza mġedda li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-enerġija bejn l-UE u r-Renju Unit sabiex ma jpoġġux lil xulxin f'riskju; jisħaq fuq l-importanza li jiġu massimizzati kemm jista' jkun il-benefiċċji reċiproċi, f'sistema tal-enerġija integrata u interkonnessa bbażata fuq prinċipji tekniċi u tas-suq komuni; jinnota li l-kummerċ tal-enerġija bejn l-UE u r-Renju Unit żdied b'mod konsiderevoli matul l-2022;

2. Jappella biex jittieħed approċċ ibbilanċjat u kkoordinat ħalli jinkisbu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u ta' REPowerEU u l-indipendenza enerġetika kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit; jappella liż-żewġ partijiet biex isaħħu l-kooperazzjoni teknoloġika, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-iskambju tad-data fis-settur tal-enerġija; jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp, inkluż fi ħdan il-qafas tal-Euratom, fil-qasam tat-teknoloġiji kritiċi meħtieġa għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika;

3. Jilqa' l-fatt li r-Renju Unit u l-UE affermaw mill-ġdid l-ambizzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli għall-2030; jilqa' l-Memorandum ta' Qbil dwar il-kooperazzjoni fl-enerġija offshore; jenfasizza li l-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' teknoloġiji rinnovabbli hija importanti kemm għall-Unjoni kif ukoll għar-Renju Unit u jappella għal aktar żvilupp tat-teknoloġiji tal-enerġija f'konformità mal-objettivi tat-tibdil fil-klima; jitlob li jiġi stabbilit qafas effettiv għall-arranġamenti kummerċjali għall-flussi tal-elettriku u għall-istabbiltà u l-prevedibbiltà tas-suq tal-enerġija, sabiex jiġu evitati manipulazzjonijiet tal-prezzijiet u tas-suq; jappella biex jitħaffef il-varar tal-enerġiji rinnovabbli fil-Baħar tat-Tramuntana filwaqt li jiġi żgurat ippjanar spazjali tajjeb;

4. Huwa mħasseb dwar ir-riżultati tal-analiżi konġunta tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ppreżentata mill-operaturi rispettivi tas-sistema ta' trażmissjoni f'Mejju 2021, li enfasizzat riskju għoli ta' manipulazzjoni u tfixkil tas-suq; ifakkar li l-proposta biex jiġi rivedut ir-Regolament dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa (REMIT)[1] fiha dispożizzjonijiet ġodda rigward is-sorveljanza tas-suq għal ġeneraturi minn pajjiżi terzi u li dawn ikunu japplikaw għar-Renju Unit, bil-ħsieb li jiżdiedu l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tas-suq; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw arranġamenti kummerċjali għall-flussi tal-elettriku bejn l-UE u r-Renju Unit, kif previst fl-Artikolu 312 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;

5. Ifakkar li ż-żamma ta' rabtiet sodi bejn is-swieq tal-enerġija tar-Renju Unit u tal-UE, inkluż billi jsir użu sħiħ mill-interkonnessjonijiet tal-elettriku eżistenti u ppjanati, hija fl-aħjar interess ta' kulħadd u jappella għal żvilupp ikkoordinat ta' infrastruttura kritika bejn l-UE u r-Renju Unit, speċjalment fis-settur tal-enerġija, biex tissaħħaħ ir-robustezza tagħha u jitnaqqsu l-possibbiltajiet ta' interruzzjonijiet fl-infrastruttura u ta' ħsarat fil-provvista tal-enerġija;

6. Jenfasizza s-sitwazzjoni unika tal-gżira tal-Irlanda fir-rigward tal-kummerċ tal-elettriku mar-Renju Unit u jissottolinja li kwalunkwe interruzzjoni fis-Suq Uniku tal-Elettriku jkollha implikazzjonijiet negattivi għall-konsumaturi u n-negozji fil-gżira tal-Irlanda; jappella għall-applikazzjoni kontinwa tal-acquis tal-enerġija tal-UE fl-Irlanda ta' Fuq peress li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-kontinwità għas-Suq Uniku tal-Elettriku fil-gżira tal-Irlanda wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE;

7. Jissottolinja li l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-enerġija ma tindirizza direttament ebda aspett tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit u jitlob l-allinjament tal-politiki f'dan il-qasam, b'mod partikolari dwar it-tnaqqis fit-talba għall-enerġija, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u tal-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli, minħabba r-rabta ċara bejn iż-żewġ naħat u l-fatt li kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed taffettwahom it-tnejn;

8. Jemmen li regoli komuni għall-enerġija rinnovabbli offshore u għall-infrastruttura tal-pipelines huma essenzjali biex jiġu ffaċilitati l-ftehimiet kummerċjali f'dawn l-oqsma mar-Renju Unit, fid-dawl tat-tieni edizzjoni tas-summit tal-Baħar tat-Tramuntana li sar f'Ostend f'April 2023 fejn ġie miftiehem li l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli jiġi sfruttat b'mod aktar koordinat;

9. Huwa mħasseb dwar il-fatt li ma ntlaħaq ebda ftehim ewlieni fit-tul għall-kummerċ tal-elettriku bejn ir-Renju Unit u l-UE; jieħu nota tal-fatt li l-Baħar tat-Tramuntana huwa mutur għall-enerġija rinnovabbli u jenfasizza l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli tax-xtut tar-Renju Unit għall-UE;

10. Iqis li ftehim dwar il-kooperazzjoni fl-enerġija, li għandu jkun allinjat mal-ftehim globali dwar ir-relazzjonijiet futuri u bbażat fuq governanza robusta u kundizzjonijiet ekwi, ikun fl-interess reċiproku taż-żewġ partijiet biex jiġu garantiti flussi kontinwi ta'

[1] Proposta tal-14 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) 2019/942 biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa (COM(2023)0147).

enerġiji, billi d-dispożizzjonijiet attwali tal-FKK attwali se jiskadu f'Ġunju 2026, għalkemm jistgħu jiġu estiżi;

Ir-riċerka

11. Jiddeplora l-fatt li r-Renju Unit tilef l-aċċess għall-programmi ta' riċerka tal-UE bħala riżultat tal-ħruġ tiegħu mill-UE, u jenfasizza l-importanza u l-benefiċċji reċiproċi ta' kooperazzjoni kontinwa fir-riċerka u l-innovazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit;

12. Jieħu nota tal-"arranġamenti tranżizzjonali" fis-seħħ għall-parteċipanti potenzjali tar-Renju Unit fil-programmi ta' Orizzont Ewropa u jiddispjaċih li l-ftehimiet ta' għotja ma jistgħux jiġu ffirmati għalissa, peress li huma subordinati għall-assoċjazzjoni tar-Renju Unit; jistieden lill-Kummissjoni u lir-Renju Unit jilħqu malajr ftehim ġust, ibbilanċjat u ta' benefiċċju reċiproku dwar l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' Orizzont Ewropa;

13. Jilqa' l-Ftehim ta' Windsor u jappella għal relazzjonijiet kostruttivi bejn il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni biex jiffurmaw il-bażi għal kooperazzjoni u parteċipazzjoni effettivi fil-programmi tal-UE, inkluża assoċjazzjoni potenzjali ma' Orizzont Ewropa skont ir-regoli eżistenti miftiehma bħala parti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit;

14. Ifakkar li Orizzont Ewropa se jintemm fl-aħħar tal-2027 u jenfasizza l-importanza kruċjali li jiġi evitat aktar dewmien biex jintlaħaq ftehim dwar l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' Orizzont Ewropa, peress li dan iqiegħed f'riskju l-kompetittività u l-innovazzjoni tal-komunità xjentifika kemm tal-UE kif ukoll tar-Renju Unit;

15. Jissottolinja li kwalunkwe ftehim potenzjali dwar l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' Orizzont Ewropa għandu japplika biss għall-programm attwali, mingħajr preġudizzju għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fi programmi ta' riċerka futuri tal-UE; jappella għall-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew fl-implimentazzjoni futura tal-assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' Orizzont Ewropa;

16. Jisħaq li l-prinċipji ġenerali tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'Orizzont Ewropa għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istrumenti rilevanti u għandhom iqisu l-għanijiet strateġiċi tal-UE fil-kooperazzjoni tagħha mar-Renju Unit;

17. Jenfasizza li jrid jintlaħaq bilanċ ġust bejn il-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit għal Orizzont Ewropa u l-benefiċċji li jirċievi għalihom u jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu l-benefiċċji usa' li jirriżultaw mill-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit; jilqa' l-attitudni miftuħa tal-Kummissjoni fin-negozjar mill-ġdid tal-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit u jistenna li r-Renju Unit jadotta approċċ flessibbli u ta' fehma simili;

18. Jistieden lir-Renju Unit jikkunsidra mill-ġdid l-assoċjazzjoni tiegħu mal-programm Erasmus+, ħaġa li żżid l-opportunitajiet tiegħu għal proġetti ta' skambju u kooperazzjoni tal-istudenti fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

Is-settur diġitali

19. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati riformi sensibbli tal-kompetizzjoni fis-setturi diġitali, f'konformità mal-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali,

sabiex jiġi garantit li dawn jistabbilixxu swieq diġitali miftuħa, kompetittivi u ġusti madwar id-dinja;

20. Jinnota li hemm diffikultajiet potenzjali assoċjati mad-diverġenza regolatorja bejn l-UE u r-Renju Unit fir-rigward tal-politiki diġitali; jissottolinja l-ħtieġa ta' kooperazzjoni fl-iżgurar tar-reżiljenza tal-komunikazzjonijiet diġitali, speċjalment permezz tal-internet, u l-parteċipazzjoni f'azzjonijiet konġunti maħsuba biex isaħħu ċ-ċibersigurtà; jappella biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà, minħabba l-implikazzjonijiet tagħha kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit fuq firxa wiesgħa ta' oqsma ta' interess reċiproku, speċjalment fis-settur diġitali u f'dak finanzjarju, l-IT, id-difiża, l-enerġija u r-riċerka u l-iżvilupp;

21. Itenni l-ħtieġa ta' kooperazzjoni dwar il-promozzjoni ta' rati trasparenti u raġonevoli għas-servizzi tar-roaming internazzjonali sabiex il-konsumaturi tal-UE u tar-Renju Unit jiġu protetti;

22. Jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati standards ta' protezzjoni tad-data ta' livell għoli għat-trasferiment u l-ipproċessar ta' data personali bejn iż-żewġ partijiet u jappella għal kondiviżjoni regolari ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi legali u ta' politika bejn l-UE u r-Renju Unit, permezz tal-Kumitati Speċjalizzati u l-Kunsill ta' Sħubija;

L-industrija

23. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata kooperazzjoni tajba fir-rigward tal-politika industrijali; jisħaq li r-Renju Unit m'għandux juża l-pożizzjoni privileġġata tiegħu fis-suq biex jikseb benefiċċji diretti filwaqt li jimmina l-prinċipji tas-suq intern tal-UE.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 15.12.2022
Data tal-adozzjoni	19.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 65 –: 0 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nicola Beer, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Vasile Blaga, Michael Bloss, Paolo Borchia, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Ignazio Corrao, Beatrice Covassi, Nicola Danti, Marie Dauchy, Pilar del Castillo Vera, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Valter Flego, Niels Fuglsang, Jens Geier, Nicolás González Casares, Christophe Grudler, Henrike Hahn, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Seán Kelly, Zdzisław Krasnodębski, Andrius Kubilius, Thierry Mariani, Marisa Matias, Marina Mesure, Dan Nica, Niklas Nienass, Ville Niinistö, Johan Nissinen, Mauri Pekkarinen, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Markus Pieper, Manuela Ripa, Robert Roos, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Grzegorz Tobiszowski, Patrizia Toia, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damian Boeselager, Franc Bogovič, Francesca Donato, Matthias Ecke, Ladislav Ilčić, Elena Lizzi, Dace Melbārde, Jutta Paulus, Massimiliano Salini, Jordi Solé, Susana Solís Pérez, Ivan Štefanec, Nils Torvalds, Emma Wiesner
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Rosanna Conte, Arnaud Danjean, César Luena, Nicola Procaccini, Elżbieta Rafalska, Antonio Maria Rinaldi, Daniela Rondinelli, Nacho Sánchez Amor, Edina Tóth

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

65	+
ID	Paolo Borchia, Rosanna Conte, Marie Dauchy, Elena Lizzi, Thierry Mariani, Antonio Maria Rinaldi
NI	Francesca Donato, Edina Tóth
PPE	François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Vasile Blaga, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Arnaud Danjean, Christian Ehler, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Dace Melbārde, Markus Pieper, Massimiliano Salini, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Ivan Štefanec, Henna Virkkunen, Pernille Weiss
Renew	Nicola Beer, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Valter Flego, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Susana Solís Pérez, Nils Torvalds, Emma Wiesner
S&D	Beatrice Covassi, Matthias Ecke, Niels Fuglsang, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Romana Jerković, César Luena, Dan Nica, Tsvetelina Penkova, Daniela Rondinelli, Nacho Sánchez Amor, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho
The Left	Marisa Matias, Marina Mesure
Verts/ALE	Michael Bloss, Damian Boeselager, Ignazio Corrao, Henrike Hahn, Niklas Nienass, Ville Niinistö, Jutta Paulus, Manuela Ripa, Jordi Solé

0	-

7	0
ECR	Ladislav Ilčić, Zdzisław Krasnodębski, Johan Nissinen, Nicola Procaccini, Elżbieta Rafalska, Robert Roos, Grzegorz Tobiszowski

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

18.7.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta’ implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Anna Cavazzini

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta’ Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

A. billi fi tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, ir-Renju Unit u l-UE stabbilew żewġ territorji doganali separati u żewġt iswieq separati għall-merkanzija u s-servizzi, kull wieħed minnhom bir-reġim regolatorju tiegħu;

B. billi s-sħubija ekonomika bejn l-UE u r-Renju Unit għandha tiġġenera opportunitajiet ta’ benefiċċju reċiproku u tiżgura ċ-ċertezza legali għan-negozji, b’mod speċjali l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u l-protezzjoni għall-konsumatur; billi l-implimentazzjoni sħiħa tal-Qafas ta’ Windsor hija tal-akbar importanza sabiex tiġi evitata fruntiera fiżika fuq il-gżira tal-Irlanda, u b’hekk jiġu protetti l-ekonomija tal-gżira kollha, is-salvagwardja tal-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, jiġu żgurati l-kummerċ u l-kooperazzjoni, kif ukoll is-salvagwardja tal-integrità tas-suq intern u l-unjoni doganali; billi dawn l-oqsma jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur;

C. billi l-UE rreaġixxiet malajr biex timplimenta l-Qafas ta’ Windsor; billi r-Renju Unit issa huwa mistenni jimplimenta minnufih il-parti tiegħu;

D. billi l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, b’mod partikolari l-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta’ Fuq u l-Qafas il-ġdid ta’ Windsor, hija prekundizzjoni biex ir-Renju Unit jibbenefika mill-vantaġġi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (TCA);

E. billi l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit fl-oqsma kollha, bħall-kummerċ fil-merkanzija u fis-servizzi, il-kummerċ diġitali, il-proprjetà intellettwali, l-akkwist pubbliku, l-avjazzjoni u t-trasport bit-triq, l-

enerġija, is-sajd, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-kooperazzjoni tematika u l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni hija prekundizzjoni biex jiġi massimizzat l-impatt pożittiv fuq iż-żewġ sħab tal-kooperazzjoni;

F. billi t-TCA jiddikjara li r-Renju Unit u l-UE jikkondividu l-objettiv li jiksbu livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur u jeħtiġilhom jikkooperaw għal dak l-għan;

G. billi l-biċċa l-kbira tal-isforzi ta' kollaborazzjoni skont it-TCA ġew sospiżi parzjalment jew kompletament sakemm tinstab soluzzjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għad-data doganali f'ħin reali; billi l-oqsma ta' kooperazzjoni stabbiliti fit-TCA jistgħu jingħataw attenzjoni mġedda wara l-finalizzazzjoni tal-Qafas ta' Windsor f'Marzu 2023;

H. billi b'riżultat ta' dan, kien hemm ftit jew l-ebda kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u dawk doganali tal-UE u tar-Renju Unit dwar is-sikurezza tal-prodotti, minkejja l-impenji obbligatorji skont il-kapitolu tat-TCA dwar l-ostakli tekniċi għall-kummerċ; billi l-awtoritajiet tar-Renju Unit ma għandhomx aċċess għas-safety gates tal-UE, u l-UE lanqas ma għandha aċċess għall-bażi tad-data l-ġdida tar-Renju Unit dwar is-sikurezza tal-prodotti;

I. billi l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u s-Swieq tar-Renju Unit ma għadhiex parti min-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-UE; billi l-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet huma vitali biex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-drittijiet tal-konsumatur u għalhekk għandhom jiġu mħeġġa;

J. billi l-leġiżlazzjoni tal-UE u tar-Renju Unit, u għaldaqstant anke d-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-konsumatur, se jvarjaw maż-żmien, u dan se jkollu impatt fuq il-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-passiġġieri; billi dan jista' jwassal għal bżonn li jiġu kkunsidrati mill-ġdid id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza; billi l-Kummissjoni għandha ssegwi d-diverġenza bejn il-liġijiet tal-UE u tar-Renju Unit; billi l-aċċess għal dan it-traċċar tad-diverġenza jkun ta' benefiċċju għall-Parlament u għal partijiet ikkonċernati rilevanti oħra billi jippermettilhom jiskrutinizzaw aħjar l-implimentazzjoni tat-TCA;

K. billi mill-2021, l-esportazzjonijiet kollha mir-Renju Unit lejn l-UE huma soġġetti għal proċeduri u għal kontrolli doganali; billi r-Renju Unit ittardja l-kontrolli ta' importazzjoni tal-UE erba' darbiet minn meta ħareġ mill-UE;

L. billi żewġ swieq doganali separati jirrappreżentaw aktar piżijiet amministrattivi u ekonomiċi, speċjalment għall-SMEs, u dan iwassal għal effetti ta' detriment reċiproku; billi dan l-eżitu huwa bbażat biss fuq id-deċiżjoni awtonoma tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

M. billi wara perjodu ta' inċertezza fl-2020 u fl-2021, la l-partijiet ikkonċernati u lanqas il-Kumitat Speċjalizzat dwar id-Dwana u r-Regoli tal-Oriġini ma rrappurtaw xi ostaklu doganali kbir għall-implimentazzjoni tat-TCA fl-2022;

N. billi l-Grupp Konsultattiv Domestiku (DAG) tal-UE fl-ambitu tal-Ftehim dwar il-

Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit iltaqa' sitt darbiet u ppubblika traċċar tal-kwistjonijiet dwar l-implimentazzjoni tat-TCA; billi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni doganali bejn il-partijiet ħareġ bħala kwistjoni importanti ħafna f'dawn il-laqgħat;

O. billi l-merkanzija nnegozjata bejn l-UE u r-Renju Unit trid tikkonforma mar-regoli tal-oriġini stabbiliti skont it-TCA jekk trid tibbenefika minn trattament preferenzjali b'0 % tad-dazji doganali;

P. billi l-awtoritajiet doganali nazzjonali tal-UE qajmu tħassib kemm dwar il-korrettezza tal-awtodikjarazzjonijiet tal-oriġini tal-operaturi kif ukoll dwar it-tweġibiet ipprovduti mill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit dwar il-verifiki tal-oriġini; billi l-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli tal-Oriġini ħareġ gwida ġdida biex jappoġġa lill-Istati Membri;

Q. billi l-partijiet ikkonċernati esprimew tħassib sinifikanti dwar l-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tar-Renju Unit; billi t-tielet estensjoni tal-iskadenza għall-introduzzjoni tagħha tħabbret f'Novembru 2022;

1. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qafas ta' Windsor; jilqa' l-fatt li dan il-ftehim jistabbilixxi regoli ġodda fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data doganali sabiex jippermetti aċċess f'ħin reali; jieħu nota tar-rakkomandazzjoni tal-24 ta' Marzu 2023 dwar is-suġġett tal-infurzar u s-sorveljanza tas-suq; jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmi effettivi biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali kemm għan-negozji, speċjalment l-SMEs, kif ukoll għaċ-ċittadini, tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi;

2. Jenfasizza li l-UE rreaġixxiet fil-pront biex timplimenta l-Qafas ta' Windsor u issa r-Renju Unit huwa mistenni jimplimenta minnufih il-parti tiegħu; jikkunsidra li huwa essenzjali, barra minn hekk, li ż-żewġ partijiet jikkonformaw bis-sħiħ mal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Protokoll tiegħu u l-Qafas ta' Windsor sabiex jiffaċilitaw l-aċċess tar-Renju Unit għas-suq intern tal-UE skont it-TCA filwaqt li jippreservaw l-integrità tas-suq intern u l-unjoni doganali, u jrawmu l-kompetizzjoni ġusta, kif ukoll jiżguraw iċ-ċertezza legali għall-kumpaniji tal-UE meta jinnegozjaw mar-Renju Unit;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-UE u r-Renju Unit jikkooperaw mill-qrib dwar is-suġġett tad-dwana, inkluż billi jiżguraw skambju effettiv ta' informazzjoni, djalogu kostruttiv u metodi effettivi ta' kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali, flimkien ma' Ambjent ta' Tieqa Unika interoperabbli u kkoordinat, u billi jimplimentaw standards u elementi ta' data komuni mmirati lejn is-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' żdoganar sabiex il-kostijiet amministrattivi u finanzjarji jiġu minimizzati għall-partijiet ikkonċernati kollha; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, twettaq rieżamijiet u evalwazzjonijiet regolari sabiex tnaqqas l-ostakli regolatorji u amministrattivi mhux ġustifikati u tiżgura li l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti jibqgħu effettivi u validi għall-futur;

4. Jenfasizza li l-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni kollu kemm hu, m'għandhomx jiġu pperikolati; jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet doganali mill-UE u mir-Renju Unit biex dan jiġi żgurat;

5. Jenfasizza l-importanza tal-Artikolu 96 tat-TCA rigward il-kooperazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq u s-sikurezza u l-konformità tal-prodotti mhux tal-ikel; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni timplimentah mingħajr dewmien; jitlob l-iżvilupp ta' inizjattivi u proġetti konġunti, kif ukoll l-istabbiliment ta' modi ddedikati ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni, tal-aħjar prattiki, u tal-għarfien espert tekniku fl-oqsma tas-sorveljanza tas-suq u tas-sikurezza tal-prodotti; jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar regolari tal-progress li sar fl-isforzi ta' kooperazzjoni stipulati fl-Artikolu 96;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tinnegozja u tikkonkludi ftehim ta' kooperazzjoni biex tiskambja informazzjoni u l-aħjar prattiki relatati mal-infurzar effettiv tad-drittijiet u tal-ħarsien tal-konsumatur mal-Awtorità għall-Kompetizzjoni u s-Swieq tar-Renju Unit; jenfasizza li tali ftehim ikun ta' benefiċċju reċiproku;

7. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja regolarment l-impatt ġenerali tat-TCA fuq is-suq intern u l-konsumaturi;

8. Jenfasizza l-importanza tal-iskrutinju parlamentari tad-dispożizzjonijiet tat-TCA biex jiġu żgurati aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont; jenfasizza r-rwol pożittiv tat-TCA DAG fil-faċilitazzjoni tad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit u fil-forniment ta' għarfien espert, valutazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet matul l-implimentazzjoni tat-TCA; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u t-TCA DAG, sabiex jipprovdu opportunitajiet għal djalogu miftuħ u l-kondiviżjoni ta' għarfien espert;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u teżamina d-diverġenza bejn il-liġi tal-UE u dik tar-Renju Unit u tipprovdi lill-Parlament u lill-pubbliku b'aċċess għad-data miksuba billi tippubblika rapporti annwali; jirrikonoxxi l-importanza ta' tali mekkaniżmu ta' identifikazzjoni biex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet b'mod infurmat, tissaħħaħ il-fiduċja pubblika, u tiġi faċilitata komprensjoni aktar profonda tal-kuntest ta' wara l-Brexit; jitlob li tiġi stabbilita pjattaforma li tippermetti aċċess pubbliku għal informazzjoni aġġornata dwar l-oqsma ta' diverġenza bejn il-liġi tal-UE u dik tar-Renju Unit. jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-miżuri kollha ta' rimedju u ta' riekwilibriju disponibbli fl-ambitu tat-TCA sabiex tindirizza d-diverġenzi identifikati li jistgħu jwasslu għal dgħufija jew tnaqqis fil-benessri tal-konsumaturi, inkluż il-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi, tal-ħaddiema u tal-ambjent.

10. Jieħu nota li l-Gvern tar-Renju Unit ċekken il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' estinzjoni fl-Abbozz ta' liġi dwar id-Dritt tal-UE Miżmum (Revoka u Riforma) u jħeġġeġ lir-Renju Unit joqgħod lura milli jintroduċi dispożizzjonijiet fl-abbozz ta' liġi li huma f'kunflitt mat-TCA jew mal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 15.12.2022
Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 –: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Markus Buchheit, Anna Cavazzini, Deirdre Clune, David Cormand, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Kateřina Konečná, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Campomenosi, Claude Gruffat, Ivars Ijabs, Karen Melchior, Tsvetelina Penkova, Kosma Złotowski
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Eric Minardi, Paulo Rangel, Grzegorz Tobiszowski

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

38	+
ECR	Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Grzegorz Tobiszowski, Kosma Złotowski
ID	Alessandra Basso, Marco Campomenosi
PPE	Pablo Arias Echeverría, Deirdre Clune, Krzysztof Hetman, Antonius Manders, Paulo Rangel, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann
Renew	Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoş, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Ivars Ijabs, Karen Melchior, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi, Christel Schaldemose
The Left	Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Anna Cavazzini, David Cormand, Alexandra Geese, Claude Gruffat, Kim Van Sparrentak

0	-

3	0
ID	Markus Buchheit, Virginie Joron, Eric Minardi

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

24.7.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta’ implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Arimont

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

A. billi l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) bejn l-UE u r-Renju Unit jistabbilixxi arranġamenti preferenzjali f’oqsma bħall-kummerċ fl-oġġetti u s-servizzi, il-proprjetà intellettwali, il-kummerċ diġitali, it-trasport bit-triq u l-avjazzjoni, l-akkwist pubbliku, l-enerġija, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali, is-sajd, il-kompetizzjoni, il-mobbiltà, l-investiment, il-kooperazzjoni tematika u l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni;

B. billi l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jvarja fost ir-reġjuni tal-UE u l-impatt tal-FKK fil-livell reġjonali u lokali għadu mhux magħruf;

C. billi, minkejja l-FKK, il-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit wara l-pandemija tal-COVID-19 qed jirkupra bil-mod meta mqabbel mal-kummerċ ma’ pajjiżi oħra mhux tal-UE, u dan jista’ jaffettwa l-koeżjoni ekonomika u soċjali f’ċerti reġjuni tal-UE;

D. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE kellu impatt negattiv fuq ir-reġjuni u s-sħab involuti fil-proġetti Interreg, inklużi dawk li jikkonċernaw il-protezzjoni ambjentali transfruntiera u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u jipperikola l-kooperazzjoni territorjali u transfruntiera u r-relazzjonijiet eżistenti bejn ir-reġjuni u l-bliet differenti tal-UE u tar-Renju Unit inġenerali;

E. billi l-FKK jonqos milli jiżviluppa d-dimensjoni territorjali tar-relazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE;

F. billi fis-27 ta’ Frar 2023, il-Kummissjoni u l-Gvern tar-Renju Unit laħqu ftehim politiku dwar il-Qafas ta’ Windsor, li jinkludi sett komprensiv ta’ soluzzjonijiet komuni bl-għan li jindirizzaw b’mod definittiv l-isfidi prattiċi ffaċċjati miċ-ċittadini u n-negozji tal-Irlanda ta’ Fuq, u impenn biex il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira jitħares fid-dimensjonijiet

kollha tiegħu;

G. billi l-Ftehim ta' Windsor ikopri firxa wiesgħa ta' oqsma, bħad-dwana, is-settur agroalimentari, il-mediċini, l-għajnuna mill-Istat, il-VAT u d-dazji tas-sisa;

1. Jirrimarka li, minkejja n-nuqqas ta' dimensjoni reġjonali tiegħu, l-FKK jipprovdi qafas ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-UE; jiddispjaċih, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ġenerali ta' programmi Interreg mar-Renju Unit bħala sieħeb li mhuwiex membru tal-UE; itenni t-talba tiegħu[1] biex jiġu esplorati l-possibbiltajiet għall-parteċipazzjoni ta' partijiet tar-Renju Unit fil-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE;

2. Jemmen li hemm potenzjal mhux sfruttat għall-kooperazzjoni sottonazzjonali bejn l-UE u r-Renju Unit f'oqsma ta' interess reċiproku, bħall-immigrazzjoni, il-mobbiltà – inkluża dik tal-persunal u l-assi militari – il-ġestjoni sostenibbli tal-Baħar tat-Tramuntana, il-Kanal Ingliż u l-Baħar Irlandiż, il-kummerċ, l-azzjoni klimatika, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem u soċjali, u s-sigurtà; jappoġġa d-djalogu u l-kooperazzjoni strateġika bejn l-UE u r-Renju Unit dwar l-isfidi komuni l-aktar urġenti u jisħaq fuq il-ħtieġa li jinħolqu sinerġiji u li jiġu appoġġati inizjattivi għal kooperazzjoni bilaterali u multilaterali bejn ir-reġjuni tal-UE u tar-Renju Unit, bħall-Kumitat tal-Istretti, possibbilment permezz ta' programm ta' kooperazzjoni interreġjonali speċifiku tal-UE, dment li l-Gvern tar-Renju Unit jikkontribwixxi finanzjarjament għal dan il-programm u li r-reġjuni li jipparteċipaw jiġu kkonsultati u integrati kif xieraq fl-iżvilupp tiegħu;

3. Jappella għal approċċ bilanċjat u koordinat biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-indipendenza enerġetika kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit; jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni teknoloġika, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-iskambju tad-data fis-settur tal-enerġija u tal-kooperazzjoni fir-riċerka u fl-iżvilupp fl-oqsma tat-teknoloġiji kritiċi, it-teknoloġiji tal-qbid tal-karbonju, l-idroġenu, l-enerġija rinnovabbli u l-enerġija nukleari; jemmen li regoli komuni għall-enerġija rinnovabbli offshore u nukleari, it-teknoloġiji tal-qbid tal-karbonju, il-gass, l-idroġenu u l-infrastruttura tal-pipelines huma essenzjali biex jiġu ffaċilitati l-ftehimiet kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit; jappella għal approċċ ikkoordinat bejn l-UE u r-Renju Unit għall-iżvilupp ta' infrastruttura kritika tal-enerġija sabiex tissaħħaħ ir-robustezza tagħha u jitnaqqsu l-possibbiltajiet ta' interruzzjonijiet fl-infrastruttura u ħsarat fil-provvista tal-enerġija, inkluż l-iżvilupp tal-grilja offshore, fid-dawl tal-potenzjal enormi tal-enerġija rinnovabbli u l-prijoritajiet tal-enerġija li ilhom jeżistu tal-UE u tal-pajjiżi kkonċernati;

4. Jieħu nota tal-"arranġamenti tranżitorji" fis-seħħ għall-parteċipazzjoni potenzjali tar-Renju Unit fil-programmi ta' Orizzont Ewropa u jiddispjaċih dwar il-fatt li l-ftehimiet ta' għotja ma jistgħux jiġu ffirmati, peress li huma subordinati għall-assoċjazzjoni tar-Renju Unit mal-programmi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern tar-Renju Unit

[1] Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata, ĠU C 506, 15.12.2021, p. 159.

jilħqu malajr ftehim ġust, ibbilanċjat u ta' benefiċċju reċiproku dwar l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' Orizzont Ewropa fl-ambitu ta' sett miftiehem ta' regoli finanzjarji u dwar id-drittjiet ta' proprjetà intellettwali;

5. Jiddispjaċih li r-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fil-programm Erasmus+ u jistieden lir-Renju Unit jikkunsidra mill-ġdid l-assoċjazzjoni tiegħu mal-programm, billi dan iżid l-opportunitajiet tiegħu għal proġetti ta' skambju u kooperazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

6. Jappella biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà, minħabba l-implikazzjonijiet tagħha kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit fuq firxa wiesgħa ta' oqsma ta' interess reċiproku, speċjalment fis-settur diġitali u f'dak finanzjarju, u t-teknoloġija tal-informazzjoni, id-difiża, l-enerġija u r-riċerka u l-iżvilupp;

7. Jiddispjaċih dwar it-tensjonijiet li qamu fl-Irlanda ta' Fuq li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Protokoll tal-Irlanda ta' Fuq, u jilqa' l-fatt li ntlaħaq ftehim, imsejjaħ il-Qafas ta' Windsor, biex jiġu rimedjati l-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni; jittama li l-Qafas ta' Windsor jgħin biex jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-partijiet billi jippermettilhom jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-FKK;

8. Jilqa' l-impenn kontinwu tal-Gvern tar-Renju Unit favur il-programm PEACE, li għandu rwol ewlieni rigward il-kooperazzjoni bejn l-Irlanda ta' Fuq u r-reġjuni tal-fruntiera tal-Irlanda; jinnota l-fatt li l-programm PEACE PLUS 2021-2027 ġie adottat formalment mill-Kummissjoni f'Lulju 2022;

9. Jissottolinja l-importanza li jiġu kkwantifikati l-effetti, inkluż l-impatt soċjali, tal-FKK fil-livell reġjonali sabiex jiġu adottati miżuri mfassla apposta għar-reġjuni l-aktar milquta u l-komunitajiet tagħhom u n-negozji pubbliċi u privati; jitlob, b'mod partikolari, appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u medji li jinsabu f'reġjuni tal-fruntiera u li n-negozji tagħhom huma partikolarment dipendenti fuq is-suq tar-Renju Unit;

10. Jirrimarka li, għar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-erba' setturi ekonomiċi definiti mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni[2] li jistgħu jiġu affettwati l-aktar mill-impatt tal-Brexit, bħall-vetturi, il-makkinarju elettriku, il-prodotti tal-injam u l-għamara, u l-prodotti agrikoli;

11. Jitlob involviment akbar tat-territorji devoluti tal-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales fl-Assemblea Parlamentari ta' Sħubija UE-Renju Unit;

12. Jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi kif xieraq lill-awtoritajiet reġjonali u lokali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess tal-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-FKK; jissuġġerixxi li l-UE u r-Renju Unit joħolqu korp ta' kooperazzjoni għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qafas tal-FKK biex irawmu l-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni.

[2] Studju tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni bit-titolu "New trade and economic relations between EU-UK: the impact on regions and cities", 2022.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 15.12.2022
Data tal-adozzjoni	19.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Benjumea Benjumea, Franc Bogovič, Vlad-Marius Botoş, Corina Crețu, Rosa D'Amato, Christian Doleschal, Matthias Ecke, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Cristina Maestre Martín De Almagro, Nora Mebarek, Martina Michels, Alin Mituța, Dan-Ştefan Motreanu, Niklas Nienass, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Alessandro Panza, Caroline Roose, Marcos Ros Sempere, André Rougé, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Karolin Braunsberger-Reinhold, Carlos Coelho, Rosanna Conte, Herbert Dorfmann, Sandro Gozi, Ana Miranda, Yana Toom, Stefania Zambelli

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

33	+
ID	Rosanna Conte, Alessandro Panza, Stefania Zambelli
PPE	Isabel Benjumea Benjumea, Franc Bogovič, Karolin Braunsberger-Reinhold, Carlos Coelho, Christian Doleschal, Herbert Dorfmann, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Dan-Ştefan Motreanu, Andrey Novakov
Renew	Vlad-Marius Botoş, Sandro Gozi, Alin Mituța, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret, Yana Toom
S&D	Adrian-Dragoş Benea, Corina Crețu, Matthias Ecke, Cristina Maestre Martín De Almagro, Nora Mebarek, Marcos Ros Sempere
The Left	Martina Michels, Younous Omarjee
Verts/ALE	François Alfonsi, Rosa D'Amato, Ana Miranda, Niklas Nienass, Caroline Roose

0	-

1	0
ID	André Rougé

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

29.6.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Martin Hlaváček

(*) Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

A. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE (il-Brexit) ħoloq ostakli nontariffarji li wasslu għal dewmien u spejjeż addizzjonali fuq iż-żewġ naħat; billi minkejja dan, fuq terminu qasir, l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit irkupraw għal-livelli ta' qabel il-pandemija; billi l-prospettiva fit-tul turi, madankollu, li l-kummerċ staġna fil-perjodu bejn l-2016 u l-2022; billi dan jikkuntrasta ħafna mas-sitwazzjoni bejn l-UE u s-sħab kummerċjali l-oħra tagħha;

B. billi d-deċiżjoni tal-Gvern tar-Renju Unit li jsegwi Brexit iebes mal-ħruġ tiegħu mill-UE inevitabbilment wasslet għad-diżintegrazzjoni fixkiela tar-rabtiet ekonomiċi u kummerċjali u d-diverġenza tar-reġimi regolatorji għall-bdiewa, il-produtturi agroalimentari, iċ-ċittadini u s-sħab kummerċjali mhux tal-UE;

C. billi l-kummerċ totali tal-UE mas-sħab internazzjonali tagħha minbarra r-Renju Unit żdied b'70 % meta mqabbel mal-ewwel tliet trimestri tal-2016, u kważi b'40 % meta mqabbel mal-ewwel tliet trimestri tal-2019; billi ż-żieda kienet ferm aktar baxxa fil-każ tal-kummerċ mar-Renju Unit: 10 % biss meta mqabbla mal-ewwel tliet trimestri tal-2016 u 6 % biss meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2019;

D. billi l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, b'mod partikolari l-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq u l-Qafas il-ġdid ta' Windsor, hija prekundizzjoni għall-kapaċità tar-Renju Unit li jibbenefika mill-vantaġġi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit;

E. billi huwa meħtieġ li jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwi u ċertezza tad-dritt għall-bdiewa, il-produtturi agroalimentari, il-ħaddiema u ċ-ċittadini;

1. Jirrimarka li minħabba l-Brexit, ir-rotot kummerċjali lejn u mir-Renju Unit kellhom

jinbidlu b'mod sinifikanti, u r-rotot fuq l-art bejn l-UE u r-Renju Unit, li storikament kienu l-aktar rotta kummerċjali konvenjenti u kosteffettiva, issa saru mgħobbija b'ostakli nontariffarji;

2. Jaċċentwa li r-rotot diretti tat-trasport marittimu bejn l-UE u r-Renju Unit żdiedu fil-frekwenza u d-domanda b'riżultat ta' dan u li xi fornituri jiddependu fuq konnessjonijiet ta' titjiriet diretti, biex jevitaw il-kumplessitajiet tal-ivvjaġġar bit-triq; jissottolinja li l-piż amministrattiv li jirriżulta mill-konnessjonijiet tar-rotot tal-art issa biddel dawn ir-rotot diretti f'għażliet aktar konvenjenti; jirrikonoxxi d-diversifikazzjoni sinifikanti tal-kummerċ agrikolu mir-Renju Unit lejn il-pajjiżi tal-UE u l-importanza tas-servizzi tat-trasport fuq l-ilma biex jingħata lok għal dak il-kummerċ; jappella għal investiment akbar f'dawn ir-rotot tal-baħar diretti, li huma kritiċi għas-settur agrikolu;

3. Jisħaq li ż-żieda fil-burokrazija u l-ispejjeż amministrattivi assoċjati weħidhom żammew lil xi kumpaniji milli jkomplu l-kummerċ tagħhom bejn l-UE u r-Renju Unit, filwaqt li oħrajn kellhom iġarrbu spejjeż kbar u jadattaw ruħhom;

4. Jinnota bi tħassib li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ma taffiex biżżejjed id-diffikultajiet relatati mal-Brexit biex jiġu impjegati ħaddiema staġjonali; jisħaq fuq l-impatti negattivi sinifikanti li din l-iskarsezza għandha fuq is-settur agrikolu, pereżempju fil-ħsad tal-għelejjel;

5. Jinnota bi tħassib li l-Istati Membri tal-UE xi kultant ikunu inkoerenti jew inkonsistenti fl-applikazzjoni tagħhom tar-regoli dwar il-moviment ta' ingredjenti prodotti fir-Renju Unit li jkunu meħtieġa mill-manifatturi tal-UE;

6. Jilqa' l-Ftehim Qafas ta' Windsor, speċjalment id-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, peress li dan se jiffaċilita l-konnessjoni kummerċjali bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-bqija tar-Renju Unit u se jgħin biex jissolvew il-kwistjonijiet tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq; ifakkar, madankollu, li l-Ftehim Qafas ta' Windsor ma jipprovdi l-ebda għażla alternattiva lill-kumpaniji għall-arranġamenti kummerċjali attwali bejn l-UE u r-Renju Unit;

7. Jisħaq li r-rekwiżiti tar-Renju Unit għal garanziji bla bżonn fir-rigward ta' ċertu mard tal-annimali mhumiex konformi mal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali; jiddispjaċih dwar il-fatt li r-Renju Unit mhux qed jirrispetta l-obbligu li jallinja r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tiegħu mal-istandards internazzjonali;

8. Jinnota li diversi dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, għadhom ma ġewx implimentati; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi rikonoxxut li se jkun hemm aktar distorsjonijiet fil-kummerċ ladarba dawn id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati bis-sħiħ;

9. Jilqa' l-fatt li l-patata taż-żrigħ ġiet inkluża fil-Ftehim Qafas ta' Windsor; jirrimarka, madankollu, li għadha ma ġiet ipprovduta l-ebda soluzzjoni alternattiva għall-importazzjoni tal-patata taż-żrigħ mir-Renju Unit lejn l-UE, kif ukoll għall-patata taż-żrigħ esportata mill-UE lejn ir-Renju Unit, u li r-Renju Unit staqsa lill-UE dwar ir-regoli tal-importazzjoni tagħha għall-pajjiżi mhux tal-UE, li issa huwa soġġett għalihom; jirrimarka li l-industrija tal-patata taż-żrigħ hija mfassla għal kundizzjonijiet agronomiċi

speċifiċi, u li għalhekk huma meħtieġa soluzzjonijiet prammatiċi biex jinżammu l-provvista u l-kummerċ tal-patata taż-żrigħ liż-żewġ naħat;

10. Jaċċentwa l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut l-istatus uniku tal-prodotti ta' oriġini mħallta mill-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq fil-ftehimiet kummerċjali futuri li l-UE jew ir-Renju Unit ikunu parti għalihom;

11. Jiddispjaċih dwar l-impatt fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit li jirriżulta mill-fatt li sar progress limitat biex ir-Renju Unit jitħeġġeġ jaċċetta ċ-ċertifikati sanitarji u fitosanitarji diġitali tal-UE u li d-diskussjonijiet tekniċi dwar iċ-ċertifikati, sal-lum, ma pproduċewx riżultati vijabbli; jinnota bi tħassib il-piż finanzjarju u amministrattiv impost mis-sistema manwali attwali; iħeġġeġ lill-Gvern tar-Renju Unit iħaffef it-tranżizzjoni lejn sistema diġitali;

12. Jaċċentwa li l-implimentazzjoni sħiħa tal-verifiki fil-fruntieri skont il-Mudell Operattiv Immirat tal-Fruntieri tar-Renju Unit se ġġib magħha spejjeż u inflessibbiltajiet addizzjonali għall-esportaturi tal-UE u se twassal għal tfixkil ulterjuri fil-katina tal-valur, speċjalment għall-prodotti li jitħassru malajr, u li huma meħtieġa b'mod urġenti soluzzjonijiet diġitali effettivi; iqis bħala sinjal pożittiv f'dan ir-rigward il-fatt li r-Renju Unit qed jieħu approċċ simili għall-UE dwar il-kategoriji ta' riskju u l-użu tad-data u d-diġitalizzazzjoni biex jiġi ssimplifikat il-proċess;

13. Jissottolinja li, għalkemm l-arranġamenti interim offruti mill-UE ppermettew titjib temporanju fis-sitwazzjoni, huma meħtieġa soluzzjonijiet strutturali biex ir-Renju Unit jaċċetta ċ-ċertifikati mingħajr karti tal-UE;

14. Jikkonkludi li b'mod ġenerali, il-Brexit kellu impatt negattiv fuq il-flussi kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit; jenfasizza li huwa fl-interess kemm tar-Renju Unit kif ukoll tal-UE li jkomplu l-proċess ta' allinjament u jaħdmu flimkien fuq soluzzjonijiet għall-kummerċ agroalimentari;

15. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jitkompla l-progress li għaddej biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-mediċini veterinarji fl-Irlanda ta' Fuq sabiex jinżammu t-trattament xieraq tal-annimali u s-sigurtà tal-ikel;

16. Jissottolinja li d-diverġenzi regolatorji se jikbru, fil-kuntest tat-tisħiħ tal-istandards tal-UE, it-tibdil tar-regoli tar-Renju Unit, jew l-irtirar sħiħ tar-regoli kollha tal-UE li fadal fir-Renju Unit; jisħaq li dawn id-diverġenzi se jikkonċernaw kwistjonijiet importanti bħat-tekniki ġenomiċi ġodda, l-ikel ġdid, is-sikurezza tal-ikel, it-tikkettar u t-trattament xieraq tal-annimali; jirrikonoxxi li dan l-allinjament ħażin jista' saħansitra jġiegħel lin-negozji jbigħu prodotti differenti fir-Renju Unit u fl-UE; jaċċentwa wkoll li l-fatt li r-Renju Unit jinsab barra mis-Sistema ta' Twissija Rapida tal-UE għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) potenzjalment se jwassal għal ħinijiet itwal ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sikurezza tal-ikel;

17. Jirrikonoxxi l-introduzzjoni tar-Renju Unit tal-Abbozz ta' Liġi dwar it-Teknoloġija Ġenetika (Tnissil ta' Preċiżjoni) f'Mejju 2022, li jistabbilixxi regoli ġodda għar-rilaxx u l-kummerċjalizzazzjoni ta' "organiżmi mnissla bi preċiżjoni" fl-Ingilterra;

18. Jappella biex l-UE tħaffef l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-użu ta' tekniki ġodda ta'

tnissil sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa tal-UE, filwaqt li jiżdiedu b'mod sostenibbli r-rendimenti u l-għelejjel isiru aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u għal patoġeni ġodda, b'mod partikolari fid-dawl tal-organiżmi ta' ħsara, l-għargħar, in-nixfiet, l-iskarsezzi tal-ilma u l-kundizzjonijiet estremi l-oħra tat-temp li qed jolqtu għadd dejjem akbar ta' Stati Membri;

19. Jirrimarka li l-bidliet futuri fir-regolamenti dwar it-tikkettar fl-UE se jkunu partikolarment ta' sfida għall-kumpaniji li jużaw l-istess imballaġġ kemm fis-suq tal-UE kif ukoll f'dak tar-Renju Unit;

20. Jaċċentwa wkoll li ż-żieda fid-diverġenzi regolatorji tista' tippreżenta theddida kompetittiva għall-esportazzjonijiet tal-ikel tal-UE lejn ir-Renju Unit, anke fid-dawl ta' ftehimiet kummerċjali futuri konklużi bejn ir-Renju Unit u pajjiżi oħra, li se jżidu s-sehem tal-kompetituri tas-suq tar-Renju Unit;

21. Jaċċentwa l-ħtieġa ta' monitoraġġ akbar tad-diverġenza regolatorja sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar l-impatt ta' din id-diverġenza regolatorja fuq in-negozju u tingħata għajnuna biex dan jiġi mminimizzat u biex tiġi pprovduta ċertezza għall-ippjanar fit-tul;

22. Jisħaq li sabiex ir-relazzjonijiet kummerċjali futuri bejn l-UE u r-Renju Unit jiffjorixxu, irid jiġi stabbilit qafas komprensiv li jippermetti allinjament massimu fil-qasam tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet agroalimentari; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tal-Kumitati Speċjalizzati għall-Kummerċ, fejn l-informazzjoni u l-għarfien espert jistgħu jinġabru flimkien; jisħaq li l-iskambju ta' informazzjoni u l-konsultazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati, l-industrija u l-awtoritajiet tal-gvern jistgħu jipprevjenu bidliet regolatorji tal-aħħar minuta li jaffettwaw il-kontrolli fuq il-fruntieri;

23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żviluppat u użat qafas għal involviment regolari biex jiġi żgurat li kemm l-UE kif ukoll ir-Renju Unit ikunu konxji mill-programmi ta' ħidma leġiżlattiva li jmiss u kwalunkwe diverġenza leġiżlattiva futura potenzjali relatata qabel l-implimentazzjoni tagħhom; jinnota li l-Assemblea Parlamentari ta' Sħubija UE-Renju Unit tista' tiffaċilita dan;

24. Iħeġġeġ lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-miżuri Sanitarji u Fitosanitarji jkompli l-ħidma tiegħu malajr biex jiżviluppa ċertifikat diġitali li jipprovdi soluzzjoni kompatibbli u effettiva li tirrispetta standards ta' sikurezza kondiviżi għoljin, speċjalment fid-dawl tat-tnedija li jmiss tal-Mudell Operattiv Immirat tal-Fruntieri tar-Renju Unit;

25. Iħeġġeġ lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-miżuri Sanitarji u Fitosanitarji biex idaħħal l-RASFF u s-sistema ta' twissija dwar is-sikurezza tal-ikel tar-Renju Unit f'relazzjoni ta' ħidma mill-qrib bil-għan li tingħata protezzjoni komprensiva fl-UE, fir-Renju Unit u lil hinn;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-regoli dwar l-ingredjenti tar-Renju Unit meħtieġa mill-manifatturi tal-UE jiġu applikati b'mod koerenti fl-Istati Membri kollha tal-UE;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji tabella li tqabbel il-kwoti tariffarji, id-dazji doganali u l-ostakli nontariffarji għal kategoriji differenti ta' prodotti għall-kummerċ bejn l-UE u r-

Renju Unit u l-kummerċ tal-UE ma' sħab oħra;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-livell ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE fir-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ u tniedi diskussjonijiet mar-Renju Unit dwar dispożizzjonijiet ġodda li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE rreġistrati minn Jannar 2021;

29. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat bis-sħiħ u f'waqtu dwar id-diffikultajiet kollha li jistgħu jinqalgħu, b'mod partikolari l-ksur possibbli tal-ftehimiet li jista' jipperikola l-kundizzjonijiet ekwi u l-kompetizzjoni ġusta għall-bdiewa, il-produtturi agroalimentari u l-ħaddiema tal-UE;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija għall-futur tal-kummerċ agroalimentari bejn l-UE u r-Renju Unit, speċjalment fid-dawl tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles li jmiss li r-Renju Unit qed jippjana li jikkonkludi mas-sħab kummerċjali l-oħra tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aġġornamenti regolari lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali dwar is-sitwazzjoni attwali tal-kummerċ agroalimentari bejn l-UE u r-Renju Unit;

31. Jissottolinja l-impatti fit-tul tal-Brexit, li se jkomplu jimmaterjalizzaw għas-snin li ġejjin; jisħaq fuq il-ħtieġa li tinżamm ir-relazzjoni tal-UE mar-Renju Unit bħala prijorità politika għolja issa u fil-futur medju.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 15.12.2022
Data tal-adozzjoni	28.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 –: 6 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Paola Ghidoni, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Camilla Laureti, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Elena Lizzi, Colm Markey, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Eugenia Rodríguez Palop, Daniela Rondinelli, Bronis Ropė, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Veronika Vrecionová, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Rosanna Conte, Pär Holmgren, Jan Huitema, Tom Vandenkendelaere

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

38	+
ECR	Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
ID	Rosanna Conte, Paola Ghidoni, Gilles Lebreton, Elena Lizzi
PPE	Asim Ademov, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Colm Markey, Marlene Mortler, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Tom Vandenkendelaere, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Jan Huitema, Ulrike Müller
S&D	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Camilla Laureti, Daniela Rondinelli
The Left	Luke Ming Flanagan, Eugenia Rodríguez Palop

6	-
ID	Ivan David
S&D	Maria Noichl
Verts/ALE	Benoît Biteau, Martin Häusling, Pär Holmgren, Bronis Ropė

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

29.6.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): João Albuquerque

(*) Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

A. billi l-politika komuni tas-sajd[1] (PKS) tirrikjedi li l-UE tippromwovi u tiżgura l-objettivi u l-prinċipji tal-politika fi kwalunkwe attività tas-sajd irrispettivament miż-żona ġeografika sabiex tipprovdi kundizzjonijiet ekwi għall-partijiet ikkonċernati tal-UE u mhux tal-UE; billi l-PKS tirrikjedi wkoll li l-UE tikkoopera internazzjonalment abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli u tiġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU);

B. billi l-Ħames Intestatura (Sajd) tat-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit[2] (FKK) tirrikonoxxi l-importanza tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi u l-ekosistemi tal-baħar abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, kif ukoll l-importanza tal-promozzjoni ta' attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura responsabbli u sostenibbli, il-governanza tajba tas-sajd u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi;

C. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE kellu impatt qawwi fuq il-flotta tas-sajd tal-UE, li rriżulta fit-telf tal-kwota, id-dekummissjonar tal-bastimenti, u t-tfixkil tal-kummerċ u tal-intrapriżi kummerċjali li ilhom stabbiliti;

D. billi ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit[3] ġiet stabbilita biex tipprovdi appoġġ għal

---

[1] Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).
[2] Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).
[3] Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

konsegwenzi negattivi li l-Istati Membri, ir-reġjuni u s-setturi esperjenzaw b'riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u b'hekk biex jittaffew l-impatti negattivi relatati fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; billi l-bidla fl-ishma tal-kwoti mill-UE għar-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni miftiehem fil-FKK se jkollha konsegwenzi ekonomiċi negattivi kbar għas-sajjieda tal-UE;

E. billi l-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd se jħejji strateġiji pluriennali ta' konservazzjoni u ġestjoni biex iservu bħala bażi għad-determinazzjoni tal-qabdiet totali permissibbli u miżuri oħra ta' ġestjoni, inkluż għal stokkijiet barra l-kwota u għad-definizzjoni tal-ġbir ta' data xjentifika għal skopijiet ta' ġestjoni tas-sajd, kif ukoll għall-kondiviżjoni ta' din id-data ma' korpi xjentifiċi biex ikunu jistgħu jipprovdu l-aqwa parir xjentifiku possibbli;

F. billi l-Protokoll dwar l-aċċess għall-ibħra, mehmuż mal-FKK bħala l-Anness 38, jipprevedi "perjodu ta' aġġustament", bejn l-1 ta' Jannar 2021 u t-30 ta' Ġunju 2026, li matulu kull parti għandha tagħti lill-bastimenti tal-parti l-oħra aċċess sħiħ għall-ibħra tagħha biex jistadu għall-ispeċijiet imsemmija fih; billi wara din id-data, l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd se jkun is-suġġett ta' negozjati annwali bejn l-UE u r-Renju Unit; jenfasizza l-ħtieġa għal ċarezza dwar il-perjodu ta' wara t-tranżizzjoni sabiex jinżamm l-investiment fis-settur;

G. billi d-dispożizzjonijiet relatati mal-enerġija tal-FKK huma applikabbli wkoll sat-30 ta' Ġunju 2026; billi madankollu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jestendihom sal-31 ta' Marzu 2027 u kull sena minn hemm 'il quddiem;

H. billi l-FKK inaqqas gradwalment is-sehem tal-opportunitajiet tas-sajd għall-flotta tal-UE fl-ilmijiet tar-Renju Unit b'25 % sal-2026, tnaqqis li se jaffettwa s-segmenti kollha tal-flotta tal-UE, b'mod partikolari s-sajd fuq skala żgħira;

1. Jirrimarka li l-impatt sħiħ tal-Brexit għadu mhux magħruf għalkollox, mhux l-inqas minħabba li l-implimentazzjoni sħiħa tal-FKK fir-rigward tas-sajd għadha għaddejja u se titlesta biss wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni fit-30 ta' Ġunju 2026; jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni leali tal-FKK, meta jitqies li l-kwistjonijiet għadhom qed jitfaċċaw; jaqbel mar-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li "għad fadal ċerti sfidi", bħall-implimentazzjoni tal-arranġamenti tal-kummerċ tal-elettriku u l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tad-dispożizzjonijiet dwar is-sajd;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd jinżamm wara t-30 ta' Ġunju 2026 u li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis ulterjuri tal-kwoti għas-sajjieda tal-UE; jitlob li l-iskambju tal-kwoti tas-sajd bejn il-partijiet jiġu ssimplifikati u ma jkunux ta' piż fuq is-settur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżomm kull mezz ta' negozjati mar-Renju Unit miftuħ sabiex jinstabu soluzzjonijiet stabbli u permanenti li jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet, jipprovdu kundizzjonijiet stabbli u prevedibbli għas-sajjieda u għas-settur tas-sajd kollu kemm hu u jkopru l-perjodu lil hinn mill-2026; ifakkar fil-perjodi ta' validità li jikkoinċidu tad-dispożizzjonijiet tal-FKK dwar l-enerġija u dwar l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd u jinnota r-rabta impliċita bejn dawn iż-żewġ oqsma settorjali fil-FKK;

3. Jinnota s-sitwazzjoni unika tal-Irlanda minħabba l-fruntiera tagħha mal-Irlanda ta' Fuq,

il-ftehim tal-viċinat għal aċċess reċiproku għaż-żona bejn 0 u 6 mil nawtiku u d-dipendenza storika tagħha fuq l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet tar-Renju Unit;

4. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-inċertezza maħluqa mill-klawżola ta' rieżami (l-Artikolu 510) taħt il-Ħames Intestatura (Sajd) tat-Tieni Parti tal-FKK, li se tiġi applikata erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha malajr, b'mod kostanti u trasparenti f'negozjati għal ftehim pluriennali għal wara l-2026 filwaqt li tiżgura l-istabbiltà, il-prevedibbiltà u l-vijabbiltà ekonomika tas-settur; jenfasizza li dan il-ftehim irid ikun marbut mar-rieżami ġenerali tal-FKK u ma jridx jippermetti aktar telf fi kwoti kondiviżi għall-UE; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li l-aspetti kollha tal-FKK jinżammu interkonnessi, b'mod partikolari li l-aċċess għas-suq uniku għar-Renju Unit jintrabat mad-dispożizzjonijiet dwar is-sajd tal-FKK;

5. Itenni li l-aċċess reċiproku u kontinwu għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd irid jitqies bħala parti ewlenija tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit u, għalhekk, irid jiġi indirizzat flimkien mal-għadd kbir ta' kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u l-aċċess għas-suq uniku; ifakkar lill-Kummissjoni li huwa essenzjali li jiġi żgurat li, mill-2026, il-FKK jiġi applikat b'mod stabbli u sostenibbli wara l-perjodu ta' tranżizzjoni;

6. Ifakkar li, jekk ir-Renju Unit jiddeċiedi li jillimita l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-UE għall-ilmijiet Brittaniċi fi tmiem il-perjodu ta' aġġustament, l-UE tkun tista' tieħu miżuri biex tipproteġi l-interessi tagħha; ifakkar li, f'konformità mal-FKK innifsu, dawn il-miżuri jinkludu l-istabbiliment mill-ġdid ta' tariffi jew kwoti fuq l-importazzjonijiet tal-ħut tar-Renju Unit u s-sospensjoni ta' partijiet oħra tal-FKK jekk ikun hemm riskju ta' diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji għall-komunitajiet tas-sajd tal-UE; jisħaq li, f'dan ir-rigward, l-UE għandha tikkunsidra li torbot partijiet speċifiċi oħra tal-FKK, bħall-aċċess tar-Renju Unit għas-suq tal-elettriku Ewropew, kif ukoll setturi rilevanti oħra fl-ambitu tal-FKK, mal-aċċess tal-UE għall-ilmijiet u r-riżorsi tas-sajd Brittaniċi;

7. Jisħaq li, sabiex jiġi żgurat li l-FKK ikun implimentat bis-sħiħ, għandhom jintużaw u jiġu sfruttati l-istrumenti legali rilevanti kollha, inklużi dawk relatati mal-aċċess għas-suq, kif ukoll il-miżuri kumpensatorji u ta' rispons u l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim kollha previsti mill-FKK;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-użu tal-fondi b'pass aktar mgħaġġel u fil-livell sħiħ tagħhom fl-ambitu tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-promozzjoni u l-appoġġ tas-settur tas-sajd u l-komunitajiet kostali affettwati u biex jiġi kkumpensat it-telf imġarrab mill-flotot kollha, inklużi dawk fuq skala żgħira; jiddispjaċih li r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit mhix qed tintuża biex tgħin lis-setturi tal-bejgħ bl-ingrossa u tal-ipproċessar, li ntlaqtu ħażin minn din il-kriżi;

9. Jistieden lir-Renju Unit joqgħod lura milli jadotta kwalunkwe miżura teknika unilaterali diskriminatorja; itenni li l-FKK jipprevedi li l-miżuri tekniċi għandhom ikunu proporzjonati, għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku, għandhom japplikaw bl-istess mod għall-bastimenti taż-żewġ partijiet u għandhom jiġu nnotifikati minn qabel; jisħaq fuq ir-rwol tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd fit-tfittxija ta' approċċ komuni dwar il-miżuri tekniċi u fid-diskussjonijiet dwar kwalunkwe miżura li parti waħda tista' tagħti avviż dwarha lill-oħra; ifakkar li l-FKK jobbliga lil kull parti

tiġġustifika b'mod preċiż in-natura nondiskriminatorja ta' kwalunkwe miżura f'dan il-qasam u l-ħtieġa li tiġi żgurata sostenibbiltà ambjentali fit-tul, abbażi ta' data xjentifikament verifikabbli; itenni li huwa mixtieq ħafna li r-Renju Unit iżomm kemm jista' jkun mill-qrib mar-regoli tal-UE; jisħaq li għandu jkun hemm aktar koordinazzjoni mal-UE dwar dan u li għandu jkun hemm proċeduri xierqa għan-notifika u l-parteċipazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tkun partikolarment viġilanti dwar jekk hemmx konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet u tirreaġixxi bil-qawwa jekk ir-Renju Unit jaġixxi b'mod diskriminatorju;

10. Jenfasizza, b'mod partikolari, li d-deżinjazzjoni taż-żoni protetti tal-baħar trid tkun nondiskriminatorja, ibbażata fuq ix-xjenza u proporzjonata; jenfasizza li ż-żoni protetti tal-baħar għandhom jiġu stabbiliti b'objettivi ta' konservazzjoni definiti sew u ma għandhomx jintużaw bħala għodda biex jiġi ristrett l-aċċess barrani għall-ibħra; jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, dwar l-approċċ unilaterali li ħa r-Renju Unit fir-rigward tad-deżinjazzjoni ta' żoni b'restrizzjonijiet għas-sajd madwar Dogger Bank u l-fatt li r-Renju Unit qed jippjana li juża dawn iż-żoni għal attivitajiet ekonomiċi oħra;

11. Jopponi d-deċiżjonijiet kollha meħuda unilateralment li jistabbilixxu opportunitajiet tas-sajd li jiksru d-dritt internazzjonali jew li jmorru kontra l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u b'hekk ipoġġu f'dubju l-kredibbiltà tal-ftehimiet internazzjonali u jimminaw is-sostenibbiltà tal-isfruttament tar-riżorsi kondiviżi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa u proporzjonata biex issolvi t-tilwim mal-partijiet internazzjonali kkonċernati u biex tiżgura konformità mal-obbligi internazzjonali;

12. Ifakkar li l-Brexit biddel ir-relazzjonijiet fost il-pajjiżi tal-Atlantiku tat-Tramuntana; jemmen li l-Brexit ma għandux jintuża biex tiġi mmanipulata d-distribuzzjoni tal-kwoti fil-Ftehimiet tat-Tramuntana; jinsisti li d-distribuzzjoni storika tal-opportunitajiet tas-sajd, dejjem stabbilita abbażi tal-aħjar data u pariri xjentifiċi disponibbli, għandha tiġi rispettata; jistieden lill-Kummissjoni ssib arranġamenti ta' ġestjoni tas-sajd stabbli u fit-tul mal-kontropartijiet tagħha fil-Grigal tal-Atlantiku;

13. Jesprimi tħassib dwar il-liċenzjar ta' bastimenti tal-UE; jinnota li l-bastimenti ta' inqas minn 12-il metru kienu fost dawk l-aktar milquta minn dewmien fl-għoti ta' liċenzji tas-sajd jew minn liċenzji rrifjutati, minħabba l-fatt li ħafna minnhom ma kinux mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti matul il-perjodu kollu ta' referenza; jiddispjaċih li l-FKK ma qiesx ir-regoli fis-seħħ dwar is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti skont ir-regolamenti tal-UE li jorbtu wkoll lir-Renju Unit qabel il-Brexit; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tasal għal ftehim dwar il-kwistjonijiet ta' liċenzjar mhux solvuti, inkluż il-livell ta' aċċess għal bastimenti tas-sajd liċenzjati fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tad-Dipendenzi tal-Kuruna, u biex flimkien mar-Renju Unit tiżviluppa sistema ta' liċenzjar futura li taħdem fil-prattika;

14. Jinnota li l-kwistjonijiet dwar il-liċenzjar tal-bastimenti tal-UE għandhom impatt kbir fuq is-sajjieda fuq skala żgħira, speċjalment dawk mit-Tramuntana ta' Franza u min-Normandija, peress li dawn il-bastimenti ma jistgħux ibiddlu ż-żoni tas-sajd tagħhom;

15. Iħeġġeġ lill-partijiet tal-FKK isaħħu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu sajd sostenibbli u governanza tajba tas-sajd fuq livell internazzjonali, billi jippromwovu l-

istabbiliment ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, tikkoopera mal-awtoritajiet Brittaniċi u mal-partijiet l-oħra involuti fl-istabbiliment ta' organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Atlantiku;

16. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt tal-ispostament tal-isforz tas-sajd wara l-implimentazzjoni tal-FKK, speċjalment fil-Kanal Ingliż; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi pjan ta' ġestjoni reġjonali għall-Kanal Ingliż u għall-Baħar tat-Tramuntana biex jittaffa dan l-impatt u jiġi evitat is-sajd eċċessiv;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li d-deċiżjonijiet kollha meħuda fl-ambitu tal-FKK jirrispettaw il-prerogattivi tal-istituzzjonijiet differenti u jsegwu l-proċessi leġiżlattivi xierqa, b'mod partikolari d-deċiżjonijiet li jinvolvu miżuri tekniċi;

18. Jilqa' l-fatt li kemm l-UE kif ukoll ir-Renju Unit huma membri tal-Alleanza ta' Azzjoni dwar is-Sajd IUU, stabbilita f'Ġunju 2022 biex trawwem l-ambizzjoni u l-azzjoni fil-ġlieda kontra s-sajd IUU fil-livell internazzjonali;

19. Ifakkar li l-FKK jippermetti lill-partijiet tiegħu jikkonsultaw mas-soċjetà ċivili; jitlob għalhekk li r-rappreżentanti tas-settur tas-sajd, l-awtoritajiet reġjonali, il-komunitajiet kostali u partijiet ikkonċernati oħra jkunu involuti b'mod attiv fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-FKK; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għal dak il-għan, tippromwovi l-istabbiliment ta' grupp konsultattiv intern domestiku dwar is-sajd, mingħajr preġudizzju għall-kunsilli konsultattivi eżistenti;

20. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tħaddan ir-rwol tagħha bħala r-rappreżentant tal-UE fin-negozjati ma' pajjiżi mhux tal-UE, sabiex tkun tista' tipproponi mudelli ta' ġestjoni parteċipattiva msaħħa u ġestjoni konġunta f'sitwazzjonijiet transfruntiera ma' pajjiżi mhux tal-UE;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ħidma tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd tkun trasparenti u li l-Parlament ikun aġġornat regolarment dwar din il-ħidma u d-deċiżjonijiet meħuda; jitlob, kif mitlub preċedentement mill-Parlament[4], li rappreżentanti tekniċi mill-Kumitat għas-Sajd ikunu mistiedna jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd bħala osservaturi.

[4] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-futur tas-sajd fil-Kanal Ingliż, fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Irlandiż u fl-Oċean Atlantiku fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE (ĠU C 434, 15.11.2022, p. 2)

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 15.12.2022
Data tal-adozzjoni	27.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, João Albuquerque, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Rosanna Conte, Francisco Guerreiro, Niclas Herbst, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, João Pimenta Lopes, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Annie Schreijer-Pierik, Marc Tarabella, Peter van Dalen, Theodoros Zagorakis
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Luke Ming Flanagan, Ska Keller, Gabriel Mato, Grace O'Sullivan, Nikos Papandreou, Raffaele Stancanelli, Annalisa Tardino
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Fabienne Keller

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

25	+
ECR	Bert-Jan Ruissen, Raffaele Stancanelli
ID	Rosanna Conte, France Jamet
NI	Marc Tarabella
PPE	Maria da Graça Carvalho, Peter van Dalen, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Annie Schreijer-Pierik, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Pierre Karleskind, Fabienne Keller
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Isabel Carvalhais, Predrag Fred Matić, Nikos Papandreou
Verts/ALE	Francisco Guerreiro, Ska Keller, Grace O’Sullivan, Caroline Roose

0	-

1	0
The Left	João Pimenta Lopes

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

7.9.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta’ implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Laurence Farreng

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta’ Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jitlob lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

A. billi s-setturi kulturali u kreattivi mhumiex inklużi fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK);

B. billi l-FKK isemmi t-terminu “edukazzjoni” biss fir-rigward taċ-ċibersigurtà u l-ħtieġa li ċ-ċittadini jiġu edukati dwar sfidi relatati;

C. billi l-libertà tal-moviment hija valur Ewropew ewlieni u waħda mil-libertajiet fundamentali minquxa fit-Trattati Ewropej; billi l-libertà tal-moviment bejn ir-Renju Unit u l-UE ma għadhiex disponibbli għaċ-ċittadini tar-Renju Unit u tal-UE mill-Brexit; billi ċ-ċittadini tal-UE jistgħu joqogħdu fir-Renju Unit mingħajr viża sa sitt xhur fis-sena u ċ-ċittadini tar-Renju Unit jistgħu jibqgħu fl-UE sa 90 jum f’perjodu ta’ 180 jum;

D. billi r-Renju Unit iddeċieda unilateralment li ma jkunx parti mill-programm Erasmus+ 2021-2027, li jkopri s-setturi tal-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-isport; billi l-istituzzjonijiet tar-Renju Unit xorta jistgħu jkunu assoċjati mal-attivitajiet Erasmus Mundus u Jean Monnet;

E. billi Erasmus+ mhuwiex biss programm ta’ mobbiltà, iżda għodda b’saħħitha għall-iskambju tal-għarfien, it-trawwim tal-kooperazzjoni akkademika, l-appoġġ għall-iżvilupp individwali, il-ħolqien ta’ rabtiet b’saħħithom u dejjiema u l-promozzjoni tal-fehim bejn persuni minn sfondi kulturali differenti, istituzzjonijiet u l-membri tagħhom, kif ukoll firxa wiesgħa ta’ partijiet ikkonċernati u l-organizzazzjonijiet u n-networks tagħhom, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta’ politiki u prattiki;

F. billi r-Renju Unit għażel li ma jassoċjax mal-programm Orizzont Ewropa 2021-2027, li jkopri r-riċerka u l-innovazzjoni; billi l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jħalli miftuħa l-possibbiltà li r-Renju Unit jipparteċipa f’Orizzont Ewropa;

G. billi r-Renju Unit kien wieħed mid-destinazzjonijiet l-aktar popolari għall-parteċipanti ta' Erasmus+ sar-referendum dwar il-Brexit;

H. billi pajjiżi mhux tal-UE jistgħu jingħaqdu ma' Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà bħala pajjiżi membri jew assoċjati;

I. billi, bħala konsegwenza tal-Brexit, iċ-ċittadini tal-UE li jistudjaw fir-Renju Unit ma jistgħux jibbenifikaw aktar minn "miżati tad-dar", iżda jridu jħallsu miżati ogħla għall-istudenti internazzjonali, u li dan jagħmilha għalja mmens għall-maġġoranza l-kbira tagħhom, u jippenalizza speċjalment lill-istudenti żagħżagħ bi sfond żvantaġġat soċjalment;

J. billi l-iskambji taż-żgħażagħ u tal-iskejjel ġew affettwati serjament mill-Brexit; billi riċerka mwettqa minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-industrija tal-ivvjaġġar sabet li n-numru ta' studenti mibgħuta fir-Renju Unit minn operaturi Ewropej li jorganizzaw vjaġġi tal-iskola u vjaġġi oħra ta' grupp edukattivi, kulturali jew relatati mal-isport kien 83 % inqas fl-2022 milli fl-2019, l-aħħar sena ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19 qabel ma daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni[1];

K. billi r-Renju Unit iddeċieda li ma jkunx parti mill-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES) 2021-2027, li jkopri l-volontarjat u l-impenn taż-żgħażagħ;

L. billi r-Renju Unit għażel li ma jkunx parti mill-programm Ewropa Kreattiva 2021-2027, li jkopri s-setturi kulturali u kreattivi;

M. billi kważi wieħed minn kull żewġ proġetti ta' Ewropa Kreattiva kellhom mill-inqas sieħeb Brittaniku wieħed fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020[2];

N. billi l-libertà tal-moviment kienet ta' benefiċċju għas-segmenti kollha tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż is-settur awdjoviżiv, il-festivals, il-kumpaniji tal-ġiti turistiċi, il-baned, l-orkestri, il-kumpaniji taż-żfin u tat-teatru, kemm mill-UE kif ukoll mir-Renju Unit;

O. billi r-Renju Unit għadu parti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Transfruntieri, u xogħlijiet awdjoviżivi li joriġinaw fir-Renju Unit huma meqjusa bħala "xogħlijiet Ewropej" għall-finijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva[3] f'konformità mal-Artikolu 1(1), punt (n) u paragrafu 3; billi r-Renju Unit implimenta l-AVMSD matul il-perjodu ta' tranżizzjoni peress li din il-leġiżlazzjoni kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE miżmum;

P. billi l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni japplika eċċezzjoni kulturali, li

[1] House of Lords - Kumitat għall-Affarijiet Ewropej, The future UK-EU relationship - *Fourth Report of Session 2022-23* [Ir-relazzjoni futura bejn ir-Renju Unit u l-UE - Ir-Raba' Rapport tas-Sessjoni 2022-23], id-29 ta' April 2023.

[2] House of Commons - Kumitat Diġitali, Kultura, Media u Sport, *The potential impact of Brexit on the creative industries, tourism and the digital single market - Second Report of Session 2017-19* [L-impatt potenzjali tal-Brexit fuq l-industriji kreattivi, it-turiżmu u s-suq uniku diġitali - It-Tieni Rapport tas-Sessjoni 2017–19],il-25 ta' Jannar 2018.

[3] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

teskludi s-servizzi awdjoviżivi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha;

Q. billi l-ftehim ta' Windsor huwa pass sinifikanti lejn it-taffija tar-relazzjonijiet bejn ir-Renju Unit u l-UE u ħoloq kuntest li fih jistgħu jiġu esplorati opportunitajiet għal aktar kooperazzjoni;

R. billi r-Renju Unit u l-UE jaqsmu ħafna mill-istess valuri fl-oqsma tal-kultura u l-edukazzjoni, notevolment il-libertà tal-akkademja u l-libertà tal-arti;

S. billi l-gwerra fl-Ukrajna wriet li r-Renju Unit għadu konness b'mod qawwi mal-UE, b'rabtiet storiċi, ġeografiċi u kulturali ċari;

Rimarki ġenerali

1. Jiddispjaċih ħafna dwar id-deċiżjoni unilaterali u politika tal-Gvern tar-Renju Unit li ma jipparteċipax fil-programmi Erasmus+, Ewropa Kreattiva u dak tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, minkejja l-ftuħ muri mit-tim tan-negozjar tal-UE; huwa konvint li din id-deċiżjoni se jkollha eżitu żvantaġġuż għal kulħadd, billi ċċaħħad lin-nies u lill-organizzazzjonijiet fl-UE u fir-Renju Unit minn opportunitajiet li jbiddlulhom ħajjithom bis-saħħa ta' proġetti ta' skambju u kooperazzjoni;

2. Jinnota li bosta partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni, il-kultura u ż-żgħażagħ, kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit, qed jitolbu li r-Renju Unit ikun assoċjat għal darb'oħra mal-programmi Erasmus+, Ewropa Kreattiva, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u Orizzont Ewropa; jitlob li l-kwistjoni tiġi indirizzata f'kuntesti politiċi differenti u li jiġu esplorati soluzzjonijiet prattiċi u intermedjarji biex jiġi mmitigat it-telf ta' opportunitajiet; jissottolinja li, jekk ir-Renju Unit jixtieq jassoċja ruħu mill-ġdid mal-programmi tal-UE, il-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu għandha tkun ġusta u tiżgura l-inklużività u d-diversità tal-parteċipanti fil-programmi;

3. Jirrikonoxxi l-burokrazija eċċessiva maħluqa mill-irtirar tar-Renju Unit mill-UE; jinnota bi tħassib l-inċertezzi u d-diffikultajiet maħluqa għall-istudenti, l-għalliema, l-artisti u l-professjonisti kulturali lesti li jitgħallmu, jgħallmu, iwettqu u jaħdmu fir-Renju Unit, b'mod partikolari n-nuqqas ta' informazzjoni disponibbli dwar ir-rekwiżiti amministrattivi, u l-piż amministrattiv bla preċedent fuq ir-Renju Unit u il-konsulati u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri;

4. Jinnota b'sodisfazzjon li bosta istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni, taż-żgħażagħ u kulturali tal-UE u tar-Renju Unit żammew ir-relazzjonijiet tagħhom fuq bażi bilaterali minkejja n-nuqqas ta' finanzjament u ż-żieda fil-piż amministrattiv u fl-ostakli; jinsab imħasseb li mhux l-organizzazzjonijiet kollha jistgħu jaffordjaw ir-riżorsi umani addizzjonali meħtieġa biex iżommu jew isegwu dawk il-konnessjonijiet;

Edukazzjoni

5. Jissottolinja l-benefiċċji sinifikanti tal-programm Erasmus+ mhux biss għall-istudenti tal-edukazzjoni għolja, għall-istudenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), l-istudenti adulti u ż-żgħażagħ, iżda wkoll għall-għalliema, l-akkademiċi, ir-riċerkaturi, il-persunal amministrattiv u ġeneralment għall-istituzzjonijiet edukattivi u s-soċjetà kollha kemm hi, benefiċċji ma jistgħux jitkejlu skont id-daqs tal-pakkett finanzjarju

taghhom;

6. Jiddispjaċih għall-viżjoni dejqa fl-approċċ tal-"valur għall-flus" adottat mill-Gvern tar-Renju Unit fir-rigward tal-Erasmus+, li tinjora l-benefiċċji numerużi f'termini ta' skambju ta' għarfien u ħiliet trasferibbli għall-istudenti, l-għalliema u l-persunal amministrattiv, il-kontribut tal-programm għad-diversità fil-kampusijiet u fl-istituzzjonijiet edukattivi, iż-żieda fil-fehim reċiproku, it-tnaqqis fil-ġudizzju u d-diskriminazzjoni, l-esponiment tal-istudenti u l-għalliema tar-Renju Unit għal sħabhom l-Ewropej, u l-kontribut tiegħu għat-twessigħ tal-prospetti u l-opportunitajiet tal-parteċipanti tiegħu, kif ukoll it-titjib tal-impjegabbiltà tagħhom;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rimarki li saru mill-Ministru għall-Ewropa Leo Docherty li jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni f'Erasmus+ kienet "ta' benefiċċju kbir" għar-Renju Unit[4];

8. Jinnota li fi żmien ir-referendum tal-UE fl-2016, daqs 5 % tal-istudenti fir-Renju Unit kienu ċittadini tal-UE mis-27 Stat Membru l-oħra[5], li jagħmluhom parti importanti mill-korp totali ta' studenti barranin fir-Renju Unit;

9. Jinnota li xi proġetti Erasmus+ mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, li fih kienu qed jipparteċipaw organizzazzjonijiet tar-Renju Unit, kienu għadhom għaddejjin f'Mejju 2023, li jagħmilha diffiċli biex jiġi vvalutat sew l-impatt sħiħ tal-irtirar tar-Renju Unit mill-programm Erasmus+;

10. Jinnota l-ħolqien tal-iskema Turing mill-Gvern tar-Renju Unit; madankollu, jiddispjaċih għall-fatt li dan il-programm ikopri biss il-mobbiltà tal-istudenti li joħorġu, u ma jkoprix is-setturi taż-żgħażagħ u tal-isport[6]; jinnota li l-iskema Turing, li tapplika l-approċċ "valur għall-flus" tal-Gvern tar-Renju Unit, għalhekk ma tistax titqies bħala sostituzzjoni ekwivalenti għal Erasmus+; jissottolinja l-importanza tal-mobbiltà tal-persunal li bħalissa mhijiex koperta mill-iskema Turing;

11. Jirrikonoxxi li t-tħassib espress mill-partijiet ikkonċernati tar-Renju Unit dwar l-operat tal-iskema Turing meta mqabbel mal-programm Erasmus+, jinkludi n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jappoġġjaw il-mobbiltà tal-persunal, finanzjament limitat għal skambji mhux universitarji u l-ħtieġa li jerġgħu jiġu sottomessi offerti ta' finanzjament fuq bażi annwali[7];

12. Jilqa' l-possibbiltà l-ġdida għall-benefiċjarji tal-għotjiet għall-mobbiltà tal-Erasmus+ biex jiddedikaw 20 % tal-finanzjament tal-għotjiet għall-mobbiltà internazzjonali li ħerġin barra mit-33 pajjiż tal-programm Erasmus+; jinnota madankollu, li din il-parti ma tistax tkun iddedikata għal kollox għal pajjiż sieħeb speċifiku, u ma tissostitwixxix l-opportunitajiet mitlufa kawża tal-irtirar tar-Renju Unit mill-programm Erasmus+;

---

[4] House of Lords - Kumitat għall-Affarijiet Ewropej, *Corrected oral evidence:The future UK-EU relationship*, is-7 ta' Marzu 2023.
[5] Corbett, A. u Hantrais, L., *Higher education and research in the Brexit policy process*, 2023.
[6] Gvern tar-Renju Unit, Sit web tal-iskema Turing.
[7] House of Lords - Kumitat għall-Affarijiet Ewropej, *The future UK-EU relationship - Fourth Report of Session 2022-23* [Ir-relazzjoni futura bejn ir-Renju Unit u l-UE - Ir-Raba' Rapport tas-Sessjoni 2022-23], id-29 ta' April 2023.

13. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-programm Taith mill-Gvern ta' Wales, li jkopri kemm il-mobbiltà dieħla kif ukoll dik ħierġa; jinnota li dan il-programm, bħall-iskema Turing, ma jkoprix is-settur tal-isport, iżda fil-fatt jappoġġja l-azzjonijiet ta' mobbiltà għat-timijiet tal-isport;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol li qed isir bħalissa mill-Gvern Skoċċiż biex jinħoloq programm simili, li jkopri kemm il-mobbiltà dieħla kif ukoll dik ħierġa; jistieden lill-Gvern Skoċċiż jikkunsidra li jkopri, permezz tal-programm tiegħu, l-istess oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport bħal Erasmus+;

15. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvern Irlandiż li jiffinanzja l-mobbiltà ta' Erasmus+ għal studenti minn universitajiet fl-Irlanda ta' Fuq, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, billi jiġu rreġistrati f'universitajiet Irlandiżi għat-tul tal-iskambju tagħhom; jieħu nota tax-xogħol li qed isir bħalissa mill-Gvern Irlandiż biex jiżviluppa skema simili għall-istudenti tal-VET;

16. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' studenti tal-UE li jistudjaw fl-universitajiet tar-Renju Unit, li naqas sa 50 % fil-każ tal-istudenti tal-ewwel sena bejn l-2020-2021 u l-2021-2022, b'kuntrast man-numri ta' studenti minn reġjuni oħra[8]; jissottolinja li din is-sitwazzjoni hija marbuta b'mod ċar mal-irtirar tar-Renju Unit mill-programm Erasmus+, it-tmiem tar-regoli ta' trattament ugwali għall-miżati għat-tagħlim u l-boroż ta' studju għall-istudenti tal-UE u d-diffikultà biex tinkiseb viża għall-istudenti; jinnota li l-istudenti Ewropej ikkontribwew għad-diversità f'firxa wiesgħa ta' suġġetti, filwaqt li studenti internazzjonali mhux tal-UE għandhom tendenza li jkunu aktar ikkonċentrati f'oqsma partikolari ta' suġġetti bħall-inġinerija u n-negozju; jinnota li l-universitajiet tar-Renju Unit jilqgħu għadd dejjem jikber ta' studenti barranin, notevolment miċ-Ċina u l-Indja[9, 10], u li dan jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja tagħhom;

17. Jinnota li ħafna universitajiet tar-Renju Unit jistgħu jitqiesu fost l-aħjar fid-dinja[11]; jinnota li t-tmiem tal-proġetti ta' kooperazzjoni bejn dawn l-universitajiet u l-universitajiet tal-UE huwa ta' detriment għar-riċerka u l-eċċellenza akkademika fl-Ewropa;

18. Jinnota li 11-il università tar-Renju Unit huma sħab f'alleanzi fuq inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej; jiddispjaċih għall-fatt li l-parteċipazzjoni tagħhom se tintemm meta jiskadu l-alleanzi tal-ewwel ġenerazzjoni (fl-aħħar tal-2024); jinnota li l-universitajiet tar-Renju Unit jistgħu jkunu parti mill-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, iżda ma jistgħux jibqgħu jiġu inklużi fl-istruttura ta' governanza, u li fil-fatt tgħaddihom għall-istatus ta' sieħeb tat-tieni klassi; iħeġġeġ is-sħubija kontinwa tagħhom permezz tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej;

19. Jinnota li s-sħubijiet numerużi li l-universitajiet tar-Renju Unit kellhom mal-

[8] Higher Education Statistics Agency (HESA), *Chart 6 - First year non-UK domiciled students by domicile 2006/07 to 2021/22* [Ċart 6 - Studenti tal-ewwel sena mhux domiċiljati fir-Renju Unit skont id-domiċilju 2006/07 sa 2021/22], 2023.
[9] HESA, *Where do HE students come from?* [Minn fejn ġejjin l-istudenti ta' Edukazzjoni Għolja?], 2023.
[10] Rapport tal-Kumitat tal-Intelligence u s-Sigurtà tal-Parlament tar-Renju Unit dwar iċ-Ċina.
[11] L-elenkar tat-Times Higher Education World Education għall-2023.

kontropartijiet tagħhom tal-UE permezz tal-programm Erasmus+ iridu jiġu negozjati mill-ġdid bilateralment wieħed wieħed, u dan joħloq ir-riskju li jiġu esklużi xi universitajiet iżgħar;

20. Jesprimi tħassib dwar l-effetti negattivi tas-sitwazzjoni attwali fuq kwistjonijiet relatati mas-sovranità Ewropea, peress li l-pajjiżi Ewropej kollha, kemm jekk jappartjenu għall-blokk tal-UE jew le, iridu jkunu jistgħu jikkompetu, partikolarment maċ-Ċina u l-Istati Uniti, f'oqsma strateġiċi bħall-innovazzjoni industrijali, id-diġitalizzazzjoni, is-soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa u l-kapaċitajiet spazjali; itenni li l-kooperazzjoni fir-riċerka bejn l-universitajiet fl-Ewropa, speċjalment fl-oqsma tax-xjenza u l-innovazzjoni, hija strumentali f'dan ir-rigward;

21. Jinnota li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jippermetti lir-Renju Unit li jagħżel li jipparteċipa fil-programm Orizzont Ewropa; ifakkar li kemm l-edukazzjoni kif ukoll ir-riċerka huma partijiet integrali tal-kooperazzjoni akkademika u li s-sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u Erasmus+ jirrappreżentaw dimensjoni ċentrali tal-ġenerazzjoni ta' programmi 2021-2027; iħeġġeġ li l-programmi Erasmus+ u Orizzont Ewropa jitqiesu bħala pakkett;

22. Jenfasizza li l-pajjiżi ġirien kollha interessati u li jaħsbuha l-istess, inkluż ir-Renju Unit, huma mistiedna li jfittxu assoċjazzjoni mal-programm Erasmus+ u b'hekk jikkontribwixxu għas-sistemi edukattivi Ewropej; jiddispjaċih li r-Renju Unit mhuwiex se jipparteċipa fl-inizjattivi u fil-miżuri maħsuba biex sal-2025 tinħoloq Żona Ewropea tal-Edukazzjoni vera u proprja, u b'hekk tkompli tonqos il-kooperazzjoni;

23. Ifakkar li d-Direttiva 2005/36/KE[12] dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali ma għadhiex tapplika għar-Renju Unit u jiddispjaċih li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni ma jikkontemplax dispożizzjonijiet biex jippermetti r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali; iħeġġeġ lir-Renju Unit u lill-Kummissjoni jkomplu d-djalogu tagħhom bil-għan li jistabbilixxu qafas effikaċi għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali; itenni li r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali huwa ta' benefiċċju kemm għar-Renju Unit kif ukoll għall-UE;

24. Jissottolinja li r-Renju Unit qed ikompli jipparteċipa fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja ("proċess ta' Bolonja"); iħeġġeġ lir-Renju Unit, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu bil-ħidma tagħhom lejn rikonoxximent reċiproku sħiħ tal-kwalifiki akkademiċi;

Kultura

25. Ifakkar fl-importanza tal-industriji kulturali fir-Renju Unit, li kkontribwew GBP 109 biljun għall-ekonomija tar-Renju Unit fl-2021 (jiġifieri daqs 5.6 % tal-ekonomija tar-Renju Unit), b'wieħed minn kull 11-il impjieg ikun fl-ekonomija kreattiva[13]; jinnota li s-setturi u l-industriji kulturali huma kkunsidrati bħala element

[12] Id-Direttiva 2005/36/KE tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

[13] Il-Federazzjoni tal-Industriji Kreattivi, *Brexit Report:The impact of leaving the EU on the UK's arts, creative industries and cultural education - and what should be done* [Rapport dwar Brexit: L-impatt tat-tluq mill-UE fuq l-arti, l-industriji kreattivi u l-edukazzjoni kulturali tar-Renju Unit - u x'għandu jsir], 2016.

ċentrali tas-"setgħa ta' persważjoni" tar-Renju Unit u influwenza globali usa'[14]; jissottolinja l-valur inerenti tal-kultura, li tippromwovi l-arrikkiment tas-soċjetajiet u tqarreb lin-nies lejn xulxin;

26. Jissottolinja li 96 % tal-artisti Brittaniċi kienu kontra l-irtirar tar-Renju Unit mill-UE[15];

27. Jiddispjaċih ħafna għan-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni marbuta mal-kultura u s-setturi kulturali u kreattivi fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li jagħmilha de facto "Brexit ta' Ebda Ftehim" kemm għall-artisti tal-UE u tar-Renju Unit kif ukoll għas-settur kulturali kollu;

28. Jinnota li l-programm Ewropa Kreattiva ma ġiex sostitwit minn xi programm ieħor iddedikat għall-kultura biex jappoġġja l-artisti fir-Renju Unit;

29. Iħeġġeġ it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-artisti tal-UE u tar-Renju Unit u professjonisti oħra fis-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi, kif ukoll is-salvagwardja tad-drittijiet tax-xogħol tagħhom; jinnota li bosta organizzazzjonijiet kulturali tar-Renju Unit baqgħu konnessi wara l-Brexit permezz tas-sħubijiet tagħhom man-networks kulturali, l-assoċjazzjonijiet professjonali u l-federazzjonijiet kummerċjali Ewropej; jesprimi tħassib li fit-terminu medju s-sostenibbiltà ta' dawn ir-relazzjonijiet hija f'riskju kbir u li l-effetti negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-programm Ewropa Kreattiva se jiżdiedu;

30. Huwa mħasseb bil-burokrazija eċċessiva maħluqa mill-irtirar tar-Renju Unit mill-UE għall-artisti tar-Renju Unit li jridu jagħmlu tours fl-UE u l-artisti Ewropej li jridu jagħmlu tours fir-Renju Unit, kif muri mill-ostakli amministrattivi maħluqa mill-applikazzjoni tar-Regolamenti tas-CITES għall-artisti li jivvjaġġaw bi strumenti mużikali li fihom elementi ta' speċijiet protetti; jitlob li jinħolqu mekkaniżmi ddedikati biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-artisti u jitnaqqas il-piż burokratiku tagħhom;

31. Jinnota li l-pletora ta' regoli ta' migrazzjoni, inklużi sistemi differenti ta' viża u permessi tax-xogħol f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE, kif ukoll regoli tad-dwana u tal-VAT għall-merchandising, regoli dwar kabotaġġ u kummerċ transfruntier għal trasportaturi speċjalizzati li jittrasportaw merkanzija u dekorazzjoni tal-palk bejn ir-Renju Unit u l-UE, qed jagħmluha diffiċli u għalja għall-artisti emerġenti u indipendenti tar-Renju Unit li jagħmlu tours fl-UE jew jipparteċipaw f'festivals Ewropej; jinnota li l-artisti tal-UE huma affettwati wkoll minn kwistjonijiet simili meta jkunu qed jagħmlu tours fir-Renju Unit; Jisħaq li s-simplifikazzjoni tal-arranġamenti tal-viża u tax-xogħol hija fl-interess tas-setturi kulturali u kreattivi kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit u jħeġġeġ liż-żewġ partijiet sabiex jintlaħaq ftehim; jemmen li dawn l-arranġamenti tal-viża u tax-xogħol jenħtieġ li jkunu parti minn qafas futur tal-UE għall-artisti u l-professjonisti kulturali;

33. Jinnota t-tħassib espress minn xi partijiet ikkonċernati Brittaniċi mis-settur kulturali dwar l-ambjent regolatorju futur għas-servizzi kulturali u tal-media fir-Renju Unit u ż-

[14] House of Commons - Kumitat Diġitali, Kultura, Media u Sport, *The potential impact of Brexit on the creative industries, tourism and the digital single market - Second Report of Session 2017-19* [L-impatt potenzjali tal-Brexit fuq l-industriji kreattivi, it-turiżmu u s-suq uniku diġitali - It-Tieni Rapport tas-Sessjoni 2017–19], il-25 ta' Jannar 2018.
[15] Il-Federazzjoni tal-Industriji Kreattivi, op. cit.

żarmar tal-*acquis* tal-Unjoni f'dan il-qasam ta' politika;

34. Jiddispjaċih li l-għadd ta' ċittadini tal-UE li jaħdmu fis-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi fir-Renju Unit naqas mill-Brexit[16];

Żgħażagħ

35. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni relatata maż-żgħażagħ, l-iskambji taż-żgħażagħ u l-proġetti fil-FKK;

36. Jisħaq fuq l-importanza ta' proġetti internazzjonali taż-żgħażagħ u l-volontarjat, peress li dawn jippermettu liż-żgħażagħ iwessgħu l-orizzonti tagħhom, filwaqt li joħolqu aptit biex jiskopru kulturi oħra li għandhom benefiċċji tul il-ħajja;

37. Jinsab imħasseb li kważi l-ebda wieħed mill-proġetti taż-żgħażagħ, li qabel kienu ffinanzjati mill-programm Erasmus+ u mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u li jinvolvi tfal fl-età tal-iskola, mhu qed jiġi ffinanzjat permezz tal-iskema Turing tal-Gvern tar-Renju Unit bħalissa;

38. Jinnota b'dispjaċir in-nuqqas ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw speċifikament liż-żgħażagħ fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Renju Unit magħżula biex jipparteċipaw fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-FKK;

39. Jinnota li l-vjaġġi tal-iskola u l-mobbiltà taż-żgħażagħ huma mxekkla bir-regoli l-ġodda dwar il-migrazzjoni, il-ħtieġa li l-iskejjel iħallsu għal viża għal kull student; jitlob għaldaqstant lill-Gvern tar-Renju Unit u lill-Istati Membri biex joħolqu skema ta' vvjaġġar ta' gruppi taż-żgħażagħ għal żgħażagħ taħt it-18-il sena;

40. Jinnota li l-industrija tal-"au pair" ġiet affettwata serjament mill-Brexit u mir-regoli l-ġodda tar-Renju Unit dwar l-immigrazzjoni[17, 18];; jiddispjaċih li l-au pairs mill-UE ma jistgħux jibbenefikaw mill-viża tal-Iskema ta' Mobbiltà taż-Żgħażagħ bħalma jistgħu jagħmlu l-au pairs minn pajjiżi magħżula barra mill-UE[19]; jissottolinja t-telf li dan jirrappreżenta f'termini ta' ħiliet u skambji kulturali u lingwistiċi għat-tfal żgħażagħ Ewropej u tar-Renju Unit;

41. Jenfasizza li l-pajjiżi ġirien kollha interessati u li jaħsbuha l-istess, inkluż ir-Renju Unit, huma mistiedna li jfittxu assoċjazzjoni mal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li jrawwem l-opportunitajiet għall-volontarjat u l-kollaborazzjoni fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa;

L-isport

[16] The Compendium of Cultural Policies (Il-Kompendju tal-Politiki Kulturali), l-Uffiċċju għall-Istatistika Nazzjonali tar-Renju Unit.
[17] https://www.bloomberg.com/news/articles/2023-06-02/uk-government-killed-au-pair-industry-leaving-british-parents-desperate.
[18] Is-sit web tal-Gvern tar-Renju Unit "Employing someone to work in your home" [Impjieg lil xi ħadd biex jaħdem fid-dar tiegħek], https://www.gov.uk/au-pairs-employment-law/au-pairs.
[19] Is-sit web tal-Gvern tar-Renju Unit "Youth Mobility Scheme visa" [Viża tal-Iskema tal-Mobbiltà taż-Żgħażagħ], https://www.gov.uk/youth-mobility/eligibility.

42. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni marbuta mal-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u professjonali, ta' sħubijiet u skambji fl-oqsma tal-isport u l-isport elettroniku fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, għax dan jaffettwa b'mod ħażin is-settur tal-isport kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit;

43. Jinnota li s-settur tal-isport tar-Renju Unit ma għadux jiddependi fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ Bosman tal-15 ta' Diċembru 1995[20], li ppermettiet il-moviment ħieles ta' plejers u atleti fi ħdan l-UE; jinnota bi tħassib li din is-sitwazzjoni taffettwa ħażin il-parteċipazzjoni tal-atleti tal-UE f'timijiet tar-Renju Unit jew kompetizzjonijiet professjonali billi potenzjalment tillimita n-numru tagħhom; jinsab imħasseb li jista' jkun ta' detriment għall-funzjonament tas-sistema ta' trasferimenti u għall-plejers tal-UE u l-klabbs tal-UE li jiddependu fuq il-fondi li joħorġu minn ftehimiet ta' trasferimenti;

44. Jenfasizza li peress li l-plejers u l-atleti tal-UE tal-Brexit għandhom bżonn permess tax-xogħol biex jilagħbu fir-Renju Unit, kif qabel kien il-każ biss għal plejers mhux tal-UE, li jxekkel il-kapaċità tagħhom li jikkompetu fuq in-naħa l-oħra tal-Kanal Ingliż; jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-UE u r-Renju Unit f'dan ir-rigward;

45. Jinnota li l-atleti tar-Renju Unit issa huma soġġetti għar-regoli ta' Schengen, li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fil-każ ta' kompetizzjonijiet li jsiru f'diversi pajjiżi Ewropej f'perjodu qasir ta' żmien;

46. Jinnota li l-programm Turing li jissostitwixxi l-programm Erasmus+ ma għandux parti ddedikata għall-isport, u dan joħloq vojt fir-rigward tal-proġetti ta' kooperazzjoni fl-isport; jinsab imħasseb li dan se jkun ta' detriment għall-isport tal-massa.

---

[20] Sentenza tal-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1995, C-415/93 - *Union royale belge des sociétés de football association and Others* v *Bosman and Others*, ECLI:EU:C:1995:463.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 15.12.2022
Data tal-adozzjoni	7.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 –: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Christine Anderson, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Tomasz Frankowski, Catherine Griset, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Irena Joveva, Niyazi Kizilyürek, Predrag Fred Matić, Martina Michels, Niklas Nienass, Diana Riba i Giner, Monica Semedo, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Maria Walsh, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Ibán García Del Blanco, Chiara Gemma, Marcel Kolaja, Alessandro Panza
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Vilija Blinkevičiūtė, Delara Burkhardt, Margarita de la Pisa Carrión, Angel Dzhambazki, Niclas Herbst

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

28	+
ECR	Angel Dzhambazki, Chiara Gemma, Margarita de la Pisa Carrión
NI	Andrea Bocskor
PPE	Asim Ademov, Isabella Adinolfi, Tomasz Frankowski, Niclas Herbst, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Maria Walsh, Milan Zver
Renew	Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Irena Joveva, Monica Semedo
S&D	Clara Aguilera, Vilija Blinkevičiūtė, Delara Burkhardt, Ibán García Del Blanco, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Predrag Fred Matić
The Left	Niyazi Kizilyürek, Martina Michels
Verts/ALE	Marcel Kolaja, Niklas Nienass, Diana Riba i Giner

2	-
ID	Christine Anderson, Catherine Griset

1	0
ID	Alessandro Panza

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

10.10.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Katarina Barley

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

1. Ifakkar li l-applikazzjoni tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni[1] (TCA) dwar l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali hija soġġetta għall-kundizzjonijiet tar-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), kif ukoll għall-impenn favur protezzjoni ta' livell għoli tad-data personali; ifakkar fl-importanza ta' infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja effettivi, mill-qrib u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-UE u r-Renju Unit fid-dawl tal-prossimità ġeografika u l-isfidi kondiviżi tagħhom;

2. Jenfasizza li l-KEDB hija strument legalment vinkolanti fir-Renju Unit u li l-proposti leġiżlattivi għandhom ikunu kompatibbli mal-istandards tagħha u f'konformità mad-drittijiet u l-libertajiet li huma inklużi fiha; jissottolinja li l-Artikolu 524 tat-TCA jistipula li l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit hija bbażata fuq l-importanza li d-drittijiet u l-libertajiet f'dik il-konvenzjoni jingħataw effett fil-livell nazzjonali; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-diskussjonijiet fir-Renju Unit dwar il-ħruġ mill-KEDB u jfakkar fit-tħassib espress mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa f'dan ir-rigward[2]; ifakkar fid-dispożizzjoni fit-TCA dwar it-terminazzjoni possibbli ta' din il-parti tat-TCA f'każ li r-Renju Unit jew Stat Membru jiddenunzja l-

[1] Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).
[2] https://www.coe.int/ca/web/commissioner/-/united-kingdom-commissioner-warns-against-regression-on-human-rights-calls-for-concrete-steps-to-protect-children-s-rights-and-to-tackle-human-rights-issues-in-northern-ireland.

KEDB;

3. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-proċessi leġiżlattivi attwali fir-Renju Unit li jpoġġu dawn il-kundizzjonijiet f'riskju, jiġifieri l-Abbozz ta' Liġi dwar id-Dritt Miżmum tal-UE, l-Abbozz ta' Liġi (Nru 2) dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Informazzjoni Diġitali (DPDI2) u l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Migrazzjoni Illegali;

4. Ifakkar li l-Parti Tlieta tat-TCA tippermetti flussi estiżi ta' data bejn l-UE u r-Renju Unit, bħall-iskambju ta' data dwar id-DNA, data dwar ir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri u informazzjoni dwar ir-rekords kriminali; jissottolinja, għalhekk, li huwa ta' importanza fundamentali li r-Renju Unit jiżgura li l-livell ta' protezzjoni jkun essenzjalment ekwivalenti għal dak mogħti mill-Unjoni Ewropea sabiex jiġi evitat li l-istandards tal-UE u għalhekk id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE jitqiegħdu f'riskju meta tiġi kondiviża d-data mar-Renju Unit; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiskrutinizza mill-qrib l-impatt li d-DPDI2 għandu fuq id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data taċ-ċittadini tal-UE;

5. Jissottolinja r-riskju serju tat-trasferiment ulterjuri ta' data personali lejn pajjiżi mhux tal-UE li ma jipprevedux livell adegwat ta' protezzjoni; ifakkar li riċevitur primarju tad-data jista' jerġa' jittrasferixxi data personali biss jekk ir-riċevitur ikun soġġett ukoll għal regoli li jagħtu livell adegwat ta' protezzjoni; jisħaq, għalhekk, li r-Renju Unit jeħtieġlu jiżgura li t-trasferimenti tad-data tiegħu lejn pajjiżi mhux tal-UE jkunu bbażati fuq salvagwardji xierqa u li jkun garantit livell ta' protezzjoni tad-data ekwivalenti għal dak mogħti mill-Unjoni Ewropea;

6. Jisħaq li l-promulgazzjoni tad-DPDI2 tar-Renju Unit fil-forma attwali tiegħu tista' tkompli tipperikola d-deċiżjoni ta' adegwatezza mogħtija lir-Renju Unit; ifakkar li l-Kummissjoni wiegħdet li timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib u tirrevoka d-deċiżjonijiet ta' adegwatezza jekk il-privatezza ma tibqax "essenzjalment ekwivalenti" fir-Renju Unit;

7. Jiddispjaċih ferm dwar id-dispożizzjonijiet fid-DPDI2 il-ġdid li jintroduċu setgħat leġiżlattivi delegati ġodda għall-Gvern tar-Renju Unit biex jillegalizza l-ipproċessar tad-data għas-sigurtà nazzjonali, l-infurzar tal-liġi u l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-data personali miżmuma minn entitajiet privati; huwa mħasseb ferm dwar l-introduzzjoni ta' setgħat leġiżlattivi delegati li jipprevedu li xi aspetti fundamentali tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data jinbidlu mill-Gvern tar-Renju Unit permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja; jisħaq fuq ir-riskji li dawn is-setgħat delegati joħolqu għaċ-ċertezza legali u għall-futur tad-deċiżjoni ta' adegwatezza tar-Renju Unit;

8. Jikkundanna l-eżenzjoni ġenerali u wiesgħa tar-Renju Unit mill-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u mid-drittijiet tas-suġġetti tad-data għall-ipproċessar tad-data personali, stabbiliti fl-Att tiegħu dwar il-Protezzjoni tad-Data, għal skopijiet ta' immigrazzjoni; jemmen li l-eżenzjoni f'każijiet fejn l-għoti ta' effett lid-drittijiet tas-suġġetti tad-data jipperikola l-kontroll effettiv tal-immigrazzjoni jew fl-investigazzjoni jew l-identifikazzjoni ta' attivitajiet li jimminaw iż-żamma ta' kontroll effettiv tal-immigrazzjoni ma tikkonformax mal-prinċipju taċ-ċertezza legali u, għalhekk, mhijiex biżżejjed biex tipprevjeni t-teħid ta' deċiżjonijiet arbitrarju; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-evoluzzjoni tal-proċess ta' rieżami ġudizzjarju tad-DPDI2

rigward l-eżenzjoni tal-immigrazzjoni;

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu li d-DPDI2 propost tar-Renju Unit jippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat; jisħaq li dan l-abbozz ta' liġi jċaħħad lill-individwi mid-dritt tagħhom, protett fl-UE fl-ambitu tar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data[3] u internazzjonalment fl-ambitu tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali, li ma jkunux soġġetti għal deċiżjoni bbażata unikament fuq l-ipproċessar awtomatizzat (inkluż it-tfassil ta' profili) li jkollu effett legali jew ugwalment sinifikanti fuqhom; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib u kontinwament;

10. Jiddispjaċih ferm li d-dispożizzjonijiet fl-Abbozz ta' Liġi l-ġdid tar-Renju Unit dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Informazzjoni Diġitali li jdgħajfu l-obbligi għall-kontrolluri u l-proċessuri tad-data, inklużi d-dispożizzjonijiet il-ġodda li jirrikjedu biss li jinħatar individwu responsabbli anzjan meta jsir l-ipproċessar, li x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għall-individwi; jiddispjaċih, bl-istess mod, dwar id-dispożizzjonijiet li jneħħu r-rekwiżit li jinħatar rappreżentant mhux ibbażat fir-Renju Unit għall-kontrolluri u l-proċessuri tad-data li jkun soġġett għar-regoli tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data, u dawk li jeliminaw l-obbligu ta' konsultazzjoni mal-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit qabel l-ipproċessar meta l-valutazzjoni tal-kontrollur tindika li l-ipproċessar x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli;

11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-klawżoli fid-DPDI2 il-ġdid tar-Renju Unit li jimminaw l-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni (ICO) u jintroduċu setgħat li jippermettu lill-gvern jinterferixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-ICO;

12. Jenfasizza li l-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit sabet diversi każijiet ta' nuqqasijiet fl-infurzar u li l-istatistika tagħha turi rati baxxi ħafna ta' infurzar sod; ifakkar li, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data, ir-regoli antiċipati jridu jiġu infurzati u l-individwi jeħtiġilhom ikollhom aċċess għal proċedura effettiva tal-ilmenti; huwa mħasseb ukoll dwar il-bidla introdotta fir-rifjut li tittieħed azzjoni fir-rigward ta' lment u l-inklużjoni ta' kriterji bħar-riżorsi disponibbli għall-Kummissarju, ħaġa li se jkollha effett negattiv fuq l-effettività tal-ilmenti;

13. Ifakkar li l-programmi ta' sorveljanza tal-massa tar-Renju Unit ma jikkonformawx ma' standards li huma essenzjalment ekwivalenti għar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data; itenni l-istedina tiegħu lir-Renju Unit biex iqis il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam;

14. Iħeġġeġ lir-Renju Unit jissodisfa r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data għall-ipproċessar tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri, f'konformità mal-Artikolu 552 tat-TCA; jiddispjaċih dwar il-perjodu ta' tranżizzjoni twil ta' tliet snin, li qed idewwem l-implimentazzjoni tar-rekwiżit li titħassar id-data personali tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mill-pajjiż;

15. Jissottolinja li l-Artikolu 541 tat-TCA jipprevedi proċedura ta' emenda fil-każ li d-dritt

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

tal-UE fl-ambitu tal-qafas ta' Prüm jiġi emendat b'mod sostanzjali; ifakkar, għalhekk, li l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-qafas ta' Prüm li għadu kif ġie rivedut mhijiex awtomatika u għandha tkun bil-kundizzjoni li r-Renju Unit iżomm l-istandards attwali tiegħu rigward id-drittijiet tal-bniedem u jiżgura qafas adegwat għall-protezzjoni tad-data u salvagwardji legali effettivi, li huma prerekwiżiti essenzjali għall-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali;

16. Ifakkar li ż-żewġ deċiżjonijiet ta' adegwatezza għar-Renju Unit jiskadu fl-2025 u li l-Kummissjoni tista' tintervjeni fi kwalunkwe mument jekk ir-Renju Unit jiddevja mil-livell ta' protezzjoni tad-data attwalment fis-seħħ; ifakkar li biex jibbenefika minn dawn id-deċiżjonijiet ta' adegwatezza, ir-Renju Unit huwa soġġett għall-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jeħtieġlu jaderixxi għall-KEDB; jirrimarka li, fir-rigward tar-reviżjoni meħtieġa tad-deċiżjoni ta' adegwatezza għat-trasferiment ta' data personali lejn ir-Renju Unit fi żmien sentejn, huwa ta' importanza fundamentali li l-garanzija tad-drittijiet protetti fl-ambitu tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma tkunx negozjabbli u li l-Parlament jimmonitorja mill-qrib u b'mod regolari kwalunkwe nuqqas ta' konformità; jistieden lill-awtoritajiet tar-Renju Unit iżommu lura milli jadottaw kwalunkwe leġiżlazzjoni li tipperikola l-livell adegwat ta' protezzjoni;

17. Jiddispjaċih ferm dwar iż-żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini tal-UE li ma tħallewx jidħlu fir-Renju Unit u sussegwentement irritornaw wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni; jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tar-Renju Unit li japplika trattament differenzjat f'termini ta' tariffi tal-viża għaċ-ċittadini ta' għadd ta' pajjiżi tal-UE; huwa mħasseb dwar il-fatt li l-proċeduri tal-viża għaċ-ċittadini tal-UE huma twal u kkumplikati; jistieden lir-Renju Unit ma jiddiskriminax kontra ċ-ċittadini tal-UE abbażi tan-nazzjonalità tagħhom, kemm f'termini ta' reġistrazzjoni fl-iskema għall-kisba tal-istatus ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll fi kwistjonijiet ta' mobbiltà u viża; jisħaq li tali prattiki jmorru kontra l-prinċipji ta' reċiproċità u nondiskriminazzjoni stabbiliti fit-TCA u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-iżviluppi mill-qrib;

18. Ifakkar li d-dritt fundamentali għal proċess ġust jinkludi, fost affarijiet oħra, id-dritt għall-informazzjoni, id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni, id-dritt għal avukat, id-dritt li wieħed ikun preżunt innoċenti u d-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess, kif ukoll salvagwardji speċjali għat-tfal li jkunu suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali u d-dritt għal għajnuna legali, li jridu jiġu żgurati wkoll matul il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ma' pajjiżi mhux tal-UE;

19. Ifakkar li, sabiex jiġu żgurati proċeduri effettivi ta' estradizzjoni, mandat ta' arrest irid jiġi eżegwit b'urġenza u, fil-każ li persuna ma tagħtix il-kunsens tagħha għall-estradizzjoni, trid issir seduta ta' smigħ fi żmien 21 jum mill-arrest; ifakkar li, sabiex jiġi ssalvagwardjat id-dritt fundamentali għal proċess ġust, dawn il-limiti ta' żmien m'għandhomx jinqabżu; jistieden lir-Renju Unit jirrispetta l-limiti ta' żmien stabbiliti fit-TCA biex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-assistenza legali reċiproka bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit;

20. Ifakkar li, skont l-Artikolu 525(1) tat-TCA, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn l-Unjoni u r-Renju Unit huma bbażati fuq l-impenn fit-tul tal-Partijiet li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali, inkluż fir-

rigward tal-kooperazzjoni mal-Europol u l-Eurojust; jinsisti li l-iskambji ta' data personali mal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għandhom ikunu permessi biss meta l-istandards tal-protezzjoni tad-data tal-UE jkunu ggarantiti u d-drittijiet tal-bniedem ikunu rispettati.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 15.12.2022
Data tal-adozzjoni	9.10.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 –: 4 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Malin Björk, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nicolaus Fest, Sophia in 't Veld, Assita Kanko, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Pina Picierno, Paulo Rangel, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Yana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Dragoş Tudorache, Maria Walsh
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Petros Kokkalis, Ljudmila Novak, Thomas Rudner

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

32	+
PPE	Lena Düpont, Jeroen Lenaers, Ljudmila Novak, Paulo Rangel, Maria Walsh, Javier Zarzalejos
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Yana Toom, Dragoş Tudorache
S&D	Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Pina Picierno, Thomas Rudner, Isabel Santos, Birgit Sippel
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik
The Left	Malin Björk, José Gusmão, Petros Kokkalis

4	-
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche
NI	Milan Uhrík

2	0
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Assita Kanko

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

31.08.2023

ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Rapport ta' implimentazzjoni rigward il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (2022/2188(INI))

Sinjuri Presidenti,

Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Jannar 2023, il-Kumitat għall-Baġits iddeċieda li jippreżenta opinjoni fil-forma ta' ittra għar-rapport ta' implimentazzjoni rigward il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit. Sussegwentement, il-Kumitat eżamina l-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Awwissu 2023 u adotta l-opinjoni matul din l-istess laqgħa[97].

L-isfond

It-taqsima tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit rilevanti għall-Kumitat għall-Baġits hija l-parti li tirregola l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni, il-ġestjoni finanzjarja tajba u d-dispożizzjonijiet finanzjarji.

Fir-riżoluzzjonijiet preċedenti rilevanti tiegħu, il-Parlament esprima l-fehma li dawk id-dispożizzjonijiet jissodisfaw l-aspettattivi tiegħu u jikkostitwixxu bażi ġusta għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni. Minn dak iż-żmien' l hawn, ir-Renju Unit ma ħa sehem fl-ebda programm, għalhekk id-dispożizzjonijiet għadhom ma ġewx ittestjati.

Hija l-fehma fit-tul tal-Parlament li r-Renju Unit ikun sieħeb milqugħ tajjeb fil-programmi tal-Unjoni. Fil-fatt, minn dejjem kienet kwistjoni ta' dispjaċir li r-Renju Unit xtaq ikollu rwol f'numru żgħir minnhom biss. B'mod partikolari, l-iskambji u l-proġetti ta' kooperazzjoni ta'

[97] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Maria da Graça Carvalho, Olivier Chastel, Andor Deli, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Jens Geier, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Hervé Juvin, Fabienne Keller, Joachim Kuhs, Pierre Larrouturou, Margarida Marques, Andżelika Anna Możdżanowska, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Andrey Novakov, Alessandro Panza, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Maria Veronica Rossi, Ralf Seekatz, Massimiliano Smeriglio, Nils Ušakovs, Rainer Wieland, Ivan Štefanec

Erasmus+ jipprovdu opportunità eċċellenti biex jinbnew rabtiet li jkunu ta' benefiċċju kbir għar-relazzjoni fit-tul tal-UE u tar-Renju Unit.

Għalhekk ikun mixtieq li jintlaħaq ftehim mar-Renju Unit dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fil-programmi tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, għaddejjin negozjati dwar l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi kollha li esprima r-rieda li jieħu sehem fihom. Jagħmel sens li jitqies il-perjodu mnaqqas ta' parteċipazzjoni.

Il-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Baġits

Il-Kumitat għall-Baġits japprezza jekk iż-żewġ kumitati tagħkom ikunu jistgħu jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

1. Ifakkar li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit jinkludi parti dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni, il-ġestjoni finanzjarja tajba u d-dispożizzjonijiet finanzjarji; iqis li l-kundizzjonijiet u r-regoli stabbiliti fih jikkostitwixxu bażi ġusta għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit u jgħinu biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jirrikonoxxi li dawk id-dispożizzjonijiet ma ġewx ittestjati, peress li r-Renju Unit għadu ma pparteċipa fl-ebda programm;

2. Iqis li l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-programmi tal-Unjoni tipprovdi benefiċċji konsiderevoli għall-UE u tgħin biex jissaħħu r-rabtiet bejn l-UE u s-sħab tagħha; jilqa' għalhekk il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni; f'dan ir-rigward, jiddispjaċih ħafna li r-Renju Unit ma esprima l-ebda interess li jieħu sehem f'Erasmus+; iqis li l-iskambji bejn iż-żgħażagħ mill-UE u mir-Renju Unit jgħinu biex jinbnew relazzjonijiet fit-tul għall-benefiċċju ta' kulħadd;

3. Jesprimi l-fehma li l-kollaborazzjoni fil-qasam tax-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-ispazju hija ta' importanza partikolari; iqis għalhekk li jkun mixtieq li jintlaħaq qbil dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'Orizzont Ewropa, il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, Fusion for Energy (F4E)/ITER, u l-komponenti Copernicus u SST tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, bħala pakkett; jemmen li jkun xieraq li jitqies il-perjodu mnaqqas tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit;

Dejjem tiegħek,

Johan Van Overtveldt

Cc: Siegfried Mureșan, rapporteur permanenti tal-Kumitat BUDG dwar il-Brexit

15.06.2023

ANNESS: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-2021 u l-2022 dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (2022/2188(INI))

Sinjuri Presidenti,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel iddeċieda li jippreżenta opinjoni lill-Kumitati tagħkom fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel eżamina l-kwistjoni u adotta l-opinjoni tiegħu fil-15 ta' Ġunju 2023[98]. Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex iqisu dawn il-kunsiderazzjonijiet, filwaqt li jfakkru fil-kompetenzi esklużivi miftiehma tal-Kumitat ENVI għall-paragrafi 3-5 fil-paġna 15 tal-Kapitolu 7.1 tal-ewwel rapport tal-Kummissjoni rigward il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) (2021) li jiffoka fuq l-ambjent u l-klima, u għall-paragrafu 2 fil-paġna 13 tal-Kapitolu 5.2.2 tat-tieni rapport rigward l-FKK tal-Kummissjoni (2022).

[98] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pascal Canfin (President), Bas Eickhout (Viċi President), César Luena (Viċi President) , Marian-Jean Marinescu (Viċi President), Sergio Berlato,Mathilde Androuët, Maria Arena, Aurélia Beigneux, Tom Berendsen, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Michael Bloss, Franc Bogovič, Traian Băsescu, Daniel Caspary, Antoni Comín i Oliveres, Rosanna Conte, Maria Angela Danzì, Esther de Lange, Christian Doleschal, Herbert Dorfmann, Lena Düpont, Agnès Evren, Malte Gallée, Andreas Glueck, Catherine Griset, Roman Haider, Christophe Hansen, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Karin Karlsbro, Petros Kokkalis, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, Fulvio Martusciello, Sara Matthieu, Marina Mesure, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Grace O'Sullivan, Max Orville, Alessandro Panza, Jutta Paulus, Francesca Peppucci, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Nicola Procaccini, Inma Rodríguez-Piñero, Rob Rooken, Robert Roos, Maria Veronica Rossi, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Róża Thun und Hohenstein, Nils Torvalds, Edina Tóth, Tom Vandenkendelaere, Achille Variati, Nikolaj Villumsen, Petar Vitanov, Veronika Vrecionová, Mick Wallace, Sarah Wiener, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska.

Dejjem tiegħek,

Pascal Canfin

Kummenti Ġenerali

1. Jilqa' l-approċċ kostruttiv tal-Kummissjoni li tipprevedi soluzzjonijiet prattiċi, inkluż permezz ta' flessibbiltajiet temporanji speċifiċi maqbula mill-Partijiet biex jiġi limitat it-tfixkil ikkawżat mill-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-kummerċ bejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ta' ċerti prodotti, inkluża l-provvista ta' mediċini u ċertu laħam imkessaħ u prodotti oħra tal-ikel lis-supermarkets;

2. Jilqa' l-arranġament tal-Qafas ta' Windsor tal-24 ta' Marzu 2023, li skontu l-partijiet jimpenjaw ruħhom għal obbligi legali vinkolanti li jżommu l-essenza tal-Protokoll filwaqt li jistabbilixxu t-termini għal implimentazzjoni flessibbli iżda effikaċi; jilqa' l-avviż tal-Gvern tar-Renju Unit, f'dan il-kuntest, dwar is-sospensjoni tal-Abbozz ta' Liġi propost rigward il-Protokoll dwar l-Irlanda ta' Fuq;

3. Jirrikonoxxi l-arranġamenti tal-Qafas ta' Windsor bħala opportunità għal kapitlu ġdid ta' kooperazzjoni bilaterali amikevoli; jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal mhux sfruttat tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK), u timmassimizza l-potenzjal tar-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit b'modi li jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet permezz ta' kooperazzjoni amikevoli dwar kwistjonijiet komuni f'fora internazzjonali u fir-rigward ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari biex jinkiseb l-ogħla livell ta' ambizzjoni fir-rigward tal-azzjoni klimatika, inkluż il-mitigazzjoni, ir-reżiljenza, l-adattament u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima, biex jiġu appoġġati l-konservazzjoni, il-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-bijodiversità u l-ekosistemi, biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; biex jiġu kkoordinati sforzi biex it-tranżizzjoni ekoloġika tas-setturi kollha tavvanza b'mod ġust u inklużiv filwaqt li jissaħħu s-sovranità industrijali u l-kompetittività internazzjonali;

4. Jilqa' l-proposta Sanitarja u Fitosanitarja (SPS) li tirriżulta mill-Qafas ta' Windsor bħala t-triq 'il quddiem għal soluzzjoni permanenti għad-dħul ta' kunsinni ta' ċerti oġġetti fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit, akkumpanjata minn miżuri ta' salvagwardja biex jiġu protetti l-integrità tas-suq intern u s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti kif ukoll l-interessi tal-konsumaturi fl-Unjoni; jappella biex jiġi ssorveljat ir-rikonoxximent tal-approċċ "Saħħa Waħda" bħala approċċ integrat u li jgħaqqad, li jkollu l-għan li jibbilanċja u jottimizza b'mod sostenibbli s-saħħa tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi; jisħaq li r-regoli u l-proċeduri relatati mat-trasport tal-annimali domestiċi għandhom jirrispettaw il-"Ħames Libertajiet tat-Trattament Xieraq tal-Annimali" li jirriflettu l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Annimali; jissottolinja li s-soluzzjonijiet imressqa se jirrikjedu implimentazzjoni u monitoraġġ xierqa u effikaċi u huma kundizzjonali, fost affarijiet oħra, fuq it-tlestija ta' punti ta' kontroll fuq il-fruntiera li jiffunzjonaw bis-sħiħ u b'riżorsi tajbin u fuq l-aċċess u l-kompatibbiltà bejn il-bażijiet tad-data tal-Unjoni u tar-Renju Unit.

5. Jinnota li l-ħruġ tar-Renju Unit mis-suq intern u mill-Unjoni Doganali tal-UE jfisser li ż-żewġ partijiet se jkollhom reġimi separati li jirregolaw is-saħħa tal-bniedem, tal-pjanti u tal-annimali; jinnota li d-dispożizzjonijiet dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS) fil-biċċa l-kbira jirriflettu r-regoli tad-WTO f'dawn l-oqsma;

6. Jilqa' l-proposta dwar il-mediċini li tirriżulta mill-Qafas ta' Windsor bħala soluzzjoni permanenti biex jiġi żgurat li l-poplu fl-Irlanda ta' Fuq ikollu aċċess għall-mediċini

kollha, inklużi mediċini ġodda, bħall-mediċini kontra l-kanċer, fl-istess ħin u bl-istess kundizzjonijiet bħall-poplu fil-Gran Brittanja, akkumpanjati minn salvagwardji biex jiġi żgurat li l-mediċini kollha mqiegħda fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ma jkunu disponibbli fl-ebda Stat Membru; wara li tneħħew l-obbligi tal-UE għall-karatteristiċi ta' sikurezza tal-prodotti mediċinali kkummerċjalizzati għall-Irlanda ta' Fuq, jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod partikolari aspetti relatati mal-miżuri tal-apparat kontra t-tbagħbis fir-Renju Unit; jissottolinja wkoll li l-flessibbiltà li tipprovdi l-proposta dwar il-mediċini jeħtieġ li tiġi mmonitorjata kif xieraq biex jiġi evitat li l-mediċini tar-Renju Unit ikkummerċjalizzati għall-Irlanda ta' Fuq jiġu distribwiti illegalment fis-suq intern, u biex jiġi żgurat li jibqgħu fl-Irlanda ta' Fuq;

7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tas-salvagwardji kif stabbiliti fil-Qafas ta' Windsor; il-ħtieġa li tkun lesta li, f'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, tagħmel użu sħiħ mill-għodod għas-soluzzjoni tat-tilwim disponibbli fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, fil-Ftehim dwar il-Ħruġ u fil-Qafas ta' Windsor; il-ħtieġa li timmonitorja d-diverġenza regolatorja tar-Renju Unit mir-rekwiżiti tal-UE dwar is-sigurtà tal-ikel u dwar is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti;

8. Jenfasizza kif il-Parlament Ewropew għandu jeżerċita skrutinju massimu fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-Qafas ta' Windsor billi jipparteċipa b'mod attiv fl-Assemblea ta' Sħubija Parlamentari; barra minn hekk, il-kumitati parlamentari għandhom iżommu lill-Kummissjoni responsabbli għall-parteċipazzjoni tagħha fil-Kumitat Konġunt, fil-Kunsill ta' Sħubija, fil-Kumitati Speċjalizzati għall-Kummerċ u fil-Gruppi ta' Ħidma; il-Parlament Ewropew għandu jipparteċipa wkoll fi kwalunkwe proċedura ta' rieżami futura tal-ftehimiet, u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel għandu jkun involut fl-oqsma rilevanti kollha;

Ambjent u klima (kompetenzi esklużivi tal-Kumitat ENVI)

9. Ifakkar fl-ambizzjoni tal-UE dwar il-klima li tilħaq tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (GHG) tal-UE sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u li tikseb emissjonijiet netti żero ta' gassijiet serra (GHG) sal-2050, kif stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u kif operazzjonalizzat fil-leġiżlazzjoni "lesti għall-mira ta' 55 %" adottata dan l-aħħar;

10. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni prattika, l-ambizzjoni u l-effikaċja tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) tar-Renju Unit; tqis li, jekk jitfaċċaw differenzi sinifikanti bejn iż-żewġ sistemi, dan jista' jwassal għal distorsjoni tal-kundizzjonijiet ekwivalenti, u għalhekk għandu jiġi kkunsidrat fl-applikazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-UE ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri; tesplora opportunitajiet għal kooperazzjoni bilaterali, inkluż ir-rabta tal-ETS tar-Renju Unit mal-EU ETS mingħajr ma jiddgħajfu l-integrità u l-effikaċja tal-EU ETS, simili għall-ftehim bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rabta tas-sistemi għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom;

11. Ifakkar li, mill-2026 sal-2034, l-UE se ddaħħal gradwalment Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) għall-ħadid, l-azzar, is-siment, l-aluminju, il-fertilizzanti, l-elettriku, l-idroġenu kif ukoll l-emissjonijiet indiretti b'ċerti

kundizzjonijiet, biex tiżgura li l-isforzi klimatiċi globali u tal-UE ma jiġux imminati mir-rilokazzjoni tal-produzzjoni mill-UE lejn pajjiżi b'politiki inqas ambizzjużi; jilqa' l-fatt li l-Gvern tar-Renju Unit nieda inkjesta dwar mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) tar-Renju Unit li tħares lejn ir-rwol li s-CBAM jista' jkollu fl-indirizzar tar-rilokazzjoni potenzjali tal-emissjonijiet tal-karbonju u biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali tar-Renju Unit, filwaqt li jitqiesu wkoll l-impatti, ir-riskji u l-opportunitajiet usa' li jistgħu jinħolqu; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-politika tas-CBAM tar-Renju Unit u tesplora opportunitajiet għal kooperazzjoni sabiex jiżdiedu l-kundizzjonijiet ekwi u l-protezzjoni tal-klima globalment;

12. Ifakkar li l-FKK jirrikjedi li l-partijiet ma jdgħajfux jew ma jnaqqsux il-livelli tagħhom ta' protezzjoni soċjali, tax-xogħol u ambjentali aktar mil-livelli fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fl-2020 (nonrigressjoni) fejn parti tkun tista' tieħu miżuri xierqa ta' riekwilibriju biex tikkumpensa għal kwalunkwe "impatt materjali (negattiv) fuq il-kummerċ jew l-investiment" li jirriżulta minn "diverġenzi sinifikanti" bejn il-partijiet; ifakkar li l-impenji u l-ambizzjonijiet li jeżistu dwar it-tibdil fil-klima, b'mod partikolari dwar in-newtralità klimatika sal-2050, jibqgħu fis-seħħ għaż-żewġ partijiet;

13. Jissottolinja kif, qabel il-ħruġ tar-Renju Unit, kien hemm għadd ta' każijiet ta' ksur li l-Kummissjoni ressqet kontra r-Renju Unit fil-qasam ambjentali, inkluż għall-kwalità tal-arja u tal-ilma; jissottolinja kif minħabba n-natura transkonfinali tagħhom, id-diverġenzi fil-protezzjoni ambjentali f'dawn l-oqsma jistgħu jipperikolaw il-kwalità tal-arja u tal-ilma fl-UE;

14. Jieħu nota tal-ħolqien tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni Ambjentali (OEP) f'Novembru 2021, skont l-Att dwar l-Ambjent tal-2021; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja jekk l-Uffiċċju jingħatax biżżejjed setgħat u riżorsi biex ikun jista' jinforza b'mod effikaċi r-regoli ambjentali, f'konformità mal-obbligi tal-FKK, u jekk l-impenji ambjentali u l-leġiżlazzjoni sekondarja humiex implimentati u infurzati b'mod effikaċi;

15. Jieħu nota tal-fatt li f'Diċembru 2022 il-Gvern tar-Renju Unit ippubblika l-ewwel sett ta' miri ambjentali legalment vinkolanti skont l-Att dwar l-Ambjent 2021 u l-Pjan ta' Titjib Ambjentali 2023, f'Jannar 2023; jappella għal allinjament mill-qrib u 'l fuq tal-miri tal-UE u tar-Renju Unit fir-rigward tal-protezzjoni tal-klima u l-ambjent u biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ekwi jiġu rispettati;

16. Ifakkar li r-Renju Unit m'għadux parti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) jew marbut mill-qafas regolatorju bbażat fuq iż-ŻEE għas-sustanzi kimiċi (ir-Regolament REACH tal-UE); jissottolinja kif il-qafas regolatorju l-ġdid tar-Renju Unit (ir-Regolament REACH tar-Renju Unit) irid juri l-istess robustezza u trasparenza bħar-Regolament REACH tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja jekk hemmx rigressjoni regolatorja u diverġenza tal-ġestjoni tas-sikurezza tas-sustanzi kimiċi tar-Renju Unit mill-qafas regolatorju għas-sustanzi kimiċi bbażat fiż-ŻEE, b'mod partikolari fid-dawl tar-reviżjoni li jmiss tar-Regolament REACH tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-awtoritajiet tar-Renju Unit biex tiżgura qafas regolatorju allinjat mill-qrib li għandu jkollu l-għan li jiżgura l-ogħla standard possibbli ta' ġestjoni tas-sikurezza tas-sustanzi kimiċi fl-UE u fir-Renju Unit;

Aspetti tas-saħħa

17. Ifakkar fil-ħidma leġiżlattiva li għaddejja biex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni farmaċewtika li għandu jkollha l-għan ukoll li tiffaċilita d-dipendenza storika tas-swieq f'Ċipru, fl-Irlanda u f'Malta fuq il-provvista tal-mediċini mir-Renju Unit jew permezz tiegħu; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati d-disponibbiltà, l-affordabbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-mediċini u l-approċċ strateġiku għall-farmaċewtiċi fl-ambjent biex jindirizza t-tniġġis farmaċewtiku;

18. Jinnota li l-Abbozz ta' Liġi dwar it-Teknoloġija Ġenetika (Tnissil ta' Preċiżjoni) ġie traspost f'liġi fl-Ingilterra fit-23 ta' Marzu 2023; l-Abbozz jirrevedi r-regoli għar-rilaxx, il-kummerċjalizzazzjoni u l-valutazzjonijiet tar-riskju relatati mal-pjanti u l-annimali editjati minn ġeni u mnissla bi preċiżjoni billi jneħħihom mis-sistema regolatorja għall-organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM); jinnota li la l-Parlament Skoċċiż u lanqas il-Parlament ta' Wales ma taw il-kunsens leġiżlattiv għall-Abbozz ta' Liġi; jinsab ferm imħasseb dwar id-diverġenza regolatorja f'dan il-qasam, li tista' tirriżulta fid-dħul ta' prodotti ġenetikament modifikati fl-UE b'kontrolli tas-sikurezza differenti jew mingħajr tikkettar xieraq;

19. Jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tas-saħħa, li jippermettu lill-Partijiet u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni rilevanti, iżda jiddispjaċih li din il-kooperazzjoni ġiet limitata għall-valutazzjoni tar-riskji "sinifikanti" għas-saħħa pubblika, u għall-koordinazzjoni tal-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika; jissottolinja kif il-pandemija tal-COVID-19 kompliet issaħħaħ il-każ kemm favur kooperazzjoni aktar b'saħħitha dwar kwistjonijiet tas-saħħa kif ukoll favur komunikazzjoni bidirezzjonali strutturata u regolari bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati sabiex ikun hemm reazzjoni aħjar għal sitwazzjonijiet ta' kriżi;

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jitlob lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jindirizzaw u jinkludu l-fehmiet espressi hawn fuq fir-rapport ta' implimentazzjoni tiegħu dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, biex iqisu l-pożizzjoni tiegħu kif stabbilita hawn fuq.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

Rule 58 – Joint committee procedure Date announced in plenary	 15.12.2022
Date adopted	24.10.2023
Result of final vote	+: 71 –: 1 0: 3
Members present for the final vote	Alexander Alexandrov Yordanov, Anna-Michelle Asimakopoulou, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Jordi Cañas, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Paolo De Castro, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Bernard Guetta, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Miapetra Kumpula-Natri, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, David Lega, Leopoldo López Gil, Jaak Madison, Margarida Marques, Pedro Marques, Sara Matthieu, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Matjaž Nemec, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Sven Simon, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Dragoş Tudorache, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Thomas Waitz, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Željana Zovko
Substitutes present for the final vote	Attila Ara-Kovács, Lars Patrick Berg, Marco Campomenosi, Dacian Cioloş, Corina Creţu, Clare Daly, Svenja Hahn, Seán Kelly, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtsos, Sergey Lagodinsky, Javier Moreno Sánchez, Giuliano Pisapia, Mick Wallace
Substitutes under Rule 209(7) present for the final vote	Mircea-Gheorghe Hava

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

71	+
ECR	Lars Patrick Berg, Dominik Tarczyński, Jan Zahradil
ID	Anna Bonfrisco, Marco Campomenosi, Danilo Oscar Lancini
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Anna-Michelle Asimakopoulou, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Mircea-Gheorghe Hava, Danuta Maria Hübner, Sandra Kalniete, Seán Kelly, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Leopoldo López Gil, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Tomáš Zdechovský, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Jordi Cañas, Dacian Cioloş, Katalin Cseh, Bernard Guetta, Svenja Hahn, Georgios Kyrtsos, Urmas Paet, Dragoş Tudorache, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Attila Ara-Kovács, Włodzimierz Cimoszewicz, Corina Creţu, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Miapetra Kumpula-Natri, Bernd Lange, Margarida Marques, Pedro Marques, Sven Mikser, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Joachim Schuster, Sergei Stanishev, Kathleen Van Brempt
The Left	Clare Daly, Helmut Scholz, Mick Wallace
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Heidi Hautala, Sergey Lagodinsky, Sara Matthieu, Jordi Solé, Tineke Strik, Thomas Waitz

1	-
NI	Kostas Papadakis

3	0
ID	Jaak Madison, Bernhard Zimniok
The Left	Giorgos Georgiou

Key to symbols:
+ : in favour
- : against
0 : abstention